ilkoll.

# Manifest Elettorali 2026

ADPD

3 **Introduzzjoni**
4 **Għal kostituzzjoni li ssaħħaħna**
5 **L-Etika fil-ħajja pubblika**
6 **Finanzjament tal-partiti politiċi fl-interess tagħna**
7 **Żvilupp sostenibbli**
8 **L-Ambjent tagħna**
9 **L-Użu tal-art fl-interess komuni**
9 **Pjani lokali għalina lkoll**
10 **ODZ**
10 **Spazji miftuħa**
11 **15-il minuta 'l bogħod**
12 **Il-Bordijiet li jieħdu d-deċiżjonijiet**
12 **Id-Dritt ta' aċċess għall-kampanja**
12 **L-Ilma**
13 **It-Toroq lura lin-nies u mobilità sostenibbli**
13 **Il-Falliment tal-politika tat-toroq**
14 **Trasport pubbliku u BRT**
15 **Vjaġġar bir-rota u l-pedelecs**
15 **Innaqqsu l-karozzi**
16 **B'saħħitna lkoll**
16 **Nemfasizzaw il-prevenzjoni**
16 **Dewmien u stennija fis-servizz tas-saħħa**
17 **Saħħa ambjentali**
17 **Aċċess għal prodotti farmaċewtiċi u analiżi medika**
17 **Saħħa mentali**
19 **Emerġenza klimatika**
21 **Enerġija**
22 **Skart-żero**
23 **Annimali**
24 **Kaċċa u nsib**
25 **Il-Biedja**
26 **Is-Sajd**
27 **L-Ibħra huma ħajjitna**
27 **Viżjoni għall-edukazzjoni**
29 **Politika soċjali**
29 **Living wage**
30 **Dritt għall-kenn**
30 **Propjetà vojta**
30 **Koperattivi għad-djar**
30 **Il-flus, waħedhom mhux soluzzjoni**
31 **Parental leave**
31 **Ġimgħa ta' erbat ijiem xogħol**
31 **Dinjità għal kulħadd**
31 **Gender wage gap**
32 **Dħul minimu garantit**
32 **Is-Suq tal-kera**
33 **Ekonomija soċjali u ekoloġika**
34 **Koperattivi**
35 **Insaħħu l-welfare state permezz tal-koperattivi**
36 **Diġitalizzazzjoni għall-ġid komuni u sovranità Ewropea**
36 **Ekosistema diġitali Ewropea**
36 **Software open source u amministrazzjoni pubblika**
37 **Internet miftuħ u deċentralizzat**
37 **Privatezza, drittijiet u kontroll demokratiku**
37 **Impjiegi, lingwi u opportunitajiet ġodda**
38 **L-Intelliġenza artifiċjali u l-kreattività**
39 **Turiżmu: nindirizzaw il-ħsara li saret u li qed tikber**
40 **L-Industrija tal-bini**
40 **Servizz ġeoloġiku Malti**
41 **Passaport għall-bini**
41 **Gvern lokali u reġjonali**
42 **Għawdex**
43 **Saħħa sesswali u riproduttiva**
44 **Kontraċettivi**
44 **L-abort: dikriminalizzazzjoni**
45 **Ilkoll ugwali**
46 **Ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata**
46 **Newtralità**
47 **Immigrazzjoni**
48 **Is-settur tal-arti, tal-films u l-industriji kreattivi**
49 **Is-settur volontarju u l-NGOs**

# INTRODUZZJONI

**ilkoll.**

Inħarsu lejn il-politika bħala servizz lejn pajjiżna. Servizz lejn il-pajjiż kollu. Servizz kontinwu li jagħti valur lil kull persuna. Hu servizz li jfittex li jagħmel lill-pajjiżna ħafna aħjar milli hu. Pajjiż fejn nistgħu ngħixu Ikoll bħal aħwa: ilkoll, flimkien.

Servizz li għandu jwassal biex titwarrab il-mibgħeda u r-regħba. Servizz li jpoġġi l-ġid komuni fuq quddiem nett bħala l-ewwel u l-iprem konsiderazzjoni ta' dak kollu li nagħmlu fil-ħajja pubblika.

Hu servizz li, filwaqt li jseddaq l-għaqda u l-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet preżenti, jfittex li jħejji t-triq biex il-ġenerazzjonijiet ta' għada jkollhom il-possibiltà li huma wkoll jagħmlu l-għażliet tagħhom. Għażliet li ma jkunux imxekkla minn dak li aħna niddeċiedu llum. Din hi l-vera sostenibilità: li kontinwament naħsbu f'dawk li ġejjin warajna. Li nfittxu li ma nxekkluhomx bl-għażliet li nagħmlu illum.

Servizz li huwa mibni fuq il-ħtieġa kontinwa ta' governanza tajba, trasparenza, kontabilità, istituzzjonijiet li jħarsuna u qrati li jagħmlu l-ħaqq fil-ħin.

Il-punti bażi tal-ħidma politika Ħadra huma sitta: l-għarfien ekoloġiku, l-ġustizzja soċjali, d-demokrazija parteċipattiva, n-non-vjolenza, s-sostenibilità u r-rispett tad-diversità. Huma marbutin flimkien, ħaġa waħda: programm wieħed, sħiħ u konsistenti.

Il-kuntrast tal-Aħdar politiku mal-partiti politiċi l-oħra jimmanifesta ruħu l-iktar fil-politika ambjentali imma diversi drabi jidher ukoll f'oqsma oħra bħall-ġustizzja soċjali jew id-drittijiet ċivili. Jimmanifesta ruħu kemm fid-diskrepanza bejn dak li jingħad u dak li jsir, inkella fir-ritmu li bih jitwettaq dak li dwaru jidher li jkun hemm konvergenza ta' ħsieb.

Il-politika Ħadra tmexxi 'l quddiem politika progressiva li teżiġi minn kull bniedem li jerfa' r-responsabbiltà ta' għemilu. Responsabbiltà fil-konfront ta' bnedmin oħra kif ukoll responsabbiltà fil-konfront tal-ekoloġija. Ġustizzja soċjali u ġustizzja ambjentali li jirfdu lil xulxin. Dipendenti minn xulxin. Għax waħda mhix sħiħa mingħajr l-oħra. Nimxu 'l quddiem ilkoll flimkien, id f'id, mal-eko-sistema ukoll.

Din hi l-politka tagħna. Li dak li nipproponu kif ukoll dak li nfittxu li nwettqu nagħmluh dejjem bl-aħjar mod possibbli. Il-politika ħadra mhix bilanċ ta' interessi iżda sforz kontinwu biex nimxu sewwa, dejjem u f'kull ħin. Ilkoll flimkien, bla ħadd ma jaqa' lura.

It-triq li twassalna għal ħidma sewwa għandha l-isfidi tagħha, għax, kontinwament trid titħabat ma' interessi egostiċi li jfittxu li jipperpetwaw l-istatus quo. Dawk, jiġifieri, li huma kontra kull bidla, għax bidla għalihom tfisser li huma ma jibqgħux jiddominaw.

Mhux kull bidla hi neċessarjament tajba. Hemm ħafna li jeħtieġ li jinbidel. Imma daqskemm huwa importanti li jinbidlu bosta ħwejjeġ, daqstant ieħor hu importanti l-mod kif issir il-bidla. Mhux biex ma jintrifsux kallijiet iżda biex waqt li jkunu eliminati inġustzzji jew żbalji li saru jew akkumulaw tul is-snin ikun assigurat li dawn ma jkunux sostitwiti b'inġustizzji jew żbalji ġodda.

Hemm bżonn li l-inġustizzji u l-iżbalji nnaqqsuhom, mhux nibdlulhom isimhom.

Fix-xena politika Maltija għal ħafna snin indrat id-diska li jew ikħal inkella aħmar. L-Aħdar fl-arena politika demokratika jfisser li hemm alternattiva demokratika għall-alternanza bejn l-ilwien tradizzjonali. Alternattiva politka li teżisti fi kważi l-parlamenti kollha Ewropej.

# GĦAL KOSTITUZZJONI LI SSAĦĦAĦNA

Hu meħtieġ li ma nibqgħux nemendaw il-kostituzzjoni bil-burdati, b'reazzjoni għal kriżi jew kriżijiet politiċi. Huwa essenzjali li l-Konvenzjoni Kostituzzjonali li issa ilha is-snin fuq l-aġenda tal-pajjiż issir bla iktar tkaxkir tas-saqajn. ADPD diġà ppreżenta proposti dettaljati[1]. Proposti li issa ilhom is-snin li saru. Il-proposti f'dak id-dokument tkellimna fit-tul dwarhom u huma ukoll suġġett ta' dan il-Manifest Elettorali.

Il-pajjiż jinbidel kontinwament u huwa meħtieġ li dan ikun rifless anke fil-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni għandha tkun dokument ħaj li jirrifletti l-aspirazzjonijiet ta' Malta tal-lum.

Il-preokkupazzjoni dwar l-abbuż ta' poter għandu jkun rifless fil-Kostituzzjoni billi jkunu imsaħħa l-istituzzjonijiet. Nibdlu kemm nibdlu fil-Kostituzzjoni, anke jekk saħansitra nfasslu Kostituzzjoni ġdida għal kollox, fl-aħħar, dejjem se niddependu minn dawk li jħaddmuha u għalhekk fuq dawk li jintgħażlu biex imexxu l-pajjiż bħala riżultat tal-proċess demokratiku.

Proċess elettorali sigur li jħares l-ilħna u l-veduti kollha fil-pajjiż hu għaldaqstant fundamentali għax minnu nnifsu huwa l-isħaħ garanzija għall-ħarsien tal-Kostituzzjoni.

Dan ma jgħoddx għalina biss, imma għal kull pajjiż li jirrispetta lilu nifsu. Huwa għalhekk li hu dejjem iktar meħtieġ li l-poteri kostituzzjonali jkunu mifruxa u mhux fi ftit idejn. Fejn dan iseħħ b'mod adegwat joħloq kontro-bilanċ bejn il-poteri differenti u allura jnaqqas il-possibiltà li l-abbuż u d-diffikultajiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien jikbru u jitwalu żżejjed u dan bi ħsara għall-pajjiż kollu.

Il-proposti tagħna għal tiġdid kostituzzjonali huma:

1. li l-mekkaniżmu għall-aġġustament tar-riżultat elettorali għall-proporzjonalità, kif ukoll dak għal bilanċ ta' rappreżentanza tal-ġeneru, ma jibqax privileġġ tal-partiti preżentement fil-Parlament imma japplika għal kull partit politiku li jikkontesta elezzjoni ġenerali, u dan soġġett għal għatba ta' 2.5% tal-voti validi; mhux meħtieġ li l-parlament jikber fid-daqs biex ikun rappreżentattiv;
2. kull Membru Parlamentari għandu jiddedika l-ħin tiegħu kollu għall-ħidma parlamentari; m'għandux ikun hemm eċċezzjonijiet;
3. il-Parlament għandu jdum għal perjodu fiss; il-Prim Minsitru m'għandux ikollu s-setgħa li jxolji l-Parlament u jsejjaħ elezzjoni meta jkun jaqbel politikament; il-Parlament għandu jkun awto-regolat u għandu jkun hu biss li f'ċirkostanzi straordinarji jkollu l-awtorità li jxolji jew b'xi mod ieħor iwaqqaf il-ħidma tiegħu; preferibilment b'maġġoranza kkwalifikata;
4. il-korpi Kostituzzjonali għandhom jinħatru direttament mill-Parlament jew fuq parir tiegħu; dan b'mod partikolari b'referenza għall-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u l-Awtorità tax-Xandir; il-Parlament għandu jissorvelja l-ħidma ta' dawn il-korpi kostituzzjonali kontinwament u mhux biss meta tinqala' xi kriżi;
5. il-President tar-Repubblika m'għandux jibqa' jiġi elett mill-Parlament waħdu, iżda minn kulleġġ elettorali li apparti l-Membri Parlamentari jkun fih ukoll rappreżentanza tal-Kunsilli Lokali;
6. Il-President tar-Repubblika għandu jingħata l-għodda legali biex ikun jista' jħares il-Kostituzzjoni; in partikolari għandu jkun possibbli biex il-President tar-Repubblika jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għad-dħul fis-seħħ ta' liġi jekk din tkun tmur kontra dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni;
7. Il-ħatra ta' persuni ta' fiduċja (persons of trust) fl-amministrazzjoni pubblika hi drawwa li rabbiet l-għeruq imma li hi kemm illegali kif ukoll inaċċettabbli; ħlief fil-każ tas-segretarjat privat tal-ministeri, din id-drawwa trid tieqaf minnufih;
8. L-eżistenza ta' stazzjonijiet tat-TV u r-radju f'idejn il-partiti politiċi hi inaċċettabbli fis-soċjetà tal-lum; dawn għandhom jispiċċaw u dan f'kuntest ta' riforma radikali tax-xandir pubbliku li tassigura l-imparzjalità u li kull leħen ikollu l-possibiltà li jinstema';
9. L-artiklu 2 fil-Kostituzzjoni dwar ir-reliġjon hu anakroniżmu u għandu jitħassar fit-totalità tiegħu; il-libertà reliġjuża hi regolat b'mod tajjeb mill-kapitlu dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Kostituzzjoni;
10. Is-sussidjarjetà għandha tkun rikonoxxuta bħala waħda mill-pedamenti essenzjali tar-repubblika bħala linja gwida kostituzzjonali għall-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż;

1 Ara https://adpd.mt/wp-content/uploads/2019/1/AD_Riforma-Kostituzzjonali.pdf

11. In-newtralità ta' Malta għandha tkun definita b'mod iktar ċar u relevanti fis-sens li Malta hi newtrali militarment imma mhix newtrali politikament. In-newtralità Maltija għandha tkun interpretata bħala ċaħda assoluta tal-forza bħal għodda għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-istati. Għandu jkun rinfurzat il-bqija tal-artiklu favur il-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali waqt li jkun assigurat li f'Malta ma jkunx hawn bażi militari u li Malta ma tkun fl-ebda ħin assoċjata ma' alleanza militari;
12. Drittijiet diġitali għandhom jingħataw għarfien kostituzzjonali;
13. Il-kunflitti bejn il-Gvern u l-Ombudsman jew l-Awditur Ġenerali jeħtieġu soluzzjoni immedjata, b'mod partikolari meta dawn jitolbu informazzjoni fil-kors tal-ħidma tagħhom u din ma tingħatalhomx;
14. Id-dritt għar-referendum abrogattiv jeħtieġ li jissaħħaħ; għandu jkun introdott ukoll id-dritt għal referendum propożittiv;
15. Il-linji gwida fit-tieni kapitlu tal-Kostituzzjoni m'għandhomx ikunu sempliċiment dikjarazzjoni ta' prinċipji imma għandu jkun possibbli li ċittadin jieħu passi biex dawn ikunu applikati b'mod konkret fil-politika mħaddma mill-gvern tal-ġurnata; dan jgħodd għall-principji kollha msemmija, imma prinċipalment għall-artiklu 9 li jitkellem dwar l-ambjent.

## L-ETIKA FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

L-indafa fil-ħajja pubblika rridu naħdmu għaliha kuljum. L-attenzjoni tagħna għandha tkun waħda kontinwa, kemm billi nassiguraw trasparenza, kif ukoll b'kontabilità kontinwa.

Il-Membru Parlamentari għandu jinqata' kompletament minn kull xogħol ieħor biex ikun possibbli li jiddedika ħinu kollu għall-ħidma Parlamentari. Dan hu essenzjali biex tonqos sostanzjalment il-possibiltà ta' kunflitt ta' interess bejn ir-responsabbiltajiet parlamentari u dawk professjonali jew dawk li jirriżultaw mix-xogħol. F'soċjetà żgħira bħal tagħna dan hu essenzjali li jsir.

Il-ħidma tal-Membru Parlamentari għandha tkun iffukata fuq ix-xogħol tal-Parlament. Primarjament dan ifisser li jilleġiżla u jissorvelja l-ħidma kollha tal-gvern. Għalhekk ma jagħmilx sens li l-Membru Parlamentari jinħatar fuq bordijiet ta' awtoritajiet u kummissjonijiet kemm dawk maħtura fis-settur pubbliku kif ukoll dawk fis-settur privat. Dan ġie emfasizzat ukoll kemm-il darba mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Biex is-sorveljanza tista' ssir sewwa hemm ħtieġa ta' trasparenza kontinwa.

Wieħed min-nuqqasijiet il-kbar li jeħtieġ li tkun indirizzata hija li mhux regolat il-lobbying. Ilhom is-snin isiru l-proposti dwar dan, imma daqstant ieħor das-suġġett ilu jiġi evitat.

Għandu jingħad li fih innifsu l-lobbying mhux ħażin għax hu essenzjali li fil-ħajja pubblika jkun hemm interazzjoni ta' ideat u proposti għal inzjattivi għal diversi miżuri jew deċiżjonijiet. Hu tajjeb li l-politiku jiltaqa' kif ukoll li jisma' lil kulħadd inkluż li jirċievi u jikkunsidra proposti għal azzjoni, anke jekk min jagħmel il-proposti jkollu interess dirett f'dak propost. Kulħadd għandu d-dritt li jmexxi 'l quddiem l-ideat tiegħu u l-politiku għandu l-obbligu li jisma' lil kulħadd kif ukoll l-obbligu li jgħarbel u jiżen kulma jisma'. Imma għandu ukoll l-obbligu li jaġixxi fl-interess tal-komunità kollha u qatt biex jaġevola lil xi ħadd jew lil xi settur partikolari a skapitu tal-bqija.

Ir-regolamentazzjoni tal-lobbying, għaldaqstant, tfittex li titfa' dawl fuq dan kollu, billi tassigura trasparenza fil-ħidma tal-ministri u l-ministeri tagħhom, tal-awtoritàjiet pubbliċi, tar-regolaturi, kif ukoll ta' dawk kollha fis-settur pubbliku li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Għandu jkun magħruf b'mod regolari ma' min ikunu saru laqgħat mill-ministri, segretarji parlamentari u mill-uffiċjali għolja tal-gvern u tal-awtoritajiet pubbliċi. Għandhom ikunu pubbliċi l-minuti tal-laqgħat ta' dawk kollha li jeżerċitaw il-poter politiku u amministrattiv kif ukoll għandhom ikunu aċċessibli l-proposti li huma jkunu rċevew flimkien mal-istudji li jkunu saru biex iwieżnu dawn il-proposti.

B'dan il-mod ikun ċar kif idea jew proposta tkun żviluppata kif ukoll ir-raġunijiet li jwieżnu deċiżjoni u mhux oħra. Dan jgħin biex id-dibattitu pubbliku jkun infurmat u jnaqqas il-biża' u s-suspetti li xi ħadd jew ieħor qiegħed ikun aġevolat a skapitu tal-interess komuni.

Għandha tinżamm id-distanza bejn id-dinja tan-negozju u l-amministrazzjoni pubblika f'kull ħin. Il-lobbying ma jsirx

biss permezz tal-laqgħat. Isir ukoll, u ħafna drabi hu iktar effettiv, permezz tal-mod kif isiru l-impjiegi fis-settur pubbliku inkella kif is-settur privat jimpjega lil min ikun għadu kif spiċċa minn kariga regolatorja.

Hemm bżonn li din il-prattika, magħrufa bħala *revolving door employment* tkun regolata aħjar milli hi illum. Illum permezz ta' regoli tal-amministrazzjoni pubblika mhux possibbli li, b'mod ġenerali, r-regolatur ikun impjegat mis-settur privat hekk kif itemm il-ħatra pubblika tiegħu. Hu meħtieġ li jgħaddi ftit taż-żmien. Dak imsejjaħ cooling-off period.

Dan, imma, mhux biżżejjed. Hemm bżonn li jkun regolat ukoll l-ingaġġ fis-segretarjat privat ta' ministru jew segretarju parlamentari jew f'dawk l-awtoritajiet pubbliċi ta' persuni ġejjin mis-settur privat. Anke hawn hemm il-ħtieġa ta' cooling-off period biex ikun assigurat li ħadd ma jispiċċa jirregola jew jamministra inkella jissorvelja settur li fih hu stess kien attiv ftit qabel.

Hemm ħtieġa ukoll li ma jibqax ikollna t-tkaxkir tas-saqajn fuq id-dikjarazzjoni tal-assi tal-membri parlamentari u tal-membri kollha tal-kabinett. Mhux daqstant importanti jekk issirx dikjarazzjoni waħda komuni għal kulħadd inkella jekk ikunx hemm dikjarazzjonijiet differenti. Huwa essenzjali li ma jinħolqux irkejjen fejn jinħeba l-ġid mhux spjegat. Hu għalhekk essenzjali li ma jkunx possibbli li membri parlamentari u membri tal-kabinett jaħbu ġid akkumulat f'isem il-konjuġi. Fejn tapplika l-komunjoni tal-akkwisti, għaldaqstant, id-dikjarazzjoni tal-assi għandha tinkludi l-assi tal-konjuġi ukoll, kif wara kollox kien isir sa ftit taż-żmien ilu.

## FINANZJAMENT TAL-PARTITI POLITIĊI FL-INTERESS TAGĦNA

Għandha tittejjeb il-liġi tal-finanzjament tal-partiti politiċi billi fost oħrajn tkun eliminata l-possibilità li jkunu l-partiti politiċi stess li jirregolaw lilhom infushom permezz tal-Kummissjoni Elettorali li hi komposta fil-maġġor parti tagħha minn rappreżentanti tal-partiti fil-parlament.

L-iskema diġà eżistenti ta' finanzjament tal-partiti politiċi mill-istat, li preżentement hi limitata għall-partiti politiċi fil-parlament, għandha tkun estiża għall-partiti politiċi kollha reġistrati u dan billi kull sena kull partit politiku li jikseb tal-inqas 1% tal-voti f'elezzjoni ġenerali, jew f'elezzjoni tal-Parlament Ewropew inkella fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali jirċievi direttament mill-istat għotja kull sena għal kull vot miksub.

Fil-passat saru diversi proposti dwar dan. Fil-Manifest Elettorali tal-2013 Alternattiva Demokratika kienet ipproponiet li din l-għajnuna tkun ta' €3 għal kull vot kull sena. Il-Partit Laburista fil-Parlament matul il leġislatura 2008-13 min-naħa l-oħra kien ippropona r-rata ta' €5 għal kull vot. Il-Partit Nazzjonalista, fil-gvern matul il-leġiżlatura 2008-13 kien irrifjuta li jikkonsidra l-proposta tal-Partit Laburista. Illum huwa l-Partit Nazzjonalista nnifsu li qed jitlob finanzjament dirett tal-istat għall-partiti politiċi. Imma illum il-Partit Laburista fil-gvern, mhux jaqbel.

Fil-konfront ta' dan kollu nippreżentawlkom mill-ġdid il-proposta tagħna, konsistenti tul is-snin. Imma marbuta ma' skema ta' finanzjament pubbliku tal-partiti politiċi għandu jkun hemm limitazzjonijiet ikbar milli hemm illum dwar donazzjonijiet li partiti politiċi jkunu jistgħu jirċievu.

Qed nipproponu li partit politiku ma jkunx jista' jirċievi donazzjoni li taqbeż il-€5,000 fis-sena mingħand persuna partikolari. Dan il-limitu illum huwa ta' €25,000.

Hu meħtieġ ukoll li jkunu regolati l-kumpaniji kummerċjali tal-partiti politiċi. Idealment għandu jkun ipprojibit li l-partiti politiċi jiġġestixxu attività kummerċjali. Sakemm dan ikun jista' jseħħ, iżda, hemm bżonn trasparenza ikbar fl-amministrazzjoni ta' dawn l-azjendi. In partikolari ma tistax tibqa' sitwazzjoni fejn il-kontijiet verifikati ta' kumpaniji tal-PN u l-PL ilhom snin twal ma jkunu ppreżentati.

M'għandux ikun possibbli li l-partiti politiċi jużaw dawn il-kumpaniji kummerċjali biex permezz tagħhom jiksbu finanzjament illegali fi kwalunkwe forma.

Il-partiti politiċi għandhom, ta' kull sena, apparti li jiddikjaraw kemm kisbu donazzjonijiet, jiddikjaraw ukoll kull self li għandhom, irrispettivament mill-forma ta' dan is-self.

Il-Parlament għandu jeżamina sewwa liema hi l-propjetà pubblika li illum il-ġurnata hi użata mill-partiti politiċi. Għandu jassigura ruħu li din il-propjetà li fuqha titħallas il-kera, tkun soġġetta għall-ħlas ta' kirjiet kummerċjali li jkunu reveduta regolarment.

L-anqas ma hu aċċettabbli li l-partiti politiċi ikollhom kontijiet pendenti ma' entitajiet jew awtoritajiet pubbliċi. Hu magħruf li hemm pendenzi sostanzjali kemm ta' kontijiet tal-elettriku u l-ilma kif ukoll ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u PAYE miġbura kemm mill-PN kif ukoll mill-PL.

L-eżistenza ta' dawn il-pendenzi finanzjarji hi mod ieħor kif il-PN u l-PL qed jieħdu finanzjament pubbliku b'mod abbużiv għall-ħidma politika tagħhom.

# ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli tirrikjedi sensittività dwar l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-lum fuq il-ġenerazzjonijiet ta' għada. Tirrikjedi mhux biss viżjoni fit-tul iżda impenn biex lill-ġenerazzjonijiet ta' għada jitħallielhom l-ispazju biex huma ukoll ikun possibbli għalihom li jieħdu id-deċiżjonijiet tagħhom.

F'dan il-kuntest għandu rwol importanti l-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri li minkejja li saret liġi dwaru u dwar ħidmietu għaxar snin ilu ftit li xejn instema' aħbaru tul is-snin. Hemm bżonn li l-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri jkollu l-ħila li jgħarbel u jifli l-ħidma tal-gvern. Ftit li xejn jinstema' u allura mhux ċar eżattament x'inhu jagħmel. It-terminu 'żvilupp sostenibbli' huwa l-iktar wieħed mit-termini fid-dizzjunarju politiku li huma użati ħazin. Il-lingwaġġ politiku użat, kważi qatt ma jasal biex ifisser u jispjega li l-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli hi politika li tħares fit-tul: li kontinwament, huma u jittieħdu d-deċiżjonijiet, dawn jagħtu kas tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-gvernijiet ma jagħtux importanza biżżejjed lill-iżvilupp sostenibbli għax din mhix biss dwar illum imma hi ukoll dwar għada. Hi dwar kif il-ħidma tal-lum teħtieġ li ssir b'mod li ma jkunx ippreġudikat għada u l-ġenerazzjonijiet futuri. Il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli mhix biss dwar l-ambjent: hi dwar kif inħarsu b'mod integrat lejn il-politika ambjentali, ekonomika, soċjali u kulturali. Tfisser li l-ħidma tagħna jeħtieġ li tħares fit-tul u li simultanjament trid tkun kompatibbli man-natura, mal-ekonomija, mal-iżvilupp uman u mal-kultura tagħna.

L-iżvilupp sostenibbli hu dwar kif nistgħu f'kull ħin inkunu f'armonija ma dak li aħna mdawrin bih. Il-ħin kollu, u mhux biss meta jaqbel. Tirrikjedi s-sinkronizzazzjoni tal-politika kulturali, soċjali, ambjentali u ekonomika. Għax il-ħarsien tad-dinjità umana, l-apprezzament tal-wirt kulturali u l-ħarsien ambjentali huma essenzjali daqs l-iżvilupp ekonomiku. Fil-qafas globali kif ukoll Ewropew, il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli tfisser ukoll l-implimentazzjoni tal-miri dwar l-iżvilupp sostenibbli approvati mill-Ġnus Magħquda: 17-il mira imfissra f'169 oġġettiv. Din hi l-Aġenda Globali 2030 li dwarha l-Unjoni Ewropea ħadmet ħafna biex tkun maqbula mill-komunità internazzjonali. Filwaqt li l-Aġenda 2030 hi importanti kollha kemm hi, partijiet minnha għandhom importanza ikbar għalina f'Malta.

Ħu, per eżempju, l-immaniġjar tal-ilma. Hu essenzjali li nifhmu li huwa meħtieġ li r-riżorsa tal-ilma nieħdu ħsiebha sewwa u li l-użu li nagħmlu minnha jkun wieħed sostenibbli. Sfortunatament, sal-lum, l-immaniġjar tal-ilma f'Malta huwa ikkaratterizzat minn doża mhux żgħira ta' inkompetenza. Hemm aċċess kważi bla kontroll għall-ilma tal-pjan filwaqt li kwantità kbira ta' ilma tax-xita jintrema l-baħar: kemm direttament permezz tal-mini li tħaffru għal dan l-iskop kif ukoll permezz tas-sistema tad-drenaġġ. Ir-regoli dwar il-ġbir u l-ħażna tal-ilma tax-xita applikati mill-awtoritajiet għal bini u żvilupp ġdid ħafna drabi mhumiex osservati. L-awtoritajiet ftit li xejn jagħtu kas.

Il-politika dwar it-transport hi qasam ieħor fejn l-ippjanar, li ma jħarisx fit-tul, jeħtieġ li jkun sostitwit billi tkun applikata l-politika ta' żvilupp sostenibbli. Il-Pjan Nazzjonali tat-Trasport, li kellu jibqa' fis-seħħ sal-2025, jiġbdilna l-attenzjoni li nofs il-vjaġġi li nagħmlu bil-karozzi privati jdumu inqas minn kwarta. Dan jindika li inizjattivi biex jitrażżan it-traffiku fuq livell lokali u reġjonali jista' jindirizza b'mod effettiv il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq tagħna bil-vantaġġ doppju ta' titjib fil-kwalità tal-arja fejn din hi l-iktar meħtieġa. Imma minflok ma nagħmlu dan inberbqu l-miljuni fi proġetti ta' infrastruttura għal toroq li m'hemmx bżonnhom.

L-affarijiet huma agħar fil-qasam tal-ippjanar għall-użu tal-art. Gvernijiet suċċessivi wrew li ma kienux kapaċi jrażżnu l-iżvilupp esaġerat. B'wiċċ ta' qdusija artifiċjali t-tmexxija politika tal-pajjiż tiddeskrivi lilha nnifisha bħal ħbieb tan-negozji

(*business friendly*) inkella, kif smajna ħbieb tas-suq (*market friendly*) u dan biex jippruvaw jiġġustifikaw in-nuqqas ta' azzjoni adegwata. Qalulna li l-industrija tal-bini tant ħolqot impjiegi li qed tikkontribwixxi b'mod effettiv għal titjib fil-kwalità tal-ħajja.

Imma, kif bla dubju nafu lkoll, l-industrija tal-kostruzzjoni kienet fuq quddiem nett tkattar il-ħsara lill-pajjiż permezz ta' żvilupp esaġerat bil-pretensjoni li l-ħsara ambjentali kkawżata minnhom nagħmlu tajjeb għaliha aħna, l-bqija. Sfortunatament, ġew mgħejjuna minn gvernijiet suċċessivi li kontinwament fittxew kif jagħmluhielhom iktar faċli biex igawdu l-frott ta' ħidmiethom. L-ippjanar tal-użu tal-art kif ipprattikat f'pajjiżna mhux sostenibbli u iktar ma jkun imrażżan malajr, ikun aħjar għal kulħadd.

In-nuqqas tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli tinħass prattikament fl-oqsma kollha. Jeħtieġ li illum qabel għada nħarsu fit-tul f'kull deċiżjoni li tittieħed.

# L-AMBJENT TAGĦNA

Il-politika ambjentali tikkonċerna kif aħna nġibu ruħna fil-konfront ta' dak kollu li hawn madwarna. Għax aħna l-bnedmin, nifformaw parti minn ekosistema. Aħna parti integrali mill-ekosistema.

Ma nistgħux ngħixu mingħajr is-servizzi li tipprovdilna n-natura. Għandna l-obbligu li dawn nużawhom bir-reqqa mhux biss fl-interess tagħna illum imma anke fl-interess tal-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Irridu noqgħodu attenti li fil-mod kif nużaw is-servizzi li tipprovdilna in-natura, mhux biss naħsbu f'għada, imma fuq kollox inżommu dejjem quddiem għajnejna li l-esaġerazzjoni fl-użu tista' twassal għal kollass fis-servizzi li tipprovdi n-natura.

Hu fuq dan li tinbena politika ambjentali li tagħmel sens. Għax il-politika ambjentali għandha tkun ferm iktar minn strument biex issewwi l-ħsara li diġà saret. Iktar għandha tkun mezz biex ikun assigurat li fil-mod kif inġibu ruħna nevitaw il-ħsara illum.

Sfortunatament, iżda, l-ħsara issir kontinwament għax il-gvernijiet fittxew li jinqdew il-ħtiġijiet tal-lum mingħajr wisq każ li dan kollu, ħafna drabi, għandu impatt drastiku fuq għada.

Fil-lingwaġġ popolari lokali l-ambjent hu iktar assoċjat mal-iżvilupp tal-art u mal-kaċċa u l-insib. Filwaqt li hu veru li dawn l-oqsma assumew sinifikat sproporzjonat fil-politika ambjentali lokali, din hi u għandha tkun ferm iktar wiesa' minn hekk. Tul dawn l-aħħar snin kiber l-interess u żdiedet il-ħidma f'diveri oqsma ambjentali, prinċipalment biex ikunu onorati obbligi tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Il-kwalità tal-arja hi fqira. Din tikkontribwixxi għal mard respiratorju. Kontributur ewlieni għal dan hu in-numru ta' karozzi li kontinwament jiżdied b'rata mgħaġġla. Li nimxu lejn mobilità sostenibbli huwa essenzjali biex nindirizzaw din il-problema kbira. Kif nispjegaw iktar 'l isfel f'dan il-manifest, iċ-ċokon ta' pajjiżna joffrilna soluzzjonijiet.

L-użu tal-art għandu jkun soġġett kontinwament għal kriterji ambjentali ċari. Fosthom l-impatti fuq il-klima. Huwa essenzjali li l-lokalitajiet tagħna jingħataw iktar ħajja u jkunu mgħejjuna biex il-parti l-kbira ta' dak meħtieġ għall-ħajja jkun jinstab f'distanza raġjonevoli minn djarna. Dan inaqqas il-ħtieġa li nivvjaġġaw u allura niġġeneraw inqas traffiku. Il-permessi bħall-pastizzi li ħerġin għas-supermarkets, dan kollu jinjorawh. Hu meħtieġ revizjoni totali tal-pjani lokali kif ukoll li jkun ikkanċellat darba għal dejjem il-pjan ta' razzjonalizzazzjoni li riżultat tiegħu kwantità kbira ta'art ODZ saret tajba għall-iżvilupp.

Aħna diġà pproponejna lill-Konvenzjoni Kostituzzjonali li l-prinċipji ambjentali li hemm fit-tieni kapitlu tal-Kostituzzjoni ma jkunux biss dikjarazzjoni fuq il-karta li jservu bħala linja gwida għall-ħidma tal-gvern. Għandu jkun possibbli li fejn meħtieġ kull ċittadin li jidhirlu hekk meħtieg jitlob il-protezzjoni tal-qrati biex il-gvern jaġixxi f'oqsma ambjentali li dwarhom ikun qed ikaxkar saqajh, inkella ma jkun qed jagħmel xejn, inkella ma jkunx qed jagħmel biżżejjed. Miżura bħal din isaħħaħ l-istatus tal-għaqdiet ambjentali u tas-soċjetà ċivili bid-dritt li dawn jintervjenu quddiem il-qrati Maltin, u jekk meħtieg dawk Ewropej, għal dan l-iskop. L-għaqdiet ambjentali għandhom jingħataw għajnuna finanzjarja mill-istat biex ikun jistgħu jwettqu aħjar l-obbligi tagħhom.

# L-UŻU TAL-ART FL-INTERESS KOMUNI

Id-dibattitu dwar l-użu tal-art ma jieqaf qatt. Fiha innifisha din hi ħaġa naturali għax dan jinvolvi kontinwament deċiżjonijiet ta' kontroversja. Issa, imma, wasalna fi stat perikoluż. Ftit ftit qed jiġu żarmati s-salvagwardji kontra l-iżvilupp abbużiv.

Is-sena l-oħra l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kkummenta li peress li hawn nuqqas ta' regolamentazzjoni l-istituzzjonijiet regolatorji jiġu kkontrollati faċilment mis-setturi stess li suppost jirregolaw. Fil-passat kellna deċiżjoni dwar permess ta' żvilupp imħassar mill-qrati minħabba li l-gvern ħatar fuq il-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar aġent tal-propjetà (estate agent), li diġà kien qed jirreklama l-propjetà li kellu quddiemu biex jiddeċiedi dwarha.

Dan il-fatt waħdu juri l-qagħda mwegħra tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn m'hemmx konsiderazzjoni ta' kunflitti ta' interess huma u jittieħdu d-deċiżjonijiet. Kontinwament jinħatru persuni fil-bordijiet u l-kummissjonijiet li huma kompromessi minħabba l-involviment kontinwu tagħhom mal-iżvilupp. Dan jippreġudika l-proċess kollu. Proċess li minnu innifsu hu diġà ta' natura kontroversjali jeħtieġ mhux biss li jitmexxa minn persuni ta' integrità indiskussa, imma fuq kollox minn persuni distakkati kompletament mis-settur li qed jirregolaw.

Ir-riforma li ppropona l-gvern f'dawn l-aħħar xhur fl-ippjanar tal-użu tal-art tkompli tagħmel sitwazzjoni ħażina agħar milli diġà hi. Ir-regoli tal-ippjanar diġà huma dgħajfa. Il-Gvern irid jintroduċi iktar diskrezzjoni biex dawn jiddgħajfu iktar. Iridu jiffaċilitaw il-bini barra miż-żona tal-iżvilupp. Iridu jinqdew mill-isport biex ikomplu jifirxu l-bini anke barra miż-żona tal-iżvilupp.

L-ippjanar għall-użu tal-art huwa essenzjali biex bħala pajjiż namministraw ir-riżorsi konnessi mal-art b'mod ġust. Dan ifisser li dejjem, fuq quddiem għandu jkun hemm il-ġid komuni.

Dan għandu jimmanifesta ruħu kemm fil-mod kif l-istat jamministra l-iżvilupp tal-art kif ukoll fil-miżuri li jittieħdu biex il-komunitajiet tagħna jkunu jistgħu jgħixu ħajja li tirrispetta d-dinjità tagħhom.

L-ippjanar għall-użu tal-art f'Malta hu kkaratterizzat minn reżistenza għal ippjanar serju mill-industrija u rispons ta' flessibilità sostanzjali mill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan kollu kkontribwixxa għas-sitwazzjoni attwali.

Is-soċjetà ċivili u l-għaqdiet ambjentali kontinwament isemmgħu leħinhom, u ħafna drabi huma injorati.

# PJANI LOKALI GĦALINA LKOLL

Il-Pjani Lokali li għandna huma difettużi u dan billi meta saru ma sarux sewwa. B'mod partikolari, dakinhar li saru ma ġiex analizzat l-impatt kumulattiv tal-iżvilupp propost: impatt fuq in-nies, fuq il-lokalitajiet, kif ukoll fuq l-ekoloġija. Li kieku dan sar kif meħtieġ diversi proposti li fih kien ikollhom jinbidlu jew jitneħħew.

L-iżbalji li saru jeħtieġ li nikkoreġuhom mingħajr iktar dewmien. Jeħtieġ ukoll li ma jibqgħux isiru l-istess tip ta' żbalji.

Il-pjani lokali li issa ilhom 20 sena li saru u jeħtieġ ukoll li jkunu aġġornati għar-realtajiet tal-lum.

Sadanittant ikun għaqli li jkollna moratorju kemm fuq żvilupp massiċċ kif ukoll fuq żvilupp ta' bini għoli, u dan minħabba li l-impatt kumulattiv tagħhom qatt ma tkejjel u allura l-pjani lokali ma jilqgħux għal dawn l-impatti.

Dan il-moratorju għandu jibqa' fis-seħħ sakemm il-pjani lokali jkunu reveduti u aġġornati.

# ODZ

Il-preokkupazzjonijiet kurrenti ewlenin huma dwar id-dritt ta' appell effettiv u dwar l-inpatti tal-iżvilupp fuq l-art barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ). Dan jinkludi l-art li fl-2006, riżultat tal-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni bdiet tiġi ikkunsidrat tajba għall-iżvilupp.

Din l-art hi mifruxa fuq madwar żewġ miljun metru kwadru. Dwarha, ADPD u l-predeċessur tagħha AD, b'konsistenza tul l-elezzjonijiet ġenerali kollha mill-2006 sal-lum, irreġistrajna l-oppożizzjoni tagħna li din tkun żviluppata. Il-pożizzjoni tagħna illum għadha l-istess. L-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni għandu jitħassar u l-art kollha fiha li għadha ma ntmissitx għandha tkun ikklassifikata mill-ġdid bħala barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ). Nifhmu li iktar ma jgħaddi żmien, dan iktar ikun diffiċli biex jitwettaq.

# SPAZJI MIFTUĦA

Li jkollna żieda konsiderevoli ta' spazji miftuħa, kif ukoll li nassiguraw li dawn l-ispazji miftuħa jkunu aċċessibli għal kulħadd hi politika tajba. Il-fatt li bħalissa għandna nuqqas ta' spazji miftuħa u aċċessibli huwa riżultat tal-falliment tal-ippjanar tal-użu tal-art kif ipprattikat f'Malta. Sfortunatament dan hu orientat lejn l-ispekulazzjoni flok ma hu ffukat lejn użu aħjar tal-art bħala kontributur għal titjib fil-kwalità tal-ħajja.

Il-gvern nieda proġett biex jinvesti €700 miljun ħalli jtejjeb l-ispazji miftuħa eżistenti kif ukoll biex joħloq oħrajn inkella biex iħajjar lil min jieħu inizjattivi f'dan is-sens. Ħadd mhu ser joġġezzjona għal proġetti ta' din ix-xorta sakemm dan ma jkunx skuża li warajha tkun se tinħeba xi ħaġa oħra li llum mhux dikjarata.

Biex proġett ta' din ix-xorta jirnexxi jeħtieġ li jkun parti minn viżjoni fit-tul, viżjoni li mhux biss tħares lejn titjib madwarna imma fuq kollox tkun immirata biex in-natura terġa' tkun integrata mill-ġdid f'ħajjitna u madwarna. Iktar minn investiment finanzjarju neħtieġu bidla fl-attitudni li twassal biex nibdew inqisu l-ispazji pubbliċi bħala parti essenzjali mill-infrastruttura meħtieġa għal titjib fil-kwalità tal-ħajja tagħna.

Filwaqt li hu oġġettiv tajjeb li noħolqu spazji pubbliċi ġodda, u li ntejbu dawk li għandna, ikun ferm aħjar kieku bħala l-ewwel pass nagħmlu ħilitna biex inħarsu l-ispazji miftuħa li diġà għandna, nħarsuhom u ma nħalluhomx jinqerdu. Il-ġonna privati, uħud minnhom kbar, li jiffurmaw parti integrali miż-żoni urbani u mill-qalba tal-irħula tagħna ilhom żmien jinqerdu biex flokhom jinbnew blokki ta' flattijiet. Dawn għandhom ikunu minn tal-ewwel spazji miftuħa li nħarsu jekk verament nemmnu fl-importanza tagħhom. Dawn il-ġonna servew bħala l-pulmun tal-komunitajiet lokali tagħna għal ħafna snin. Għalkemm huma propjetà privata dawn taw kontribut kbir għall-ħarsien tal-komunitajiet tagħna. Dan kollu ma jiswiex flus. Jeħtieġ biss ftit konsistenza u rieda tajba.

Imbagħad ikun imiss l-art agrikola li qed tintilef b'rata mgħaġġla. L-art agrikola ukoll hi taħt assedju: qed tinbela fi kwantitajiet mhux żgħar mill-bini tat-toroq, proġetti ta' żvilupp inkella minn min irid jirriżervaha għalih għad-divertiment għall-BBQ jew picnic fejn jistrieħu ftit il-bogħod minn għajn in-nies. Dan kollu qed jeqred l-għajxien tal-bdiewa u tal-familji tagħhom li għal snin kbar ħadu ħsieb ir-raba' b'tant dedikazzjoni u ipprovdew l-ikel għall-pajjiż. Dan ukoll ma jiswiex flus. Jeħtieġ awtoritajiet li jaħdmu sewwa, li m'għandniex.

Ix-xewqa li lkoll għandna għal iktar spazji miftuħa hi rifless tal-ħsieb iberren f'moħħna li nerġgħu nistabilixxu kuntatt sod mal-egħruq tagħna, man-natura. In-natura hi ċentrali f'ħajjitna, u iktar nies, dan qed jirrealizzawh u japprezzawh. Dan ifisser li permezz tal-ispazji miftuħa irridu nintroduċu n-natura mill-ġdid fil-lokalitajiet tagħna bis-serjetà, u mhux li jitqegħdu xi erbat iqsari tal-konkos, tapari sar xi ħaġa. L-ispazji miftuħa huma għan-natura u mhux biex tiżdied id-dominazzjoni tal-konkos fil-forom differenti tiegħu fil-lokalitajiet taghna. L-anqas m'għandhom jintużaw għall-parking tal-karozzi.

# 15-IL MINUTA 'L BOGĦOD

Ġie emfasizzat li dan il-proġett ta' investiment fl-ispazji miftuħa għandu l-iskop li jassigura li kull wieħed u waħda minna jkollu aċċess għal spazju pubbliku miftuħ li jkun mhux iktar 'il bogħod minn għaxar minuti minn fejn toqgħod. Dan l-oġġettiv jorbot mal-inizjattiva li ttieħdet f'diversi bliet Ewropej imsejħa l-belt ta' 15-il minuta (15-minute city). Belt ta' din ix-xorta għandha jkollha dak kollu li teħtieġ, fil-parti l-kbira mhux iktar minn kwarta 'l bogħod mid-dar. Għax mhux l-ispazju pubbliku miftuħ biss għandu jkun fil-viċin: imma dak kollu li neħtieġu.

Dan iwassalna biex neżaminaw it-tifsila urbanistika tagħna, meta nirrealizzaw li l-ħwienet iż-żgħar tagħna li servew lill-komunitajiet lokali għal bosta snin, qed jonqsu sewwa. Qed jispiċċaw jinbeżqu mis-suq bħala riżultat tal-bosta supermarkets u stabilimenti kummerċjali kbar li qed jinfetħu.

Din l-idea tal-belt ta' 15-il minuta (the 15-minute city) bdiet b'inizjattiva ta' Carlos Moreno, arkitett konsulent tas-sindku ta' Pariġi imma issa qed tinfirex ma numru ta' bliet Ewropej. Tfisser tibdil sostanzjali fl-ippjanar għall-użu tal-art biex ikun assigurat li f'kull belt jew raħal dak li normalment neħtieġu nistgħu nsibuh mhux iktar minn kwarta 'l bogħod minn fejn noqgħodu.

Carlos Moreno jitkellem dwar il-ħtiġijiet marbuta mal-għajxien fi spazju urban imfassla fuq sitt punti essenzjali: żona residenzjali adegwata, xogħol fil-viċin, possibiltà ta' xiri ta' oġġetti jew servizzi bla diffikultà, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni, servizzi tas-saħħa u esperjenzi kulturali fil-qrib, ilkoll aċċessibli b'mezzi sostenibbli.

Nistgħu neżaminaw u nfasslu l-istil ta' ħajjitna fl-ibliet u l-irħula tagħna f'dawn il-parametri?

Il-ħwienet żgħar fl-ibliet u l-irħula tagħna jeħtieġu l-għajnuna għax qed jagħtu servizz essenzjali li jagħti l-ħajja lill-komunitajiet tagħna: jagħtu servizz u fl-istess ħin joħolqu x-xogħol fil-lokalità. Meta wieħed jinkoraġixxi l-ħidma tal-ħwienet iż-żgħar fil-ħidma tagħhom ikun qed jagħti kontribut għat-tnaqqis tat-traffiku fil-lokalitajiet f'kull ħin tal-ġurnata għax ikun hemm inqas ħtieġa li wieħed jivvjaġġa. B'hekk jintlaħaq oġġettiv ieħor fil-pjanijiet meħtieġa, jiġifieri t-tnaqqis tal-karozzi mit-toroq tagħna u riżultat ta' hekk nindirizzaw kontribut ewlieni tal-gżejjer Maltin għat-tibdil fil-klima. Fattur li hu kompletament nieqes mill-pjani lokali u mir-regolamentazzjoni tal-ippjanar għall-użu tal-art.

L-ippjanar għall-użu tal-art għandu jiffoka fuq in-nies u l-ħtiġijiet tagħhom. Hu biss f'dan il-kuntest li l-iffinanzjar ta' proġetti ta' tħaddir fil-komunità jagħmel sens.

# IL-BORDIJIET LI JIEĦDU D-DEĊIŻJONIJIET

Hemm diversi bordijiet li għandhom poter deċiżjonali dwar l-art, u dwar l-użu u/jew l-iżvilupp tagħha. Ewlenin fosthom hemm l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità dwar l-Artijiet u l-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi.

L-iskrutinju parlamentari pubbliku qabel ma jinħatru l-membri ta' dawn il-bordijiet għandu jkun applikabbli għall-membri kollha tal-bord inkluż kemm iċ-Chairperson kif ukoll il-Kap Eżekuttiv. F'kull każ hemm bżonn li l-liġijiet relevanti jipprovdu għal rappreżentanza xierqa tas-soċjetà ċivili f'dawn il-bordijiet, liema rappreżentanza għandha tintagħżel mis-soċjetà ċivili nnifisha u mhux, kif qed isir illum, tkun soġġetta għall-iskrutinju politiku tal-ministru.

Kuntrarju għal dak li jsir sal-lum m'għandux ikun hemm rappreżentanza tal-partiti politiċi fil-Parlament fuq dawn il-bordijiet deċiżjonali. Dan mhux qed ngħiduh illum l-ewwel darba. Għidnieh diġà fil-manifesti tal-elezzjoni kollha mill-2013 'il quddiem.

Il-partiti politiċi m'għandhomx ikunu involuti fid-deċiżjonijiet individwali li jittieħdu minn dawn l-awtoritajiet. Għandhom iżda permezz ta' kumitati permanenti tal-Parlament jissorveljaw b'mod kontinwu l-ħidma ta' dawn l-awtoritiajiet b'mod distakkat. Għandhom jirrappurtaw kontinwament lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet tagħhom bi proposti ta' azzjoni fejn meħtieġ.

Għandu jkun hemm regoli ċari dwar l-imġiba tal-membri fuq dawn il-bordijiet deċiżjonali. Dawn għandhom jinkludu reġistru dwar l-assi u l-ġid li jippossjedu l-membri kollha ta' dawn il-bordijiet. Ħadd m'għandu jinħatar bħala membru ta' dawn il-bordijiet għal perjodi fit-tul.

# ID-DRITT TA' AĊĊESS GĦALL-KAMPANJA

Id-dritt ta' aċċess għall-kampanja għandu jkun imħares u iffaċilitat dejjem. Għandha tiġi pubblikata l-mappa definittiva tal-passaġġi pubbliċi kollha. Għandu jkun assigurat li l-passaġġi kollha tradizzjonali jkunu miftuħin u aċċessibli għal kulħadd. Dan hu dritt tal-pubbliku.

L-ebda passaġġ ma għandu jiġi ostakolat minn grada, jew b'xi mod ieħor, sakemm ma jkunx hemm prova li l-art hi privata. Il-passaġġi fuq artijiet pubbliċi li jiġu mqabblin lill-bdiewa għandhom jitħallew miftuħin u aċċessibli għall-pubbliku. Għandha tinħoloq aġenzija nazzjonali sabiex timmaniġġja ir-rottot tal-mixi (trails) eżistenti u timplimenta dawk li ġew pjanifikati fil-pjanijiet lokali kif ukoll biex tassigura li d-dritt għall-aċċess fil-kampanja jkun dejjem imħares.

Għandha tinħoloq l-ewwel Rotta tal-Mixi Nazzjonali f'Malta (National Trail) tul il-Victoria Lines.

# L-ILMA

L-ilma m'aħniex nibżgħu għalih.

Għadna narmu kwantitajiet kbar il-baħar. L-ilma tax-xita m'aħniex naħżnu biżżejjed minnu. Dawra mal-pajjiż waqt maltempata turik kif f'diversi lokalitajiet it-toroq jinbidlu fi xmajjar għax hemm nuqqas ta' bjar biex fihom jinħażen l-ilma fil-bini li kesa lill-pajjiż.

Bl-ammont enormi ta' bini li nbena għandna inqas ħamrija li tista' tassorbi l-ilma tax-xita, bil-konsegwenza li l-pjan idum iktar ma jimtela.

L-ilma jeħtieġ li nibżgħu għalih għax in-natura tagħtihulna bil-qies. Il-bidla fil-klima qed tibdel anke l-mod kif tagħmel ix-xita. Ġieli xita qliel li tħarbat u tagħmel il-ħsara u mbagħad ikollna perjodu twil bla qatra. Tul is-snin il-proċess tal-produzzjoni tal-ilma tax-xorb mill-ilma baħar tjieb u qed isir b'mod iktar effiċjenti, għax hu proċess li jikkonsma ammont mhux żgħir ta' enerġija. L-ilma tal-pjan biż-żmien imma naqas sostanzjalment u f'ħafna inħawi hu kontaminat bil-kimiċi li jintużaw fl-agrikoltura. Din il-ħsara tieħu ż-żmien biex titranġa.

Ħafna ilma tax-xita qed jispiċċa l-baħar inkella jitħallat mad-drenaġġ u jfur f'xi inħawi. Dan apparti li jżid fil-piż tal-impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ. Dan kollu sar għax ma kienx hemm ħeġġa biex ikun assigurat li l-bini ġdid jipprovdi għall-ħażna tal-ilma. Hemm ħtieġa ta' sorveljanza aħjar dwar il-bini li tiela' issa. L-iskemi diversi ta' għajnuna li jipprovdi l-istat għandhom ifittxu ukoll dejjem iżjed li jgħinu lil min irid itejjeb il-ħażna tal-ilma f'binjiet eżistenti. Il-proġetti tat-tisfija tad-drenaġġ kienu pass importanti 'l quddiem fl-immaniġjar tal-ilma. Irridu imma nagħtu iktar attenzjoni dwar l-użu possibbli ta' dan l-ilma ġdid. Hemm potenzjal kbir fl-agrikoltura li hi l-ikbar konsumatur tal-ilma fil-pajjiż.

## IT-TOROQ LURA LIN-NIES U MOBILITÀ SOSTENIBBLI

Hu meħtieġ li aħna, n-nies, ir-residenti, nerġgħu nieħdu lura t-toroq, toroq li illum huma tal-karozzi. Għandna nimmiraw lejn investiment fill-mobilità sostenibbli, inkluż dak fit-trasport pubbliku u nitbegħdu mill-iżvilupp ta' toroq għal aktar karozzi.

Malta tinsab f'nofs kriżi ta' mobilità li ilha tikber għal snin twal, iżda li llum saret impossibbli li tibqa' tkun injorata. It-traffiku sar parti mill-ħajja ta' kuljum, kważi inevitabbli. Imma din mhix sempliċiment problema ta' konvenjenza: hija problema strutturali li qed taffettwa l-ekonomija, l-ambjent, kif ukoll is-saħħa tagħna.

Il-fatti huma magħrufa. Malta għandha waħda mill-ogħla rati ta' karozzi privati per capita fl-Ewropa. Il-maġġoranza tal-vjaġġi jsiru bil-karozza privata, minkejja li ħafna minn dawn il-vjaġġi huma għal distanza qasira ħafna. Fil-fatt, kif jisħaq il-National Transport Master Plan, madwar nofs il-vjaġġi bil-karozzi idumu inqas minn 15-il minuta – indikazzjoni ċara li ħafna minnhom jistgħu jsiru bil-mixi, bir-rota jew b'mezzi oħra sostenibbli.

Minkejja din ir-realtà, il-politiku fis-setgħa baqa' jiffoka fuq soluzzjoni waħda: aktar u aktar toroq għal iktar karozzi. L-elettrifikazzjoni, jiġifieri l-użu tal-karozzi elettriċi, hi ta' għajnuna, imma mhix is-soluzzjoni. Is-soluzzjoni hi bidla fil-mentalità, jiġifieri li nifhmu li hemm modi aħjar dwar kif nistgħu nassiguraw il-mobilità tagħna lkoll. Bidla fil-mod kif nivvjaġġaw: modal shift. Użu ta'modi alternattivi.

## IL-FALLIMENT TAL-POLITIKA TAT-TOROQ

Tul dawn l-aħħar snin rajna investiment enormi f'infrastruttura tat-toroq: flyovers, underpasses, bypasses u toroq imwessgħin. Il-wegħda kienet dejjem l-istess – li jitnaqqas id-dewmien fit-traffiku.

Din il-loġika hija żbaljata minn għeruqha. Aktar toroq ma jsolvux il-problema tal-konġestjoni, iżda joħolqu aktar domanda għal karozzi. Dan huwa fenomenu magħruf internazzjonalment u kkonfermat minn studji numerużi f'kull parti tad-dinja. Ma kull triq ġdida, il-konġestjoni titnaqqas b'mod temporanju, u mbagħad, f'qasir żmien, terġa' lura, agħar minn qabel. Il-problema reali hi waħda: d-dipendenza fuq il-karozza privata.

Din id-dipendenza hija riżultat ta' snin ta' politika li tat prijorità lill-karozzi privati, injorat l- alternattivi u żviluppat l-ispazju urban madwar il-karozza. Il-konsegwenza ta' dan kollu hija kultura fejn il-karozza hija meqjusa bħala neċessità, anke għal distanzi qosra ħafna.

It-toroq huma spazju pubbliku, mhux infrastruttura esklussiva għall-karozzi.

Il-bankini, li huma spiss ostakolati, huma huma ukoll spazju pubbliku okkupat bosta drabi mill-imwejjed u s-siġġijiet. Riżultat ta' dan l-ostaklu n-nies ikollha timxi fit-triq, mal-karozzi. B'hekk tkun esposta għall-periklu bla bżonn.

Dan japplika għal kulħadd, imma l-iktar effettwati huma l-persuni vulnerabbli.

Is-soluzzjoni hi fl-użu meqjus ta' iktar toroq magħluqa għat-traffiku s-sena kollha (pedestrianisation) u bankini riservati għan-nies b'mod partikolari dawk f'żoni residenzjali.

It-toroq huma għall-użu tal-komunità. Tuna t-toroq lura.

## TRASPORT PUBBLIKU U BRT

Sistema ta' mobilità sostenibbli ma tistax teżisti mingħajr trasport pubbliku effiċjenti.

It-trasport pubbliku għandu jkun mgħaġġel, affidabbli u frekwenti

Waħda mill-proposti ewlenin hija l-introduzzjoni ta' Bus Rapid Transit System (BRT) – sistema li tagħti prijorità assoluta lill-karozzi tal-linja permezz ta' korsiji dedikati.

Dan huwa kruċjali għaliex il-karozzi tal-linja llum jeħlu fit-traffiku għax m'għandhomx korsiji riservati. Riżultat ta' hekk in-nies ma tafdax. Il-prinċipju huwa sempliċi: jekk it-trasport pubbliku ma jkunx aħjar mill-karozza, in-nies ma jużawhx. Għalhekk il-proposta tagħna hi għall-introduzzjoni ta' Bus Rapid Transit System (BRT). Din il-proposta iddaħħal l-effiċjenza fit-trasport pubbliku billi fit-triq tagħtih prijorità assoluta. Dan iseħħ bl-introduzzjoni ta' karreġġjati riservati esklussivament għat-trasport pubbliku, u miżuri biex jinħonoq mill-ewwel kull abbuż.

Il-karatteristiċi ewlenin tal-BRT, minbarra karreġġjati riservati jinkludi t-tneħħija tal-ostakli kollha li jżommu lit-trasport pubbliku. Ibda mill-parkeġġ tal-karozzi privati, li jkun ipprojibit fir-rotot tat-trasport pubbliku. Kompli bi prijorità ta' aċċess f'kull triq, liwja jew dawra. Dan kollu mhux biss huwa effettiv biex iżid l-effiċjenza tat-trasport pubbliku, imma jiswa' ferm inqas fi spejjeż meta mqabbel mal-biljuni li jkunu meħtieġa fi proposti alternattivi. Meta nitkellmu dwar spejjeż mhux qed nirreferu biss għal flus imma għandna f'moħħna ukoll l-ispiża ambjentali tal-proġetti massiċċi.

Vantaġġ addizzjonali tal-BRT hu li din tista' titwettaq fi żmien relattivament qasir.

Interessanti li wieħed jiftakar li l-gvern Malti ilu s-snin li ħallas għal konsulenza li tagħtu eżattament dan il-parir. Ir-rapport li ilu jiġma t-trab mill-2008 u sar mid-ditta Halcrow.

Meta l-Gvern iddeċieda li t-trasport pubbliku jkun bla ħlas ħa deċiżjoni tajba. Imma mexa biss nofs triq. Jeħtieġ li nimxu t-triq kollha u nsarrfu l-investiment li diġà sar fit-trasport pubbliku. Għax li t-trasport pubbliku hu b'xejn mhux biżżejjed. Jeħtieġ li jkun ukoll effiċjenti u affidabbli. Il-BRT (Bus Rapid Transit System) hu l-pass li jonqos biex nassiguraw li t-trasport pubbliku jkun is-sinsla tal-mobilità sostenibbli li joffri l-pajjiż.

# VJAĠĠAR BIR-ROTA U L-PEDELECS

L-ivjaġġar bir-roti u roti elettriċi, u anke scooters elettriċi hi soluzzjoni realistika għal Malta. Dan billi d-distanzi bejn lokalità u oħra ħafna drabi huma qosra, u l-vjaġġi jistgħu jsiru faċilment bir-rota. Il-problema mhix d-distanza, iżda s-sigurtà tat-toroq tagħna.

B'mod gradwali hu possibbli li jkunu introdotti cycle lanes segregati fuq rotot ewlenin.

Minħabba toroq dojoq u d-densità urbana, mhux kullimkien jista' jkun hemm infrastruttura separata. Għalhekk fit-toroq residenzjali għandu jkun assigurat li r-regola tkun waħda ta' veloċità baxxa, mhux aktar minn 30 kilometru fis-siegħa. B'hekk jinħolqu dawk li nsejħulhom "low-traffic neighbourhoods".

Li tkun infurzata veloċità baxxa huwa essenzjali biex jinħolqu ambjenti siguri u biex ikun inkoraġġit li jsiru għażliet alternattivi tal-mobilità.

Dan jagħmel l-użu tar-rota, għażla sigura, għażla realistika.

# INNAQQSU L-KAROZZI

Il-konklużjoni inevitabbli minn dan kollu hija waħda: irridu nnaqqsu n-numru ta' karozzi fit-toroq

Dan ma jfissirx li nneħħu l-karozzi kompletament, iżda li jeħtieġ li nnaqqsu d-dipendenza fuq il-karozza.
Dan nagħmluh billi noħolqu alternattivi.

Miżuri possibbli jinkludu: applikazzjoni ikbar ta' congestion charging, restrizzjonijiet dwar l-użu tal-karozza fiż-żoni urbani u użu għaqli ta' politika fiskali biex ikun skoraġġit l-użu tal-karozza. Dawn il-miżuri huma meħtieġa biex iseħħ modal shift reali li tbegħdna mill-użu u tnaqqas id-dipendenza akuta li għandna fuq il-karozza.

L-użu tat-trasport marittimu, fejn dan hu possibbli, hi opportunità mhux sfruttata biżżejjed.

Minħabba l-ġeografija ta' Malta, il-baħar jista' joffri soluzzjoni importanti.
It-trasport marittimu diġà wera li jista' jnaqqas karozzi mit-toroq kif jidher ċar mis-suċċess tal-użu tal-ferry bejn il-Belt Valletta u t-Tlett Ibliet kif ukoll is-servizz li issa ilu ż-żmien għaddej fil-Port ta' Marsamxett. Serviżż immortalizzat fil-lirika tal-għanja popolari: Lanċa ġejja u oħra sejra, minn Tas-Sliema għal Marsamxett.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-problema mhix biss l-infrastruttura – hija l-mentalità. Hemm reżistenza għat-tibdil, b'kulħadd jistenna li l-oħrajn jinbidlu.

Imma kif turi l-esperjenza internazzjonali, l-bidla hija possibbli u meħtieġa.

Malta għandha għażla: tkompli fuq triq li wasslet għall-konġestjoni tat-toroq tagħna inkella tibdel direzzjoni.
Nagħżlu l-alternattiva għal dan kollu, mobilità sostenibbli, fejn in-nies jieħdu prijorità fuq il-karozzi.

# B'SAĦĦITNA LKOLL

Il-kostituzzjoni tal-Organiżżazzjoni Dinjija tas-Saħħa (World Health Organization, WHO) tiddikjara li huwa dritt fundamentali ta' kull bniedem li jgawdi l-għola livell ta' saħħa possibbli. Dan id-dokument jiddefinixxi s-saħħa b'mod ħolistiku. Is-saħħa mhix biss in-nuqqas ta' mard, imma l-benesseri fiżiku, mentali, kif ukoll soċjali.

Is-sistema tas-saħħa f'Malta hija waħda robusta. Il-kliniċi u l-isptarijiet jipprovdu servizz komprensiv, minn kura primarja fil-polikliniċi sa trattamenti speċjalizzati li sa ftit ta' snin ilu, pazjent kien ikollu jsiefer sabiex jaċċessahom. In-numru ta' mwiet prevenibbli f'Malta hu wieħed mill-aktar baxxi fl-Unjoni Ewropea.

# NEMFASIZZAW IL-PREVENZJONI

Il-prevenzjoni hi aqwa mill-kura. Hemm bżonn li nippromwovu stil ta' ħajja li jbiegħed il-mard u kondizzjonijiet kroniċi. Qabel kollox, dan hu ta' benefiċċju għall-individwu għaliex iwassal għal saħħa fiżika u mentali; il-prevenzjoni hi ukoll ta' benefiċċju għas-sistema tas-saħħa għax tnaqqas id-domanda fuq il-faċilitajiet u r-riżorsi limitati tagħna u b'hekk pazjenti b'mard serju jirċievu t-trattamenti urġenti li jeħtieġu mingħajr dewmien. Dan hu ta' importanza akbar hekk kif il-popolazzjoni ta' Malta tkompli tiżdied

L-istatistika turi li fis-sena 2021, drawwiet personali setgħu kienu l-kaġun ta' 973 mewt li setgħu ġew evitati bi stil ta' ħajja differenti. Piż żejjed u obeżità jwasslu għal mard kroniku bħal ma huma d-dijabete u kondizzjonijiet serji tal-qalb. Ir-rata tal-obeżità f'Malta hija fost l-ogħla fl-Unjoni Ewropea. Hemm bżonn ta' aktar tagħlim fl-iskejjel u kampanji edukattivi fuq skala nazzjonali sabiex inrawmu stili ta' ħajja li jwasslu għal saħħa aħjar sa minn età bikrija. Għalhekk, tajjeb li nħeġġu aktar konsum ta' ikel li jbiegħed il-mard bħal ma huma l-frott u l-ħxejjex filwaqt li noħolqu għarfien ta' kemm ikel mgħobbi b'zokkor u xaħmijiet żejda hu ta' ħsara għal saħħitna. Bl-istess mod, ħajja sedentarja twassal għal mard kroniku. Drajna niddependu fuq il-vetturi tagħna, anke għal distanzi qosra. Hemm bżonn urġenti ta' bidla fil-kultura sabiex il-mixi ma narawhx aktar bħala inkonvenjent imma opportunità li ntejbu saħħitna. Għandna nħeġġu attività sportiva sabiex nikkombattu l-obeżità u l-komplikazzjonijiet ta' saħħa li din toħloq. Dan il-għan nistgħu nilħquh b'kampanji edukattivi u għajnuna għal sħubija f'*gyms* u faċilitajiet sportivi oħra għall-etajiet kollha.

It-tipjip iwassal għal mard tal-qalb u inċidenza elevata tal-kanċer. Għalhekk, hemm bżonn dibattitu nazzjonali sabiex inkomplu nrażżnu t-tipjip. Tajjeb li nistaqsu jekk għandiex nieħdu l-eżempju tar-Renju Unit, fejn fil-ġranet li għaddew għaddiet liġi li għal dejjem tipprojbixxi l-bejgħ ta' prodotti tat-tabbakk lil persuni li twieldu wara ċertu data.

Hemm ħtieġa ukoll ta' attenzjoni ikbar biex nipprevjenu impatti fuq is-saħħa li jistgħu jkunu aċċelerati bil-bidla fil-klima. Kif stqarret l-European Centre for Disease Prevention and Control (ECDC) fl-aħħar deċennji, l-epidemjoloġija tal-infezzjonijiet tal-virus li jinġarru min-nemus ilha tinbidel f'diversi pajjiżi Ewropej. Każijiet akkwistati lokalment ta' dengue, marda tal-virus chikungunya u marda tal-virus Zika ġew irrappurtati f'diversi reġjuni Mediterranji tal-Ewropa. Hi biss kwistjoni ta' żmien qabel ma dawn jaslu f'pajjiżna. Is-superviżjoni massima hija obbligatorja.

# DEWMIEN U STENNIJA FIS-SERVIZZ TAS-SAĦĦA

Bla dubju hemm titjib fis-servizz li jingħata l-pażjent ġewwa l-isptar, li, anke mertu ta' staff dedikat, hi waħda tajba. Jibqa' imma d-dewmien fl-ewwel appuntament għal outpatients. Ċertament li stennija ta' 40 gimgha 7 snin ilu kompliet tizdied sostanzjalment ġa la darba l-popolazzjoni minn dakinhar żdiedet b'madwar 11%. Altru li mhux l-aqwa żmien! Żgur li fl-aħħar snin ir-radjologija sar il-qofol għad-dijanjożi tal-mard l-aktar komuni f'popolazzjoni li l-età medja tagħha qed tikber u għaldaqstant mhux aċċettabbli li jkollok in-numru ta' pazjenti li qed jistennew li jsirilhom MRI jirdoppja fi żmien sitt xhur.

# SAĦĦA AMBJENTALI

Nagħrfu li t-tniġġis tal-arja iħalli impatt negattiv fuq saħħitna. Fost il-materji li jagħmlu l-aktar ħsara huma partiċelli magħrufin bħala PM2.5 u PM10. Fllfatt, l-istatistika turi li fis-sena 2023, dawn kienu risponsabbli għal 173 mewta f'Malta. Sors ewlieni ta' dawn il-partiċelli hu t-trab li jasal mid-deżert kif ukoll attività vulkanika. Dwar dawn is-sorsi, nistgħu nagħmlu ftit li xejn. Sors ieħor ta' dawn il-*particulates,* kif ukoll ta' dijossidu tan-nitroġenu (NO2) huwa t-traffiku qawwi. Studji juru li residenti qrib arterji tat-traffiku għandhom riskju akbar li jbatu minn mard u kondizzjonijiet respiratorji. Studji oħrajn juru korrelazzjoni bejn traffiku qawwi u inċidenza ta' dipressjoni. Għalhekk, li niffaċilitaw mobilità alternattiva hija ta' benefiċċju kemm għas-saħħa fiżika, kif ukoll għas-saħħa mentali tagħna.

# AĊĊESS GĦAL PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI U ANALIŻI MEDIKA

Iċ-ċokon tas-suq ifisser li ċ-ċittadin Malti m'għandux aċċess dirett għall-prodotti farmaċewtiċi kollha fis-suq Ewropew. Minħabba f'hekk, it-tobba spiss ma jifdlilhomx għażla ħlief li jużaw mediċini alternattivi għal dawk rakkomandati. ADPD-The Green Party iħeġġeġ sforz sabiex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Dan in-nuqqas jinħass speċjalment qawwi fit-trattament tal-kanċer, għax l-aktar mediċini riċenti u innovattivi jistgħu jinkisbu biss permezz tal-Community Chest Fund. Dan jinvolvi proċess fit-tul u burokratiku li jwassal għal telf ta' żmien prezzjuż u frustrazjoni għal persuni li diġà qegħdin iġorru t-toqol ta' mard kiefer. Huwa tajjeb li riċentement dan beda jiġi indirizzat.

L-antibijotiċi huma essenzjali biex nikkombattu mard infettiv. Madankollu, tajjeb li nużawhom bil-għaqal u bil-galbu sabiex nevitaw li noħolqu *strains* ta' batteri reżistenti għal din il-mediċina. Għalhekk hemm bżonn ta' aċċess aħjar għal antibijotiċi speċjalizzati, dawk li jissejħu *narrow spectrum antibiotics.*

Mediċina għal mard rari spiss tiswa ħafna. Hija ta' uġigħ tal-qalb li pazjent jiċċaħħad minn terapija li tant jeħtieġ għax il-finanzi tiegħu ma jwasslux. Għandu jkun l-istat li jgħin sabiex mediċini innovattivi jaslu għand min jeħtieġhom f'ħin adegwat. Vittmi ta' mard rari u kiefer jistħoqqilhom kull sapport sabiex jipparteċipaw fi provi kliniċi li jipprovdulhom it-tama tal-fejqan.

Hemm bżonn li tobba fis-settur privat jingħataw aċċess għal aktar testijiet djanjostiċi li jipprovdi l-istat. Sfortunatament dak miftiehem mhux dejjem jitwettaq. L-ikbar tellief f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa l-pazjent.

# SAĦĦA MENTALI

Il-ħajja tagħna hija frenetika. Għandna dmirijiet u responsabbilitajiet. Fi tmiem il-ġimgħa bilkemm insibu ċans nirrilassaw u nqattgħu ħin ta' kwalità mal-familja, mal-ħbieb u magħna nfusna. Ħin għad-delizzji tagħna ftit li xejn jifdlilna u l-istress u l-ansjetà jkomplu jogħlew. Il-ħsejjes tat-traffiku xejn ma jgħinu biex intaffu l-istress. Anzi, il-ħin li nagħmlu imwaħħlin fit-traffiku fi triqitna lejn il-ħidma u lura d-dar ikompli jżid mal-frustrazzjoni u l-ansjetà. F'dan ix-xenarju, il-ħtieġa ta' spazji ħodor, frekwenti u fuq kollox, aċċessibbli tkompli tikber.

Hemm bżonn li nkomplu bil-qawwa niġġieldu kontra r-razziżmu, l-omofobija u kull tip ta' mibegħda li joħolqu weġgħat u kunflitti għall-vittmi b'detriment fuq il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa mentali tagħhom.

Hemm bżonn li naċċelleraw il-proċess sabiex inkomplu nintegraw il-kura tas-saħħa mentali f'faċiltà ġdida fl-isptar Mater Dei. Dan mhux biss iservi sabiex il-pazjenti jingħataw kura moderna li tirrispetta d-dinjità tagħhom, imma ukoll biex tkompli tonqos l-istigma madwar il-mard u l-kundizzjonijiet mentali.

Waqt it-tranżizzjoni, ma nistgħux nabbandunaw il-manutenzjoni tal-isptar Monte Carmeli; anzi għandna nibqgħu nattrezzawh b'faċilitajiet bħalma huma sodod u air-conditioning u niżguraw aċċess aħjar għall-ġnien. Sakemm Monte Carmeli jibqa' jiffunzjona, tibqa' tinħass il-ħtieġa li nelevaw id-dinjità tal-pazjent billi neliminaw tifkiriet degradanti mill-isptar, bħal ma huwa l-mużew ta' għodod li kienu jintużaw fl-imgħoddi għall-kura tal-mard mentali. Tajjeb li kura fit-tul tingħata f'ċentri reġjonali, simili għal dak li diġà qegħdin joperaw f'Ħal Qormi, Raħal il-Ġdid u l-Furjana, sabiex il-pazjent jibqa' viċin tal-qraba tiegħu, fil-komunità.

Il-mira għandha dejjem tkun il-kura u l-benesseri tal-pazjent. Għalhekk, m'għandniex ħin u riżorsi x'naħlu f'intriċċi legali u konsorzja privati li jiswew ħafna flus. L-istat għandu juża r-riżorsi umani tiegħu sabiex iwettaq ix-xogħlijiet, u b'hekk neliminaw il-profitti tal-kuntrattur. Ladarba Monte Carmeli jieqaf jiffunzjona bħala sptar, jista' jintuża bħala park u għal avvenimenti soċjali. Kull qligħ li jsir minn dan l-użu għandu jgħaddi biex tkompli tissaħħaħ il-kura tas-saħħa mentali f'Malta.

L-emfasi kurrenti fuq l-utilità ta' aċċess aħjar għal spażji miftuħa għall-pubbliku tagħmel ħafna sens. Dan għandu potenzjal li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-komunità kollha. Li nistabilixxu l-kuntatt tagħna b'mod kontinwu man-natura hu tajjeb. Avolja jkun ferm iktar utli li nħarsu dak li n-natura diġà tipprovdilna gratis, bla ħlas.

Il-kuntatt kontinwu tagħna man-natura awtentika hi ta' għajnuna biex nibqgħu f'saħħitna. Xi drabi hi anke ta' għajnuna biex nirkuprawha ukoll bħalma jixhdu diversi esperjenzi ta' ekoterapija.

Min-naħa l-oħra t-tniġġis iħassar l-ambjent naturali b'diversi modi: bl-emissjonijiet ta' trabijiet fini, gassijiet, jew ilmijiet maħmuġa fil-baħar, inkella permezz ta' ħsejjes esaġerati. Dan kollu għandu impatt konsiderevoli fuq saħħitna li mhux dejjem nirrealizzawh. Kultant ikun tard meta nirrealizzaw il-ħsara li tkun saret.

Hemm riċerka kontinwa għaddejja li tkejjel l-impatt ta' dan it-tniġġis. Riċerka li tkejjel l-impatti fuq l-ekosistema u kull min hu dipendenti fuqha.

L-Aġenzija Ambjentali Ewropea f'pubblikazzjoni riċenti tagħha emfasizzat li l-evidenza xjentifika kurrenti tistabilixxi rabta bejn it-tniġġis ambjentali u inċidenza ikbar fir-riskji għal mard mentali li aħna esposti għalihom.

Dawn huma materji li aħna bħala partit kontinwament nitkellmu dwarhom. Issa hu stabilit li dan kollu jikkontribwixxi ukoll għal nuqqas fis-saħħa mentali.

Is-saħħa mentali nistgħu, jiġifieri, nikkontribwixxu għalija ukoll permezz ta' inqas tniġġis, in partikolari trabijiet u ħsejjes. Dawn ivarjaw mill-impatti tan-numru esaġerat ta' karozzi fuq it-toroq tagħna kif ukoll għal dak iġġenerat minn ħsejjes esaġerati ġġenerati mit-Terminal tal-Port Ħieles, l-ajruport internazzjonali ta' Malta kif ukoll l-industrija tad-divertiment.

Dawn l-impatti ambjentali għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll, imma l-iktar ta' dawk vulnerabbli fostna. Imarrdu lil min hu b'saħħtu u jgħakksu li min hu diġà dgħajjef.

Il-pajjiż irid jibda jagħti kas kif dan it-tniġġis mill-ħsejjes esaġerati qiegħed ikollu impatt fuq is-saħħa ta' dawk li jgħixu ħdejn il-Port Ħieles jew l-ajruport. Uħud mir-residenti ta' Birżebbuġa fil-Qasam Residenzjali magħruf bħala Tal-Papa Housing Estate, per eżempju, joqgħodu eżatt taħt l-aħħar parti tal-flight path qabel ma ajruplan imiss mar-runway tal-ajruport tal-Gudja. B'żieda ma' dan, dawn ir-reżidenti ta' Birżebbuġa iridu simultanjament jissaportu ukoll l-impatti tal-istorbju mill-Port Ħieles. Jekk dan ma kienx biżżejjed mhux 'il bogħod li jkollhom ukoll it-trakka tal-karozzi ukoll x'jissaportu.

Dan hu l-kapitlu ġdid li l-Partit Laburista qiegħed jikteb. Ċertament li mhux kapitlu sabiħ. Kapitlu li jeħtieġ li jitħassar mill-iktar fis possibbli.

Hemm numru ta' miżuri li jistgħu jittieħdu biex tkun ikkontrollata aħjar l-attività li tiġġenera storbu esaġerat. L-ajruport, normalment ma jaħdimx bil-lejl. Ma hemmx l-istess limitazzjoni fuq l-operat tal-Port Ħieles. Dan għandu jkun ikkunsidrat anke jekk ikollu impatt fuq il-ħidma iġġenerata fl-istess Port Ħieles.

L-istess l-industrija tad-divertiment. L-istorbju iġġenerat għandu jkun imrażżan.

Huwa essenzjali li ma nistrieħux biss fuq studji li jsiru barra l-pajjiż. Hemm lok li nistudjaw sewwa l-impatt mediku tal-ħidma tal-Port Ħieles u l-ajruport fuq ir-residenti fil-qrib. Anke l-inħawi madwar l-industrija tad-divertiment teħtieġ

attenzjoni. Studji bħal dawn ikunu ta' għajnuna kbira biex jgħinna nindirizzaw b'mod konkret l-impatti tat-tniġġis fuq is-saħħa mentali tagħna.

Dan hu aspett fundamentali li l-Viżjoni 2050 tal-gvern jinjora kompletament. It-tniġġis qed iħassrilna saħħitna. Il-prezz għal dan qed inħallsuh ilkoll bi tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll.

# EMERĠENZA KLIMATIKA

Il-kriżi tal-klima hija llum rikonoxxuta bħala l-akbar sfida globali ta' żmienna. Mhijiex biss kwistjoni ambjentali, iżda hi wkoll materja ekonomika, soċjali u politika.

F'pajjiż żgħir u densament popolat bħal tagħna, kull deċiżjoni dwar l-użu tal-art, l-enerġija u t-trasport għandha impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja ta' kulħadd. Imma, minkejja l-għarfien xjentifiku ċar u l-urġenza tas-sitwazzjoni, Malta għadha ma wettqitx il-bidliet strutturali meħtieġa biex tindirizza din il-kriżi.

Il-kontradizzjoni ewlenija tinsab fil-fatt li waqt li l-awtoritajiet jiddikjaraw impenn lejn il-miri klimatiċi Ewropej, il-politika ekonomika u infrastrutturali tibqa' mibnija fuq mudell li jiddependi fuq tkabbir kontinwu, konsum intensiv u sfruttament bla rażan tar-riżorsi. Dan il-mudell mhux biss qed jikkontribwixxi għall-emissjonijiet, u allura għall-bidla klimatika, iżda qed jillimita wkoll il-kapaċità tal-pajjiż li jadatta għal realtajiet klimatiċi ġodda. F'dan il-kuntest, il-kriżi tal-klima mhijiex xi ħaġa astratta jew futuristika, iżda realtà li diġà qed tinħass fil-ħajja ta' kuljum tan-nies.

L-impatti diġà bdejna inħossuhom fil-forma ta' sħana qawwija, perjodi twal ta' nixfa u kultant xita qawwija jew ma taqta' xejn. Dan flimkien ma temp li qed jinbidel f'wieħed tropikali. Jonqos li jibda jgħola l-livell tal-baħar u jintensifikaw il-varjazzjonijiet fit-temp.

Dan kollu l-ewwel jeffettwa l-kosta fejn għandna l-parti l-kbira tal-infrastruttura turistika u anke l-infrastruttura marittima u enerġetika. Il-varjazzjoni fil-klima jeffettwa ukoll kemm il-biedja kif ukoll l-istat tas-saħħa tagħna għax jesponina għal mard li s'issa ma aħniex imdorrijin bih u l-anqas ma aħna ippreparati għalih.

Il-fatti huma ċari u ma jħallux ħafna lok għal interpretazzjoni. Malta għadha tiddependi b'mod qawwi fuq fuels fossili għall-produzzjoni tal-enerġija tagħha, u l-kontribut tal-enerġija rinovabbli jibqa' fost l-inqas fl-Unjoni Ewropea. Is-settur tat-trasport, b'mod partikolari, sar wieħed mill-akbar sorsi ta' emissjonijiet, riflessjoni diretta ta' politika li għal snin twal poġġiet il-karozza privata fiċ-ċentru tal-ippjanar. Din id-dipendenza mhijiex biss kwistjoni ambjentali, iżda wkoll ekonomika, peress li tagħmel lill-pajjiż vulnerabbli għall-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għall-instabbiltà globali. Il-problema mhix biss waħda ta' implimentazzjoni, iżda wkoll ta' ambizzjoni. Il-qalba tal-politika klimatika Maltija hi kkaretterizzata minn miri baxxi, bla ambizzjoni u vagi. Meta l-miri huma baxxi, ir-riżultati inevitabbilment ikunu limitati. Dan ifisser li Malta mhux biss qed timxi bil-mod, iżda qed tagħżel li timxi b'pass li ma jaqbilx mal-iskala tal-isfida. Wieħed mill-argumenti fundamentali li joħorġu huwa li l-problema hija strutturali. Il-politika attwali ta' Malta spiss tippreżenta soluzzjonijiet parzjali, bħal dipendenza fuq il-gass bħala "fuel ta' transizzjoni" jew inċentivi limitati għal teknoloġiji nodfa. Madankollu, dawn ma jindirizzawx il-qalba tal-kwistjoni, li hija l-mudell ekonomiku nnifsu. Il-mudell ekonomiku għandu jkun investiment immirat biex tinbidel l-ekonomija f'waħda ċirkulari, jiġifieri ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u tnaqqas l-iskart. Fil-qasam tal-enerġija, Malta għandha kemm limitazzjonijiet kif ukoll opportunitajiet.

Il-limitazzjonijiet huma relatati mad-daqs u d-densità tal-pajjiż, iżda l-opportunitajiet jinsabu fil-potenzjal għall-enerġija solari u, possibbilment ukoll, għall-enerġija ġġenerata kemm mir-riħ offshore kif ukoll mill-mewġ. Il-proposti ta' ADPD jinkludu pannelli solari fuq kull bini u investiment f'infrastruttura ġdida, inkluż turbini offshore. Il-Pjan Aħdar[2] jafferma li 'għandna bżonn enerġija permezz ta' turbini tar-riħ, inkluż dawk offshore... pannelli solari obbligatorji fuq kull bini'. Minkejja dan, il-progress f'dawn l-oqsma jibqa' limitat, u dan jindika nuqqas ta' rieda politika aktar milli nuqqas ta' soluzzjonijiet.

F'dan il-kuntest, qed issir dejjem aktar rilevanti l-idea ta' *energy communities* u koperattivi tal-enerġija. Dawn huma strutturi fejn komunitajiet lokali, residenti jew negozji jingħaqdu flimkien biex jipproduċu, jaqsmu u jikkunsmaw enerġija rinovabbli. Dan il-mudell mhux biss inaqqas id-dipendenza fuq sistemi ċentralizzati, iżda wkoll isaħħaħ il-parteċipazzjoni

2 **Pjan Aħdar: Ġust u Sostenibbli** (2020)
https://adpd.mt/wp-content/uploads/2020/05/AD_Pjan-A%C4%A7dar-G%CC%87ust-u-Sostenibbli.pdf

demokratika u l-kontroll lokali fuq ir-riżorsi enerġetiċi. Fil-kuntest Malti, fejn l-ispazju huwa limitat u l-bini dens, koperattivi bħal dawn jistgħu jkunu mezz effettiv biex jiġi massimizzat l-użu ta' soqfa u spazji urbani għal produzzjoni ta' enerġija nadifa. Huma wkoll jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż għall-familji u jindirizzaw il-faqar enerġetiku.

Aspett kruċjali li ħafna drabi jiġi injorat fid-diskussjoni pubblika huwa l-istat tal-infrastruttura tal-elettriku. Sistema ineffiċjenti ta' distribuzzjoni hi ostaklu serju għall-introduzzjoni ta' enerġija rinovabbli fuq skala kbira. Il-Pjan Aħdar jemfasizza li "hemm bżonn investment biex titjib is-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku", fatt li juri li t-tranżizzjoni enerġetika mhijiex biss kwistjoni ta' produzzjoni, iżda wkoll ta' distribuzzjoni u ġestjoni. Dan huwa partikolarment importanti jekk Malta trid tappoġġja mudelli deċentralizzati bħal *renewable energy communities*, li jiddependu fuq grid flessibbli u modern.

Is-settur tal-kostruzzjoni huwa wkoll element ċentrali fil-problema klimatika ta' Malta. L-iżvilupp kontinwu u l-użu ineffiċjenti tal-enerġija fil-bini qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet. Il-Pjan Aħdar jindika li hemm bżonn ta' bidla fil-prijoritajiet, billi jiffoka fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti aktar milli fuq żvilupp ġdid. Kif jgħid id-dokument, 'hemm bżonn... ħolqien ta' mpjiegi fir-renovazzjoni tal-bini biex l-ammont ta' enerġija... tonqos drastikament'. Dan juri li politika klimatika effettiva tista' wkoll tkun opportunità ekonomika, speċjalment jekk tkun marbuta ma' skemi ta' finanzjament u koperazzjoni bejn sidien ta' proprjetà f'blokki residenzjali.

Il-kwistjoni tat-trasport hija waħda mill-aktar evidenti u urġenti. F'Malta, il-karozza privata saret kważi indispensabbli, mhux għax hija l-aħjar għażla, iżda għax alternattivi affidabbli, s'issa, huma limitati. It-trasport huwa sors ewlieni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra f'Malta. Dan jirrifletti nuqqas ta' viżjoni fit-tul, fejn investiment f'toroq ġodda u aktar spazju għall-karozzi wassal għal aktar traffiku, mhux inqas. Din il-politika għandha konsegwenzi mhux biss fuq il-klima, iżda wkoll fuq is-saħħa pubblika u l-kwalità tal-ħajja. Fl-istess ħin, Malta hija partikolarment vulnerabbli għall-effetti tal-bidla fil-klima. Il-livell tal-baħar qed jogħla. Dan joħloq riskji reali għal infrastruttura kostali u l-komunitajiet li jgħixu qrib il-baħar. Il-Pjan Aħdar iwissi dwar l-impatti tal-żieda fil-livell tal-baħar, filwaqt li jindika wkoll problemi relatati mal-*heat island effect* f'żoni urbani, fejn it-temperaturi jistgħu jkunu ferm ogħla minn dawk fiż-żoni rurali. Dan jagħmel il-ħajja aktar diffiċli, speċjalment għal persuni vulnerabbli bħal anzjani u tfal.

Il-kwistjoni tal-industrija u l-inċentivi hija wkoll kruċjali. ADPD jipproponi li kull għajnuna finanzjarja lill-industrija għandha tkun marbuta ma' impenji konkreti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Kif proponejna fil-Pjan Aħdar, kull kumpanija għandha tkun obbligata li tilħaq il-mira ta' żero karbonju bħala kundizzjoni marbuta ma' kull għajnuna li tirċievi. Dan jirrappreżenta bidla fundamentali fil-mod kif jiġu allokati r-riżorsi pubbliċi. F'dan il-kuntest, renewable energy communities u koperattivi jistgħu wkoll joffru lill-industrija mudelli alternattivi ta' provvista ta' enerġija nadifa, partikolarment f'żoni industrijali fejn kumpaniji jistgħu jaqsmu infrastruttura u investiment.

Il-finanzjament Ewropew jippreżenta opportunità unika għal Malta biex timmodernizza l-ekonomija tagħha. Madankollu, hemm riskju reali li dawn il-fondi jintużaw biex jissaħħaħ mudell li diġà falla. Il-Pjan Aħdar jemfasizza li l-għajnuna għandha tkun investiment immirat biex tinbidel l-ekonomija, u mhux sempliċiment biex jinżamm l-istatus quo. F'dan il-kuntest, investiment f'energy communities jista' jkun wieħed mill-aktar modi effettivi biex il-fondi jintużaw b'mod li joħloq benefiċċji diretti għall-komunitajiet lokali.

Fl-aħħar nett, politika klimatika ma tistax tkun effettiva jekk ma tkunx ġusta. It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu ta' karbonju baxx għandha tqis l-impatti soċjali u tipprovdi appoġġ lil dawk li jistgħu jintlaqtu. Il-Pjan Aħdar jitkellem dwar tranżizzjoni lejn xogħol u ekonomija ħadra u ċirkolari, li jfisser li l-bidla għandha tkun inklussiva u sostenibbli wkoll minn perspettiva soċjali. Energy communities jistgħu jkunu parti minn din is-soluzzjoni, peress li jippermettu lil familji u komunitajiet li jieħdu sehem dirett fil-produzzjoni tal-enerġija u jibbenefikaw minnha.

Il-problema ewlenija li tibqa' hija waħda ta' governanza. Nuqqas ta' konsistenza u viżjoni ċara qed jillimitaw il-progress. Meta l-miri huma vagi u mhux ambizzjużi, il-politika ssir ineffettiva. Hu essenzjali li l-miri ekonomiċi jiġu reveduti minnufih. Dan jitlob bidla mhux biss fil-politika, iżda wkoll fil-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet u kif jiġu involuti ċ-ċittadini. Fl-aħħar mill-aħħar, il-konklużjoni hija inevitabbli. Il-kriżi tal-klima mhix problema li tista' tissolva b'miżuri żgħar jew soluzzjonijiet temporanji. Hija sfida li teħtieġ bidla sistemika fil-mod kif nipproduċu, nikkunsmaw u ngħixu. Neħtieġu mudell ekonomiku li jimxi id f'id mal-ekoloġija.

Malta għandha quddiemha għażla ċara. Tista' tkompli fit-triq attwali, li twassal għal aktar pressjoni ambjentali u riskji ekonomiċi, jew tista' tagħżel triq ġdida, ibbażata fuq sostenibbiltà u ġustizzja.

Din mhix biss kwistjoni politika. Hija kwistjoni ta' futur. Preżentement il-futur hu imċajpar.

# ENERĠIJA

Id-diskors dwar l-enerġija u s-sorsi ta' enerġija ħafna drabi hija sfortunatament limitata għall-prezzijiet ta' fuel u għal kemm-il interconnector għandu jkollna. Fil-fatt il-gvern issa qed jiftaħar li beda jippjana għat-tielet interconnector b'nefqa ta' mijiet ta' miljuni ta' Euro. Kif qed naraw ma' kull kriżi, iżda, l-prezzijiet tal-enerġija mill-interconnector eżistenti jvarja ħafna, u fl-aħħar mill-aħħar l-interess tal-Italja huwa li l-ewwel taqdi ħtiġijiet tal-enerġija tagħha stess qabel tbiegħ iż-żejjed lilna.

Hi ukoll falsità u diżonestà kbira li jingħad li l-gvern u l-pajjiż jista' jissusidja lil kulħadd, inkluż lil kull min jaħli l-enerġija, għal dejjem u bla limiti. Id-diżonestà politika tagħti stampa falza tal-isfidi fl-enerġija li jiffaċċja pajjiżna. Din tagħmel is-sitwazzjoni agħar milli diġà hi u tispiċċa biex twassal għal sitwazzjoni fejn ir-riżorsi tal-pajjiż flok ma huma ffukkati fuq il-vulnerabbli qed jagħtu opportunità biex anke min jiflaħ ibill ftit subgħajh ukoll.

Huwa possibbli li Malta u Għawdex jiġġeneraw il-parti l-kbira tal-enerġija li għandna bżonn, għalkemm bħal kull bidla din tieħu fit-tul u ġġib ukoll sfidi li rridu niffaċċjaw. Huwa wkoll essenzjali li nkunu parti mill-grid tal-enerġija Ewropea. Madanakollu ntennu li l-parti l-kbira tal-enerġija, l-aktar possibbli, għandha tiġi ġġenerata u maħżuna f'Malta stess. L-użu tal-fuels fossili jrid ikompli u se jkompli jonqos, jgħidu x'jgħidu xi politiċi.

Irridu nagħmlu sforz biex inżidu u nħarsu s-sovranità enerġetika tal-pajjiż fil-limiti ta' dak li hu prattiku u possibbli.

Mhux vera li l-interconnectors li tant jiftaħru bihom ma jikkawżawx tniġġis. Lanqas m'huwa veru li l-enerġija mill-interconnectors hemm xi garanzija li din tkun irħisa. Lanqas ma jagħmel sens li niddependu totalment fuq enerġija li ġejja minn barra minn xtutna. Huwa importanti wkoll li ma nitilfux il-ħiliet neċessarji u x-xogħol fil-qasam tant importanti tal-enerġija. Xogħol tekniku ta' kwalità f'Malta jfisser li l-mira għandha tkun li nadottaw teknoloġiji nodfa u ħiliet fit-tħaddim tal-grid tal-elettriku.

Filwaqt li l-gass għal issa jibqa' importanti bħala sors ta' enerġija kostanti, l-investiment f'sistemi ta' ħażna ta' enerġija minn sorsi rinovabbli, effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u f'sorsi varji ta' enerġija nadifa huma essenzjali. Huwa wkoll essenzjali li fuq livell tal-Unjoni Ewropea l-gvern jinsisti li l-prezz tal-enerġija minn sorsi rinovabbli ma jibqax marbut mal-prezz tal-gass.

Huwa ċar aktar minn qatt qabel li l-enerġija mir-riħ u mix-xemx huma vijabbli u bejn l-2023 u l-2025 għenu jnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku madwar l-Ewropa b'medja ta' 24.2%.

Il-proposti ewlenin dwar l-eneġija tagħna huma:

1. Kull bini pubbliku, bini kummerċjali kif ukoll industrijali għandu jkun użat għall-generazzjoni tal-enerġija mix-xemx, u fejn l-ispazju jippermetti għandu jkun ikkunsidrat ukoll l-użu tar-riħ;
2. Sistemi kbar jew żgħar ta' enerġija minn sorsi rinovabbli, fejn possibbli, għandhom jinkludu batteriji għall-ħażna tal-enerġija;
3. Introduzzjoni ta' tariffi li jvarjaw matul il-ġurnata biex intlaħaq bilanċ aħjar fl-użu tal-enerġija;
4. għandu jkun aċċellerat l-emfasi fuq tisħiħ tal-grid elettriku biex dan ikun jiflaħ għall-varjazzjonijiet fl-enerġija minn sorsi intermittenti;
5. f'żoni industrijali għandu jkun hemm installazzjonijiet ta' mikro-turbini tar-riħ;
6. għandhom isiru l-istudji neċessarji dwar kif l-agrikoltura u l-ġenerazzjoni tal-elettriku jistgħu jaħdmu sew flimkien fil-kuntest tagħna. Studji barranin juru li dan hu possibbli;
7. Barrieri rijabilitati jistgħu jintużaw aktar għal farms solari u wkoll għal tkabbir ta' prodotti agrikoli, flimkien ma' msaġar. Regoli stretti għandhom jiżguraw li solar farms ma jintużawx bħala skuża għal użi oħra u bini; kull struttura għandha tkun riversibbli;
8. Kull bini ġdid għandu jkun 'carbon neutral' u jiġġenera l-enerġija kollha li jkollu bżonn;
9. għandu jkun hemm moratorju fuq żidiet fl-għoli tal-bini biex ma jiġux affettwati l-użu ta' pannelli PV;
10. Għandu jkun hemm skemi u qafas legali li jiffaċilita li sidien ta' appartamenti ikunu sidien bi sħab ta' pannelli PV fuq il-bejt tal-blokka tagħhom;
11. Riċerka li diġà qed issir, kemm fuq enerġija mill-mewġ u anke minn pannelli PV fuq wiċċ il-baħar għandha tiġi sostnuta u msaħħa;
12. L-enerġija mir-riħ offshore aktar ma jmur aktar qed issir vijabbli – investiment fit-tul f'dal-qasam hu neċessarju għall-mira żero-karbonju sal-2050.

13. Il-feed-in tariffs, sussidji u inċentivi għandhom ikunu fuq medda twila ta' żmien eżempju fuq 20 sena. Din iċ-ċertezza ta' sostenn pubbliku tas-settur tal-energija rinovabbli hija neċessarja għat-tisħiħ u firxa aktar malajr tat-teknologija ta' enerġija nadifa f'pajjiżna.
14. Kull kumpanija kbira, inkluż il-banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni u tas-servizzi finanzjarji jkunu obbligati li juru kif bi ħsiebhom ibiddlu l-operat tagħhom biex tintlaħaq il-mira li jsiru żero-karbonju qabel l-2050;
15. B'mod immedjat kull għajnuna li tingħata lill-kumpaniji għandha tkun marbuta ma' bidla fl-operat biex isir operat li jkun effiċjenti fl-użu tal-enerġija, mal-użu tal-enerġija rinovabbli ma' proġetti biex jiġġeneraw l-enerġija nadifa li għandhom bżonn. Dan ikun ifisser li jsiru aktar reżiljenti u l-varjazzjonijiet tal-prezzijiet tas-suq la jaffettwaw lilhom u lanqas lill-pajjiż minħabba sussidji insostenibbli;
16. Appoġġ għal proġetti bbażati fil-komunità li jippermettu lir-residenti jipproduċu u jaqsmu bejniethom enerġija rinovabbli, b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-ġenerazzjoni ċentralizzata tal-enerġija;
17. Sal-2030 Malta għandha tiġġenera 50% tal-enerġija minn sorsi rinovabbli. Il-mira ta' 25% ta' bħalissa ma hi tal-ebda inkoraġġiment la għall-bidla meħtieġa u lanqas għal investiment iffokat.

## SKART-ŻERO

Il-mira tal-politika ħadra hi l-użu responsabbli u effiċjenti tar-riżorsi li jirrifletti l-valur ta' kull materja prima, inkluż dik li preżentement tintrema wara li tkun ġiet użata. Dan l-użu jittrasforma ruħu f'mira ta' żero-skart fil-miżbliet, kif ukoll li jitnaqqas sal-minimu possibbli l-inċinerazzjoni tal-iskart.

Għadna 'l bogħod ħafna mill-mira ta' skart-żero sal-2050. Għalkemm qed isiru sforzi, u kien hemm avvanzi fil-ġbir ta' ċertu materjal, bħal per eżempju l-plastik (PET), aluminjum, u ħġieġ tal-fliexken u reċipjenti tax-xorb.

Id-depożitu fuq reċipjenti tax-xorb juri kif l-industrija u l-produtturi, u fl-aħħar mill-aħħar anke l-konsumatur għandhom jerfgħu r-responsabilità tal-manifattura u l-konsum tagħhom. Il-pass li jmiss huwa li jitnaqqas il-konsum ta' reċipjenti single-use, permezz ta' sistemi ta' refilling fil-ħwienet, kemm permezz ta' inċentivi, kif ukoll ta' diżinċentivi biex produtturi jagħżlu li jnaqqsu l-ippakkeġġjar single-use. Anke l-konsumatur għandu responsabilità li jnaqqas il-konsum bla bżonn ta' prodotti li wara kollox mhux neċessarji.

Jekk hux plastik jew ħġieġ, jew aluminjum, l-enerġija li hemm bżonn għall-użu mill-ġdid tal-flixkun jew reċipjent, inkluż l-użu tal-ilma għall-ħasil, jew inkella riċiklaġġ, xorta tibqa' l-problema ta' ħela ta' riżorsi, għaldaqstant għandu jkun hemm aktar emfasi fuq it-tnaqqis tal-konsum żejjed, u anke fuq l-aċċess għal ilma tax-xorb b'togħma tajba fid-djar.

Il-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni għandhom jingħataw ir-riżorsi, iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet tal-importaturi u l-produtturi kemm biex jinfurzaw liġijiet u regolamenti nazzjonali u lokali dwar it-tnaqqis tal-iskart, u anke għal kampanji edukattivi dwar it-tema.

L-istatistika tal-2024 turi li n-nies, fid-djar tagħhom, qed jagħmlu l-parti tagħhom, għax kemm l-ġbir tal-iskart organiku, l-iskart separat u r-reċipjenti tax-xorb żdied sew. Dan qed jingħad għalkemm hu osservat li qed jinġabru wkoll ammonti kbar ta' skart imħallat. L-isfida l-kbira jibqa' s-settur kummerċjali. Il-gvern għandu jiffoka iktar fuq dan is-settur u jesiġi li l-iskart kummerċjali kollu jkun separat kif stabilit fil-liġijiet.

Għalkemm jidher li miljuni ta' tunnellati ta' skart tal-bini qed jiġi użat jew riċiklat, xorta għadu jintrema wisq skart tal-bini fil-baħar. Biex tiżdied iċ-ċirkolarità fl-użu tar-riżorsi tal-bini, bini għandu jiżżarma aktar milli jitkisser. Għandu jsir sforz urġenti, kemm permezz ta' liġijiet u anke permezz ta' inizjattivi ffokati fuq l-użu mill-ġdid ta' materjal mill-bini. Bħal ma qed nipproponu fil-qasam tal-enerġija, kull inċentiv għas-setturi industrijali u kummerċjali għandhom ikunu marbuta ma' miri ċari, li jorbtu u li jkun rapportabbli kull sena, fl-użu tar-riżorsi u l-progress lejn il-mira ta' skart-żero.

Għandu jkun hemm skala ta' obbligi skont is-settur u l-ammont ta' prodotti, servizzi jew negozju tal-kumpaniji.

In-narrattiva li l-inċineratur, modern kemm hu modern, se jwassalna għal skart-żero waħdu hija ħrafa. Il-Gvern irid 40% tal-iskart inċinerat. Dan ifisser li l-sforz biex jitnaqqas l-iskart se jiġi mminat. Biex in-narrattiva tal-Gvern tagħmel sens, l-inċineratur kellu jkun ta' daqs iżgħar u dan biex il-ħtiega li jitnaqqas l-iskart tibqa' prijoritá u essenzjali. Biex verament titntlaħaq il-mira ta' skart żero, l-inqas ammont possibbli ta'skart għandu jkun inċinerat. Ċjoe dak li minkejja kull sforz li jsir, f'kull soċjetà jibqa' xorta ma wiċċna. Skart inċinerat huwa xorta skart u minkejja li minnu tkun iġġenertata l-enerġija,

jibqa' skart u jnaqqas milli titlaħaq il-mira ta' skart-żero.

Inżommu quddiem għajnejna li l-istrateġija ta' minimizzazzjoni tal-iskart (waste minimisation strategy) u l-inċinerazzjoni tal-iskart huma konfliġġenti. L-inċinerazzjoni tal-iskart għaldaqstant inqisuha bħala soluzzjoni għal dak l-iskart li minkejja kull sforz li jsir, jibqa' jkun iġġenerat. Dan għandu jkun l-inqas possibbli.

ADPD-The Green Party jipproponi liġijiet u jesiġi l-infurzar ta' liġijiet speċifiċi għall-kuntest Malti li jobbligaw l-użu mill-ġdid tal-materjal użabbli kollu mit-twaqqiegħ ta' binjiet.

F'kelma waħda l-bini għandu jiżżarma mhux jitkisser. Għandhom jitħallsu miżati għoljin għar-rimi ta' skart tal-kostruzzjoni. Ir-rati kurrenti huma sussidjati u tal-mistħija.

Għandu jkunu aċċellerat s-separazzjoni tal-iskart fl-industrija tal-catering b'mod immedjat. Għalkemm diġà hemm obbligi, dawn għandhom ikunu aktar ċari, u nfurzati b'mod strett. Mhux aċċettabbli li wieħed iħallas multi redikoli biex jevità u jiffranka dan l-obbligu.

Kull industrija għandu jkollha pjan ċar u obbligatorju dwar it-tnaqqis tal-iskart u tnaqqis u effiċjenza fl-użu tal-materja prima.

Kull inċentiv, inkluż dawk fiskali, ikunu marbuta b'mod strett mal-effiċjenza enerġetika, tal-użu tal-materjal, u tal-miri skart-żero.

Tkun indirizzata l-problema dwar l-ġebla u l-estrazzjoni tagħha mill-barrieri u l-miljuni ta' tunnellati ta' skart li toħloq l-industrija tal-kostruzzjoni. Hemm il-bżonn li l-kostruzzjoni tonqos u li litteralment kull bini li jkollu jitwaqqa' jiġi żarmat ġebla ġebla, biex id-domanda għal ġebel verġni jonqos. Dan isir b'liġijiet stretti, infurzati kif suppost.

## ANNIMALI

Għandna nagħrfu dejjem iżjed li l-annimal mhux oġġett imma esseri konxju b'emozzjonijiet kumplessi u li kapaċi jħoss l-uġigħ. Hemm ħtieġa li nuru dejjem sensittività, kompassjoni u rispett lejn kull annimal. Li ntaffu t-tbatija tal-annimal huwa importanti, iżda mhux aħħari. Hu essenzjali li nifhmu aktar il-valur essenzjali tiegħu fih innifsu u napprezzaw li kull animal jistħoqqlu rispett, dinjità u protezzjoni.

L-annimali m'għandhom qatt jitqiesu bħala riżorsa għad-divertiment tagħna.

Għalhekk, filwaqt li ma naqblux maż-żamma u l-operazzjoni ta' zoos fil-pajjiż, sakemm dawn jingħalqu kollha, iż-zoos eżistenti għandhom ikunu suġġetti għal regolamenti u standards għoljin, b'infurzar strett. Nemmnu li annimali slavaġġ m'għandhom qatt jiġu mjassra fi spazju ristrett għaliex dan joħloq tbatija, li qatt ma hi ġustifikata. Għandna nimplimentaw moratorju totali fuq liċenzji ġodda għal zoos. Hemm bżonn aktar kontrolli sabiex niżguraw li annimali f'zoos eżistenti jinżammu fl-aqwa kundizzjonijiet possibbli, u li jirċievu kull kura medika li jeħtieġu.

Dan jgħodd ukoll għaż-żamma illegali f'postijiet privati ta' annimali eżotiċi, li dwarhom ingħatat amnestija fix-xhur li għaddew. L-għoti tal-amnestija kienet deċiżjoni żbaljata.

It-tgħammir tal-annimali bi skop ta' qligħ għandu jiġi kkontrollat, preferibbilment ipprojbit. Huwa magħruf li hawn min jgħammar il-klieb mingħajr ma għandu liċenzja biex jagħmel dan. Dan jagħti lok kemm għal abbuż kif ukoll għal kundizzjonijiet inaċċettabbli għall-annimali. Hemm bżonn li l-liġi tiġi inforzata b'mod konsistenti u effiċjenti u li l-multi għal min jinqabad jikser il-liġi jiħraxu. Il-liċenzji għandhom biss jinħarġu wara li l-applikant juri li għandu l-ħiliet meħtieġa kif ukoll riżorsi bħal ma huwa spazju adekwat, sabiex l-annimal ma jiġix suġġett għall-ebda tbatija.

F'diversi residenzi inrabbu annimali bħala pets. Dawn isiru parti integrali mill-familji tagħna. Għandna nikkunsdraw il-possibilità ta' leave specjali bi ħlas ta' mhux iktar minn tlett ijiem fis-sena biex nieħdu kura ta' animali li jkunu morda. F'ċerti ċirkostanzi din hi neċessità.

Għalkemm riċentement tnieda servizz veterinarju ta' emerġenza sabiex itaffi n-nuqqas f'dan il-qasam, inqisu li dan

mhux biżżejjed u li tinħass il-ħtieġa li mingħajr dewmien, jerġa' jinfetaħ l-isptar tal-annimali f'Ta' Qali li għandu jopera b'xejn jew bi ħlas nominali f'każ ta' emerġenza ġenwina.

Sfortunatament fit-toroq tagħna naraw wisq annimali mċaħħdin mill-kenn ta' dar, spiss għax ikunu ġew abbandunati. Mhux biss klieb u qtates, imma anke annimali li normalment insibu f'razzett, bħal ma huma tiġieġ, papri u fniek. Hemm bżonn kampanja sabiex dawn jinġabru mit-triq u jingħataw kenn; klieb u qtates għandhom jiġu ċċippjati, u skont il-ħtieġa, jissewwew. Huwa ċar li l-Cat Cafè fiż-Żurrieq huwa ta' benefiċċju għall-qtates residenti għax jipprovidlhom wens u kenn. Proġetti bħal dan għandhom jitniedu f'aktar lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

Annimali miżmunin f'kundizzjonijiet industrijali għall-produzzjoni tal-laħam, prodotti tal-ħalib u bajd iqattgħu ħajjithom fi spazju ristrett, nieqes minn stimoli meħtieġa għall-benesseri mentali tagħhom. Il-liġi Ewropea kif ukoll dik Maltija jistabbilixxu kundizzjonijiet minimi sabiex itaffu t-tbatija ta' dawn l-annimali waqt it-trobbija, it-trasport u l-qatla fil-biċċerija. Spezzjonijiet li jiggarantixxu l-ħarsien tal-liġi għandhom ikunu frekwenti u anke spontanji, u jsiru bi trasparenza.

Il-kontroll ta' annimali meqjusin bħala pests għandu jsir b'mod li jikkawża tbatija mill-anqas. Proġett pilota li sar f'Malta wera biċ-ċar li sustanzi kontraċettivi mħalltin mal-għalf kienu effettivi sabiex jikkontrollaw l-popolazzjoni tal-ħamiem f'diversi bliet madwar Malta. Minkejja dan, il-proġett ġie abbandunat minħabba nuqqas ta' fondi u minflok, intagħżlet l-istrateġija li dawn l-għasafar jinqabdu f'gaġeġ u jinqatlu l-biċċerija. Nemmnu li hemm bżonn li nallokaw aktar fondi sabiex il-kontroll tal-ħamien fil-bliet tagħna iseħħ mingħajr tbatija żejda.

L-Animal Welfare Directorate (AWD) għandu jissaħħaħ. Hemm bżonn li jingħata direzzjoni u struttura u li jiġu stabbiliti l-poteri u r-rwoli tiegħu mingħajr ambigwità. Hemm bżonn urġenti ta' ingaġġ ta' aktar ħaddiema imħarrġin fi ħdan l-AWD, sabiex dan inkun jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti. L-AWD għandu jiġi mgħammar b'infrastruttura li tippermetti l-konfiska ta' annimali eżotiċi u perikolużi, skont il-bżonn filwaqt li jingħata r-riżorsi kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jenforza l-liġijiet.

L-NGOs li jaħdmu bla heda u mingħajr gwadann personali sabiex itaffu t-tbatija tal-annimali jistħoqqilhom kull għajnuna sabiex ikomplu jagħtu servizz tant meħtieġ. Nemmnu ukoll li l-użu tal-annimali fl-industrija tal-biedja u t-tħaddin tal-valuri li jwassluna sabiex nagħtuhom il-dinjità, il-protezzjoni u r-rispett li jixirqilhom mhumiex kompatibbli; għalhekk nemmnu li l-protezzjoni tal-annimal għandha taqa' taħt ir-responsabbilità ta' ministeru separat sabiex dan ikun jista' jopera mingħajr konfiltti ta' interess, b'mod konsistenti u mingħajr kontradizzjonijiet.

## KAĊĊA U NSIB

Il-bijodiversità mhix tagħna iżda ta' kulħadd. Tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada. Għandna responsabbiltà li nippreservawha u nindukrawha sabiex ngħaddu ekosistemi vijabbli u b'saħħithom lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna.

Għall-għasafar tal-passa m'hemmx fruntieri. Jittajru minn pajjiż għal ieħor meta jasal iż-żmien u dak li nagħmlu f'Malta iħalli impatt fuq in-natura lil hinn minn xtutna; għalhekk, l-azzjonijiet tagħna jridu jirriflettu ukoll rispett lejn il-komunità u l-liġijiet internazzjonali. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għandha tiżboq kull interess ieħor. Għandha tkun riċerka xjentifika validata l-gwida għad-deċiżjonijiet.

Rajna m'ilux kif data xjentifika li turi li l-gamiem u s-summien huma vulnerabbli ġiet imwarrba sabiex l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa jinfetaħ mingħajr ebda xkiel. Fil-liġi Maltija l-gvern żamm id-dritt li ta' kull sena jiddeċiedi jekk u meta jinfetħu l-istaġuni tal-kaċċa wara li issir konsultazzjoni adegwata, kif ukoll fejn meħtieġ jittieħdu in konsiderazzjoni studji xjentifiċi.

Aħna bħala partit konna fuq quddiem nett mal-għaqdiet ambjentali biex jissejjaħ referendum abrogattiv dwar l-eliminazzjoni tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Nibqgħu nsostnu dan il-punt. Membri Parlamentari eletti f'isem ADPD jaħdmu biex il-kaċċa fir-rebbiegħa tispiċċa darba għal dejjem.

Rajna kif l-insib, minkejja li tikser il-liġi tal-Unjoni Ewropea, ippruvaw jagħtuh bixra ta' riċerka - skuża fjakka sabiex l-insib jibqa' għaddej. L-illaxkar tal-liġi tal-bird ringing jippermetti l-akkwist u l-użu ta' ċrieket mhux approvati mill-EURING u jista' filfatt inkun ta' detriment għal riċerka leġittima. Ma nistgħux nibqgħu niksru l-liġi Ewropea u naraw x'nagħmlu biex ngħaddu mit-tieqa jekk ma jkunx possibbli ngħaddux mill-bieb. Din mhix serjetà u lanqas ma hija ta' ġieħ

għal pajjiżna. Il-Gvern saħansitra ppropona li jiddefinixxi l-kaċċa u l-insib bħala wirt kulturali tagħna u b'hekk jiksbu protezzjoni kostituzzjonali, 'il fuq mill-iskrutinju xjentifku.

Għalkemm jeżistu kwoti massimi nazzjonali, l-infurzar huwa laxk u inkonsistenti. Ir-rapporti tal-infurzar juru li l-insib illegali fil-kampanja tagħna huwa lampanti, u d-dikjarazzjonijiet spiss ma jirriflttux in-numru ta' għasafar li jkunu nqabdu tassew. Hemm bżonn ta' aktar uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati u mħarrġin, bit-tagħmir u r-riżorsi kollha li jeħtieġu sabiex niġġieldu kontra l-abbuż. Hemm bżonn deterrent akbar għal min jinqabad jispara fuq tajr protett. Dan hu ta' importanza partikolari fid-dawl ta' kaċċa u nsib illegali fuq skala kbira u bi skop ta' qligħ.

Ma naqblux li l-multi dwar kaċċa fuq tajr protett jonqos. Naħsbu anzi li għandu jiżdied ghax id-deterrent mhux qawwi biżżejjed.

# IL-BIEDJA

Il-passi riċenti li ħa l-gvern biex ikun assigurat li r-raba' tintuża għall-biedja u mhux għal rikrejazzjoni huma tajba, iżda nofs kedda.

Il-ħarsien tal-biedja m'għandiex tkun rifless biss f'passi bħal dawn. Għandna tibda mir-raba' li titħalla tkun żviluppata bla bżonn, inkella ir-raba' sagrifikata biex minnha jgħaddu toroq inutli li jservu biss biex jiżdied it-traffiku.

Ma hemmx konsistenza. Is-serjetà trid tinwera kontinwament fil-politika li biha tkun imħarsa l-biedja.

Diversi kontinwament jitfgħu għajnejhom fuq art agrikola biex jixtruha. Mhux għax għandhom xi interess fl-agrikoltura iżda għal diversi raġunijiet oħra. Hemm min iridha għal investiment u hemm min iridha biex fiha jqatta' l-ħin liberu tiegħu, għar-rikreazzjoni, għall-kwiet, 'il bogħod mill-istorbju madwar l-inħawi fejn noqgħodu jew naħdmu. Dawn, għax jifilħu jħallsu qed jgħollu l-prezz li qed joffru u bi prezz għoli qed jispiċċaw jixtru bosta tmiem raba' f'diversi partijiet ta' Malta u Għawdex.

Billi bħalissa din it-tip ta' domanda qed tikber qed jinħoloq suq li fih il-prezz offrut għal art agrikola hu għoli, għax hemm min jiflaħ u jrid iħallas. Dan qed iħajjar sewwa lil min ibiegħ. Bosta sidien tar-raba' jippreferu somma tajba milli l-ftit ċekċik ta' Euro li bħalissa qed idaħħlu mill-qbiela. Fin-nofs, imma, hemm il-bidwi li l-qbiela li illum iħallas hi baxxa wisq, ftit euro fis-sena. Bla dubju l-qbiela trid tiżdied. Id-diffikultà hi dwar kemm għandha tkun din iż-żieda.

Għax ir-raba' anke jekk fgata bil-kimika, prinċipalment fil-forma ta' pestiċidi, ftit tista' tikkompetti ma dawk li għandhom but fond ħafna. Dan apparti l-fatt li l-kimika fir-raba' teħtieġ li tonqos sewwa, u preferibilment ma tintużax iktar. Il-biedja ma tirrendix qligħ biżżejjed biex tagħmel tajjeb għal dawn il-prezzijiet li qed jintalbu.

Għal uħud dan ifisser li l-biedja allura għandha tagħmel il-wisa' għal min jiflaħ iħallas. Il-bdiewa allura, x'se jiġri minnhom? L-ikel meħtieġ minn artna, min ser jieħu ħsiebu? Ma nistgħux niddependu biss minn ikel importat. Sa ftit ġranet ilu dan kien l-argument li f'każ wara l-ieħor il-Qrati tagħna kienu qed jaċċettaw. Il-każijiet kienu qed jinqatgħu wieħed wara l-ieħor a bażi ta' din il-liġi tal-ġungla: li min jiflaħ għall-prezz tas-suq għandu d-dritt li jħawwel lil min ma jiflaħx għalih. Hu f'dan il-kuntest li nistennew iktar serjetà u konsistenza mill-Gvern fil-ħarsien tal-biedja u tal-bdiewa.

# IS-SAJD

Nemmnu li s-sajd żejjed, fuq skala industrijali u massiċċa, jagħmel ħafna ħsara kemm fil-baħar kif ukoll għal għajxien tas-sajjieda. Hemm bżonn li neliminaw prattiki tas-sajd li jagħmlu ħsara.

Ħafna drabi, huwa ż-żgħir li jeħel mal-kbir.

It-tkarkir tal-qiegħ (deep sea trawling) ikarkar kollox miegħu f'xibka kbira. Inkluż ħut u animalli oħra li mhux tajba għal konsum, jew mhux kbar biżżejjed. Tfisser ukoll, li minħabba t-tkarkir tal-qiegħ, aħna lkoll insofru.

Nifhmu li s-sajd huwa għajn ta' għajxien għal bosta filwaqt li jipprovdi ikel għal ħafna familji Maltin. Għalkemm is-settur tas-sajd f'Malta mhux ekonomikament qawwi, fl-istess ħin isaħħaħ il-prodott turistiku tagħna meta dan iżomm ħajjin tradizzjonijiet antiki u jsir b'mod sostenibbli.

Bħal kull attività ekonomika oħra, is-sajd iħalli impatt fuq l-ambjent tagħna. Għalhekk, hemm bżonn li neżerċitaw sens ta' għaqal u responsabbilità sabiex nippreservaw l-ekosistemi marini li diġà jinsabu mhedda minn attivitajiet oħra li jiġġeneraw tniġġis jew stress fuq il-bilanċ naturali, kif ukoll mill-introduzzjoni ta' speċi aljeni u t-tibdil fil-klima.

Hemm bżonn li nagħmlu sforz akbar sabiex inrażżnu sajd illegali. Is-sena l-oħra, inqabdu wieħed u għoxrin dgħajsa, xi whud minnhom mhux Maltin, jistadu b'mod li jikser il-liġi. Dan jurina li hemm bżonn ta' sorveljanza kontinwa u l-ħtieġa li nimplimentaw il-liġi b'mod konsistenti u effettiv. Hemm bżonn li nkomplu nikkollaboraw ma' pajjiżi oħra ġirien sabiex flimkien naħdmu kontra l-abbuż u nipproteġu l-ekosistemi tagħna.

Il-moratorju fuq il-ġbir tar-rizzi mill-ibħra tagħna kien pass tajjeb, u jidher li l-popolazzjoni tar-rizzi madwar Malta diġà bdiet tirkurpra sew. Dan jurina li meta jittieħdu deċiżjonijiet maħsubin u msejsin fuq ix-xjenza, in-natura tirpilja.

L-NGO "Żibel" nidiet sforz sabiex jittellgħu il-fdalijiet ta' xbieki tas-sajd abbandunati fl-ibħra tagħna. Xbieki mormijin fil-baħar b'mod irresponsabbli huma sors ta' *microplastics* fl-ambjent u jagħmlu ħerba sħiħa mill-ekosistema fil-qiegħ tal-baħar. Filwaqt li nirrikonoxxu din il-ħidma siewja, nagħrfu l-bżonn ta' sforz kollettiv sabiex l-iskart iġġenerat minn din l-industrija jonqos jew nevitawh għal kollox. Dan il-għan jista' jintlaħaq permezz ta' kampanja edukattiva, inċentivi sabiex jinġabru xbieki antiki minflok jintremew, kif ukoll sanzjonijiet għal min jinqabad jiddisponi minnhomm kif ġie ġie.

L-akwakultura - il-fish farms - għandha impatt negattiv fuq l-ambjent, is-sajd u l-komunitajiet lokali. F'diversi bajjiet madwar Malta, il-problema tal-i*slime* hija serja u persistenti. Mhux biss hija inkonvenjent għall-għawwiema, iżda ukoll hija tebgħa fuq il-valur tat-turiżmu f'pajjiżna. Hemm bżonn li mingħajr tkaxkir tas-saqajn, l-operaturi jerfgħu ir-responsabbilità u jieħdu kull miżuri sabiex din il-problem tittaffa u tiġi eliminata. M'għandu jkun hemm xejn li jwaqqaf lill-awtoritajiet milli jieħdu passi deċiżivi fuq min jabdika r-responsabbilità tiegħu.

Iżda l-i*slime* mhux l-unika sfida li tippreżentalna l-industrija tal-fish farming. Sfidi oħrajn ma jidhrux, għaliex moħbijin taħt il-baħar. Ħafna gaġeġ tat-tonn jinsabu qrib wisq ta' firxiet tal-pjanta *Posidonia oceanica.* Din hi l-bażi ta' ekosistema fraġli imma rikka fil-bijodiversità. Il-*Posidonia* hija sensittiva ħafna għal tniġġis u diversi studji juru li partiċelli tal-ikel tal-ħut, kif ukoll rifjuti mill-gaġeġ huma ta' ħsara għas-saħħa ta' dawn l-ekosistemi. Ma ninsewx ukoll li l-*Posidonia* t ifforma strutturi magħrufin bħala *banquettes* li jservu sabiex jilqghu il-qawwa tal-mewġ u b'hekk jillimitaw l-erożjoni tal-kosta.

Hemm bżonn li l-awtoritajiet ixammru l-kmiem u jaraw li l-kundizzjonijiet tal-permessi ta' dawn l-irziezet tal-ħut ikunu osservati. Mhux dejjem jagħtu l-impressjoni li qegħdin moħħhom hemm.

# L-IBĦRA HUMA ĦAJJITNA

Ir-reġjun marittimu ta' Malta jeħtieġ li jkun imħares. Sforz il-bidla tal-klima, it-tniġġis, u l-iskart akkumulat, fost affarijiet oħra, is-sopravivenza tal-ibħra u oċeani globali huwa taħt theddid serju.

Bħala gżira naraw u ngħixu bil-konsegwenzi tal-iżbalji tal-passat, l-iżbalji tal-UE, u l-iżbalji tagħna fejn tidħol il-politika tas-sajd u l-politika marittimu.

"Aħna għandna interess naturali u vitali fil-baħar ta' madwarna li permezz tiegħu ngħixu u nieħdu n-nifs." Dan hu kliem Arvid Pardo, dakinnhar ambaxxatur ta' Malta għall-Ġnus Magħquda, kliem li qal meta kien qed jindirizza l-Assemblea Ġenerali fuq il-proposta ta' Malta dwar qiegħ il-baħar u r-rizorsi tiegħu bħala l-wirt komuni tal-umanità.

Il-baħar hu ħajjitna, iżda ftit li xejn jingħata prominenza fil-prijoritajiet politiċi tal-pajjiż. Bħala gżira stat, il-baħar u dak kollu marbut miegħu, għandu jkun fuq nett fl-aġenda politika tal-pajjiż.

Malta teħtieġ li tiskopri mill-ġdid il-vokazzjoni marittima tagħha u li tkun fuq quddiem nett fl-inizjattivi u fid-dibattitu marittimu internazzjonali. Biex inkunu proattivi jeħtieġilna li jkollna ministeru iffukat fuq il-politika marittima li jiġbor taħt saqaf wieħed il-politika marittima kollha ta' relevanza għall-gżejjer Maltin: mill-ekonomija l-blu, is-sajd u l-akwakultura għall-ħarsien ta' zoni marittimi estensivi anke fl-ibħra internazzjonali, il-ħarsien aħjar tal-kosta kif ukoll li nimplimentaw sewwa l-liġi dwar id-Dimanju Pubbliku bla dewmien u dan biex ikun assigurat l-aċċess pubbliku għall-kosta, u b'hekk, fuq perjodu ta' żmien tkun ikkontrollata l-kummerċjalizzazzjoni tal-kosta li ilha sejra s-snin.

Darba kellna Segretarjat Parlamentari għall-Affarijiet Marittimi. Illum il-ġurnata l-politika marittima hi linja waħda fil-lista ta' responsabbiltajiet tal-Kabinett taħt il-Ministeru tat-Trasport. Fir-realtà, imma, l-politika marittima hi frammentata u dwarha hemm responsabbiltajiet f'diversi Ministeri. Fil-prattika dan ifisser li ma hemm ħadd li għandu responsabbiltà politika diretta u konsegwenza ta' hekk il-koordinazzjoni politika f'dan il-qasam hi waħda limitat ħafna. Din hi ħasra għax dan hu qasam li għandu ħafna potenzjal li jkun ta' ġid għall-pajjiż.

L-ibħra u l-oċeani m'għandhomx fruntieri, il-Mediterran huwa kondiviż bejn stati kemm tal-UE u oħrajn. Imma xorta għandna nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nissalvagwardjaw l-ekosistemi li baqgħu.

Fuq livell Ewropew, fil-Kunsill tal-UE, Malta għandha tirsisti għal regolamenti kontra t-tniġġis tal-baħar, li jissaħħu l-ambjent marittimu, u li jissalvagwardjaw is-sajd sostennibli u artiġjanali. Sabiex ikollna baħar Mediterran tassew ħieles mit-tniġġis u ekoloġikament b'saħħtu.

Il-ħidma mas-sajjieda u l-komunitajiet lokali tul il-kosta hija essenzjali għall-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

# VIŻJONI GĦALL-EDUKAZZJONI

Viżjoni ħadra għall-edukazzjoni tpoġġi emfasi fuq it-tisħiħ tal-persuni u l-potenzjal tagħhom, fil-kuntest ta' tisħiħ tas-sens komunitarju. Dan jassumi importanza ikbar fil-qafas ta' taħlita multikulturali fl-iskejjel tagħna, li titlob iktar attenzjoni għas-sens ta' komunità u appartenenza, speċjalment fil-kuntest tal-mewġa populista lokali u internazzjonali li tivvittimizza lill-immigranti.

Tassumi importanza ikbar ukoll fil-kuntest ta' studju fuq iż-żgħażagħ fl-edukazzjoni obbligatorja li juri, fost oħrajn, żieda fis-sens ta' solitudni speċjalment tal-bniet tul il-vjaġġ tagħhom fis-sekondarja. It-trawwim ta' kultura komunitarja tirrispondi wkoll għan-narrattiva politika internazzjonali prevalenti li tifred, tiżola, u taħkem, flok tindokra u tagħder. L-insistenza, f'waqtha, fuq il-benesseri partikolarment tat-tfal m'għandhiex tiġi artikolata bħala mezz li jgħin lit-tfal ikampaw f'sistema li f'xi aspetti, taf qed tmarradhom. Minflok, għandha tiffoka fuq is-sistema nnifisha u tibdilha fejn hemm bżonn. Biex dan ikun possibbli, ADPD jipproponi li:

1. Jittieħdu miżuri sabiex l-iskejjel ikunu iżgħar. Dan jgħin sabiex it-tfal ma jibqgħux numri.
2. L-iskejjel tal-istat, imqar fuq livell ta' kulleġġi, ikollhom il-possibiltà li jagħżlu l-istaff tagħhom bħalma jiġri fl-iskejjel mhux statali. Dan joffri l-possibiltà ta' ethos b'saħħtu f'kull skola. B'hekk, l-eżerċizzju ta' deployment isir f'kuntest usa' ta' sussidjarjetà u jkun iktar minn sempliċi tentattiv biex jimtlew it-toqob. Bi staff magħżul mill-iskejjel, jinħoloq spazju għal skejjel koperattivi fejn l-edukaturi jkollhom sehem attiv u demokratiku, fejn l-edukaturi huma iktar fdati. Edukaturi iktar fdati huma edukaturi iktar kuntenti b'effett aħħari fuq il-kwalità ta' edukazzjoni li joffru.
3. Kif qed jitnieda l-proċess ta' tħejjija għal qafas tal-kurrikulu nazzjonali ġdid, tingħata importanza għal kurrikulu iktar irpużat (kif anke suġġerit fl-istrateġija nazzjonali għall-edukazzjoni 2024–2030) li jħalli spazju għall-iktar aspetti importanti fl-edukazzjoni, jiġifieri l-ħidma koperattiva, tagħlim tematiku u inqas ifframmentat, possibiltajiet ikbar ta' tagħlim inquiry-based u problem posing u l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali oħra. It-tendenza ta' edukazzjoni kompetittiva tiġi sostitwita minn prinċipji koperattivi. L-edukazzjoni mhix tellieqa taż-żwiemel. Dan jimplika l-bżonn ta' ħin għall-iskejjel sabiex jirriflettu u jistħarrġu l-mod kif dan jista' jsir. Inizjattivi mill-ministeru ma jibqgħux jiffukaw fuq inizjattivi kompetittivi, imma jrawmu ħsieb koperattiv.
4. Inqas frammentazzjoni tal-ħin fil-ġurnata skolastika. B'inqas lezzjonijiet li huma itwal, jiżdied il-ħin għal tagħlim effettiv, koperattiv u ta' kwalità. Dan ikollu effett dirett anke fuq il-benesseri tat-tfal.
5. Għandha titnieda diskussjoni fuq il-possibbiltà li l-edukazzjoni primarja tibda iktar tard; prattika mħaddma f'ħafna pajjiżi. Dan għandu jħalli iktar spazju għat-tfal li jiżviluppaw u jkunu mħejjija aħjar għall-vjaġġ edukattiv tagħhom.
6. Kurrikulu aġġornat għandu jagħmel emfasi ikbar fuq l-edukazzjoni tal-midja. Dan fil-kuntest tal-perikli minn miżinformazzjoni, u l-użu abbużiv tal-intelliġenza artifiċjali, fost oħrajn.
7. L-edukazzjoni umanistika, artistika u spiritwali għandu jkollha l-istess importanza daqs suġġetti STEM[3]. Edukazzjoni politika għandu jkollha post speċjali f'soċjetà demokratika. Filwaqt li tali edukazzjoni għandha tkun mifruxa permezz ta' esperjenza edukattiva iktar demokratika u parteċipattiva, ikun importanti li dan ikun frott ta' eżerċizzju konxju, maħsub u speċifiku, magħġun mill-iskejjel infushom.
8. Għandu jiġi kkontemplat il-ħolqien ta' spazji ikbar ta' inkontru bejn tfal minn reliġjonijiet differenti. Ilu li wasal iż-żmien li jinħolqu spazji formali ta' edukazzjoni reliġjuża inklussiva li filwaqt li jivvalorizza identitajiet differenti, irawwem iktar għarfien u rispett reċiproku.
9. L-iskejjel għandhom jiġu mħeġġa biex ifasslu policies u prattiċi ta' cultural responsiveness li jgħodd għar-realtà tagħhom, fil-qafas tal-policies nazzjonali ta' inklużjoni.
10. Għandha tiġi żviluppata politika lingwistika għall-qasam tal-edukazzjoni sekondarja, f'kuntest multilingwali.
11. Partikolarment fl-MCAST tingħata importanza lil snajja' li jippromwovu l-kunċett ta' ekonomija ċirkolari li tirrijabilita u ssewwi flok tarmi. Ma taqbilx mal-introduzzjoni tal-iskejjel tas-snajja' fl-edukazzjoni sekondarja għax ir-riċerka turina li dan il-pass jaħdem kontra l-interessi ta' kategoriji partikolari ta' studenti.
12. Għandha titnieda diskussjoni serja biex pajjiżna jikkunsidra li l-età tal-edukazzjoni obbligatorja titla' minn 16 għal 18-il sena. Dan jimplika li s-SEC jitneħħa mill-età ta' 16-il sena biex il-proċess ma jibqax jikkundizzjona sistema edukattiva obbligatorja sħiħa kif qed jagħmel bħalissa. Dan iħalli iktar spazju għal assessjar formattiv.
13. Il-MATSEC għandha titneħħa minn taħt l-università u titpoġġa taħt il-ministeru għall-edukazzjoni fejn hi postha, speċjalment fil-kuntest tal-fatt li l-università m'għadhiex l-unika istituzzjoni post-sekondarja bħalma kienet meta twaqqfet il-MATSEC.
14. Is-sistema ta' school-based assessment, li fil-prinċipju hija tajba, għandha tiġi rfinata sabiex ma tibqax, f'ċertu kuntesti, sett ta' eżamijiet igglorifikati u sors ta' stress ikbar għall-istudenti. Minflok, permezz ta' iktar akkumpanjament tal-għalliema fuq livell ta' skola, tiġi mifhuma iktar bħala spazju kreattiv ta' assessjar li l-ewwel u qabel kollox jipprioritizza t-tagħlim.
15. L-iskejjel tal-knisja għandhom jiġu mħeġġa jospitaw iktar tfal ta' immigranti kemm biex il-'piż' jinfirex bejn l-iskejjel kollha, kif ukoll sabiex l-istess studenti tal-iskejjel tal-knisja jkollhom esperjenzi ta' inkontru ma' kulturi oħrajn bi preparazzjoni għas-soċjetà tal-lum u ta' għada. Dan l-aspett pertinenti anke fil-kuntest ta' skejjel tal-knisja li huma effettivament issussidjati minn fondi pubbliċi.
16. Għandha tieqaf il-prattika li d-deċiżjonijiet kruċjali edukattivi jittieħdu wara bibien magħluqa. Il-każ tal-futur inċert tal-iskola tal-Wardija għal żgħażagħ b'diżabilita' huwa każ klassiku ta' dan. L-edukaturi, flimkien mal-ġenituri, għandu jkollhom id-dritt li jikkontribwixxu b'mod attiv għal politika f'dan il-qasam. Kull deċiżjoni li tittieħed għandha tiġi komunikata u spjegata speċjalment mal-ġenituri li għalihom direzzjoni fuq il-futur ta' wliedhom hija iktar u iktar essenzjali.
17. Temfasizza l-bżonn li l-learning support educators jingħataw rikonoxximent iktar ċar għar-rwol importanti li jaqdu, u li dawn iħossuhom parti mit-tim edukattiv fl-iskejjel. Il-kwalifika abbażi ta' taħriġ għandha tingħata prijorità fuq is-snin ta' esperjenza. Dan biex l-istudenti l-iktar vulnerabbli jgawdu mill-attenzjoni tal-iktar persuni mħarrġa. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu jkun it-tarka aħħarija li jara li t-tfal kollha, irrispettivament mill-istatus legali tal-ġenituri tagħhom, jingħataw id-dritt għall-edukazzjoni mingħajr kundizzjoni. Mhux ġust li tfal jitħallew fil-limbu, jbatu l-konsegwenzi tal-istatus legali tal-ġenituri tagħhom u jiġu mċaħħda mid-dritt għall-edukazzjoni.

3 STEM = Science, Technology, Engineering & Mathematics

18. Għandu jitneħħa l-obbligu li biex l-edukaturi jesprimu ruħhom fil-pubbliku fuq materji ta' politika edukattiva, iridu jitolbu l-permess tal-ministeru. Din il-prattika kolonjali ilu li għadda żmienha. Kif tenna l-Ombudsman, dan l-obbligu jmur kontra l-isforzi tal-edukaturi li jkattru l-ħsieb kritiku fl-istudenti tagħhom, meta l-edukaturi stess obbligati joperaw b'sarima ma' ħalqhom.
19. Iċ-childcare ma jistax jibqa' maħsub bħala miżura intiża biex taqdi l-bżonnijiet ekonomiċi qabel kollox. Il-kwalità ma tistax tibqa' tiġi sagrifikata għall-kwantità. Il-kwalità tal-esperjenza edukattiva bikrija għandha impatt dejjiem fuq il-ġejjieni tat-tfal. Għaldaqstant, pajjiżna għandu jinvesti f'dan il-qasam billi jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-edukaturi fis-settur sabiex jiġu attirati iktar edukaturi proficjenti u mħarrġa.
20. Il-gvern għandu jirrevedi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom il-gvern qed jiffinanzja lill-privat fil-qasam, sabiex il-finanzjament ma jibqax ibbażat biss fuq in-numri imma anke fuq il-kwalità tas-servizz.
21. L-edukazzjoni bikrija għandha tingħata l-istess status tal-kumplament tas-sistema edukattiva, billi l-livell ta' kompetenzi jitjieb, u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fis-settur isiru l-istess bħalma huma dawk fis-saffi l-oħrajn tas-sistema edukattiva. Issir kampanja sistematika sabiex iktar irġiel ikunu mħajra jidħlu f'dan il-qasam, speċjalment fl-edukazzjoni bikrija. Dan għandu jgħin biex jindirizza sterjotipi marbuta ma' ġeneru li jinbtu minn kmieni fl-imħuħ taż-żgħar tagħna.

# POLITIKA SOĊJALI

F'soċjetà demokratika kull persuna għandu jkollha aċċess daqs kulħadd għal kwalunkwe dritt fis-soċjetà. Ħarsa madwarna malajr turina kemm dan l-aċċcess mhux wieħed reali. Ngħixu f'dinja fejn kategoriji ta' persuni huma pprivileġġjati, b'oħrajn jgħixu fi żvantaġġ dejjiem. Dan huwa frott tal-mod kif taħdem is-soċjetà tagħna li ħafna drabi twieżen forom partikolari ta' suċċess, tħares lejn ċertu nies b'narrattiva ta' deficit flok ta' potenzjal, kif ukoll tiffavorixxi diskors ta' poter. Dan kollu f'kuntest ekonomiku li qed jissarraf f'iktar ġid għal min hu diġà mogħni bih, filwaqt li jkompli jfaqqar u ijassar lil dawk żvantaġġjati. B'riżultat ta' dan kollu, jixref rasu l-klassiżmu, ir-razzizmu, is-sessizmu, abilizmu u 'iżmi' oħrajn li jnaqqru mill-libertajiet ta' persuni partikolari, imbuttati fil-periferija tas-soċetà.

ADPD iħares lejn il-politika soċjali bħala għodda li permezz tagħha, l-abbiss ta' bejn min qiegħed minn fuq u min qiegħed minn taħt, jitnaqqas kemm jista' jkun. Stat b'politika soċjali b'saħħitha ma jagħmilx dan bħala xi forma ta' karità billi jħalli lill-iżvantaġġjat tallaba tal-istat, ta' min iħaddem, jew ta' istituzzjonijiet oħra, imma billi jindirizza l-għerq tal-iżvantaġġ, bħala pern indispensabbli ta' ġustizzja soċjali.

# LIVING WAGE

Għaldaqstant, nibqgħu ninsistu, bħal ma għamilna fil-passat, biex jiġi determinat 'living wage' li permezz tagħha jiġi kkalkolat kemm għandha bżonn persuna jew familja biex tgħix ħajja dinjituża. Filwaqt li l-paga minima nazzjonali tjiebet kemmxejn, għadha 'l bogħod milli tissodisfa l-bżonnijiet bażiċi ta' min jgħix b'paga minima. Mhux ġust li ħaddiema f'din il-kategorija, jibqgħu dipendenti minn għotjiet fil-baġit ta' kull sena biex jintużaw bħala riklam għall-kuxjenza soċjali tal-gvern. Ir-rispett tad-dinjità ta' kull persuna titlob mod iehor.

Aktar minn hekk, ADPD jipproponi t-tnedija ta' diskussjoni dwar introduzzjoni ta' Universal Basic Income li tassigura għajxien dinjituż bażiku lil kulħadd.

F'dan il-kuntest, it-taxxa m'għandhiex tibqa' tiġi meqjusa bħala xi kelma mistmerra, u ma tibqax tintuża mill-partiti politiċi fil-parlament biex jidhru sbieħ mal-elettorat, imma tibqa' tiġi kkunsidrata bħala għodda essenzjali ta' ġustizzja soċjali. Persuni fi żvantaġġ ma jistgħux jibqgħu jiddependu mill-ġenerożità tal-pubbliku permezz ta' ġbir f'maratoni nazzjonali biex jingħataw dak li hu tagħhom bi dritt.

# DRITT GĦALL-KENN

Id-dritt għall-kenn huwa dritt bażiku. Huwa nkwetanti li n-numru ta' persuni sid ta' darhom niżel minn 78.3% fl-2021 għal 66.45% fl-2024, jiġifieri f'temp ta' tliet snin (2024 EU-SILC Suvery). F'kuntest ta' pajjiz li kien jiftaħar bin-numru ta' nies sidien ta' darhom dan hu stat ta' fatt kontradittorju. L-iktar li qed ibatu minn dan huma ż-żgħażagħ li qed jaraw il-possibbiltajiet li jkunu sid ta' darhom jiżvinta bil-prezzijiet medji tal-propjetà jirduppjaw minn €142,000 fl-2013 għal €280,000 fl-2024, meta l-pagi ma żdiedux bl-istess rata. Dan qed iwassal għal proporzjon ikbar ta' persuni u familji li jkollhom iduru għall-kiri bħala suppost alternattiva vijabbli. Fir-realtà, iżda, anke s-suq tal-kiri kull ma jmur qed isir iktar inaċċessibbli. Il-prezz tal-kirjiet żdiedu b'175% f'ħames snin biss. Dan qed iwassal għal qasma dejjem tikber fil-kwalità tal-ħajja bejn dawk li huma sidien ta' darhom u n-numru dejjem jikber ta' dawk li mhumiex.

# PROPJETÀ VOJTA

ADPD hu tal-fehma li ilu li wasal iż-żmien li jiġu ntrodotti inċentivi li permezz tagħhom, propjetajiet vojta jitpoġġew fis-suq. F'każ li dan ma jaħdimx, għandha tiġi kkontemplata taxxa li tinċentiva lil min jikri biex ipoġġi l-propjetà fis-suq. L-iskema ta' kiri kummerċjalizzat għal detenturi tal-passaport (jew visa) tad-deheb offruta lil nies sinjuruni li jifilħu jħallsu, qed ikompli jagħti mbuttatura 'l fuq lill-prezz tal-kirjiet. Għandu għaldaqstant jiġi implimentat qafas b'saħħtu ta' regolamentazzjoni tal-kera li jrazzan ix-xiri spekulattiv u minflok jipprijoritizza djar realment affordabbli għar-residenti Maltin. Huwa obbligu tal-istat li jara li l-vulnerabbli jiġu protetti mill-eċċessi tas-suq.

# KOPERATTIVI GĦAD-DJAR

Għandu jiġi inċentivat il-ħolqien ta' koperattivi għad-djar li jagħmel id-djar iktar affordabbli kif ukoll iseddaq is-sens komunitarju bejn ir-residenti.

Il-koperattivi huma mezz imprezzabbli li permezz tagħhom, tisseddaq ekonomija soda bbazata fuq il-koperazzjoni, il-komunità, u d-demokrazija permezz ta' parteċipazzjoni sħiħa tal-imsieħba. Dan huwa sanċit saħansitra fil-Kostituzzjoni ta' Malta fl-artiklu 20. Nisħqu fuq il-bżonn li tiġi ffinalizzata l-liġi tal-koperattivi l-ġdida bl-iskop aħħari li tagħmilha iktar faċli biex jiġu ffurmati koperattivi ġodda, speċjalment koperattivi soċjali. Tali liġi għandha tillivella l-iżbilanċ ta' trattament bejn il-koperattivi u l-kumpaniji, filwaqt li tkompli taġevola l-koperattivi bħala forma ta' imprenditorija demokratika u komunitarja.

# IL-FLUS, WAĦEDHOM MHUX SOLUZZJONI

Dawn il-miżuri jindirizzaw ukoll il-jedd taż-żgħażagħ tagħna li jiffurmaw familja. Inutli li neqirdu li r-rata ta' twelid dejjem nieżla jekk dawn il-piżijiet ta' dejn aħrax għal għomorhom li qed jitgħabbew bih il-koppji ma jiġix indirizzat. Pajjiżna wasal f'salib it-toroq li jiddeċiedi jekk iridx jinvesti fil-futur permezz ta' politika sostenibbli, jew jekk ikomplix jinsisti fuq mudell ekonomiku li ma jħallix triq oħra lill-ġenituri li jitgħabbew b'responsabbiltajiet ta' xogħol biex iżidu d-dħul taghhom, b'detriment għall-familja u s-saħħa mentali tagħhom.

Fl-istess ħin, ADPD jemmen li s-soluzzjoni mhix biss li titfa' l-flus biex issolvi l-problema. Soluzzjonijiet sostenibbli u mibnija fis-sod, jiddettaw miżuri oħra li jtejbu l-kwalità tal-ħajja, li tinkludi iktar il-ħin għall-indukrar tal-familja.

# PARENTAL LEAVE

L-ulied għandhom id-dritt jgħixu u jikbru mal-ġenituri tagħhom. Għaldaqstant, għandu jiżdied il-*parental leave* imħallas, li jinċentiva lill-ġenituri biex jieħdu ħsieb lil uliedhom fl-iktar fażi delikata tal-iżvilupp tagħhom. Biex il-piż tal-kura tat-tfal jinqasam bejn il-ġenituri, u ma jibqax jinġarr, ħafna drabi minn ġenitur wieħed, il-parental leave jinqasam nofs bin-nofs bejn il-ġenituri u dak li ma jintuzax minn ġenitur wieħed ma jkunx jista' jiġi trasferit għall-parti l-oħra u jintilef.

Din il-proposta hi maħsuba biex tħajjar liż-żewġ ġenituri iġorru r-responsabbilitajiet ġenitorjali tagħhom flimkien. Minn dan, igawdi kulħadd, l-ulied, u anke l-ġenituri.

Bl-istess mod, għandu jiżdied il-leave għal genituri bi tfal żgħar, sabiex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb ta' uliedhom meta dawn ikunu morda.

# ĠIMGĦA TA' ERBAT IJIEM XOGĦOL

Għandha titnieda diskussjoni serja fuq l-introduzzjoni ta' ġimgħa ta' erbat ijiem għall-ħaddiema, li tagħti iktar possibilità ta' bilanċ bejn il-ħajja personali u familjari u l-ħajja tax-xogħol.

# DINJITÀ GĦAL KULĦADD

Politika soċjali denja ta' isimha, ma tħarisx lejn l-uċuh, imma tassigura dinjità għal kulħadd. Filwaqt li ż-żieda fil-GDP ta' pajjiżna huwa sostanzjali, huwa doveruż li l-istat jiftakar li dan huwa wkoll frott ix-xogħol ta' tant ħaddiema immigranti li jaħdmu fil-gzejjer Maltin. Is-sens ta' rispett u dinjità jitlob li pajjiżna ma jimmirax biss li japprofitta mix-xogħol li joffru dawn il-ħaddiema, imma li dan jigi kkumplimentat ma' sforz iktar qawwi sabiex il-jeddijiet umani u ta' ħaddiema jiġu rispettati bis-sħiħ. Filwaqt li kien pass pożittiv li sa fl-aħħar għandna politika li tirregola xogħol l-immigranti, nisħqu fuq il-bżonn li fost l-erba' pilastri tal-politika soċjali, jitpoġġa fuq quddiem nett il-bżonn ta' tħaris tal-jeddijiet tal-ħaddiema immigranti. Minn dan il-prinċipju imbagħad, joħorġu l-kunsiderazzjonijiet l-oħra. Dan il-pass jimplika li d-dritt li ħaddiema immigranti ikollhom possibiltajiet ikbar li jgħixu mal-familja tagħhom f'pajjiżna jiżdied. Minn ħaddiema kuntenti, igawdu l-ħaddiema stess u l-pajjiż kollu.

Il-kunsilli lokali għandhom jingħataw l-inċentivi u l-għodda sabiex immigranti ikollhom sehem ikbar fil-komunità filwaqt li jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar il-bżonnijiet partikolari tagħhom.

Fuq l-aspett ta' inkluzjoni fil-komunità u l-kunsilli lokali, għandu jsir proċess ta' awditjar li jistabilixxi l-inklużjoni ta' membri differenti fil-komunità. Fost il-kriterji għandu jkun hemm dak tal-aċċessibilità fiżika għal persuni b'diżabilità, anżjani jew ġenituri, inkluż il-kundizzjoni tal-bankini.

# GENDER WAGE GAP

Għandha titfassal strategija biex tiġi indirizzata d-disparità li teżisti bejn in-nisa u l-irġiel, magħrufa bħala l-*Gender Wage Gap*. Il-kuntratti tax-xogħol għandhom isiru pubbliċi sabiex il-possibbiltà ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru tiġi indirizzata.

# DĦUL MINIMU GARANTIT

Għal min għandu kuxjenza soċjali, l-bżonn li kulħadd ikollu dħul minimu garantit hi materja ta' importanza dejjiema. F'ċirkostanzi bħal dawk li għaddejjin minnhom bħalissa, fejn il-prezzijiet ta' dak li hu essenzjali qed jisparaw 'il fuq, dan kollu jassumi importanza ħafna ikbar. Il-mistoqsija ta' dejjem hi dwar jekk dan id-dħul għandux jiġi kollu mill-impjieg (jew mill-pensjoni), inkella jekk il-paga jew pensjoni għandhiex titwieżen minn dħul ieħor, paga soċjali, meta din il-paga jew pensjoni ma tkunx biżżejjed għal għajxien diċenti.

Diversi pajjiżi qed jesperimentaw permezz ta' proġetti pilota b'din l-idea. Bħala riżultat ta' dan qed ifittxu forom alternattivi ta' xibka soċjali biex iħarsu lill-vulnerabbli billi jkun garantit dħul minimu bażiku għal kulħadd, u dan irrispettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-ħajja tal-persuni differenti. Kulħadd għandu d-dritt li jkollu l-mezzi bażiċi biex ikun jista' jgħix ħajja diċenti.

Il-fatti bażiċi, illum il-ġurnata, suppost li huma ċari għal kulħadd. L-istudji tal-Caritas ippubblikati tul dawn l-aħħar snin urew distakk bejn il-paga minima nazzjonali u l-ħtiġijiet bażiċi għall-kategorji differenti ta' familji vulnerabbli. Din id-differenza qegħda dejjem tiżdied minn sena għall-oħra.

Permezz tal-Ministru tal-Finanzi l-gvern emfasizza kontinwament li qed jikkunsidra proposti dwar kif iż-żieda għall-għoli tal-ħajja tkun tirrifletti b'mod aħjar il-ħtiġijiet tal-vulnerabbli u ta' dawk bi dħul baxx.

Waħda mill-possibilitajiet li bla dubju għandha tkun fuq il-mejda għad-diskussjoni hi li ż-żieda għall-għoli tal ħajja m'għandiex tibqa' tkun imfaddla għal tnax-il xahar biex f'Jannar imbagħad jiżdiedu l-pagi u pensjonijiet. Għandu jkun possibbli li ż-żieda tingħata iktar malajr, ngħidu aħna darbtejn fis-sena, lejn tmiem Ġunju u fl-aħħar tas-sena. Fi żminijiet bħal tal-lum, b'żieda qawwija u ftit goffa fil-prezzijiet, inizjattiva bħal din tista' tagħmel differenza sostanzjali fil-ħajja tal-vulnerabbli u ta' dawk bi dħul baxx. Li nassiguraw li kulħadd ikollu dħul minimu diċenti huwa essenzjali fl-iżvilupp tas-servizzi ta' solidarjetà soċjali fil-pajjiż.

# IS-SUQ TAL-KERA

Is-suq tal-kera għalkemm beda jiġi regolat, għad għandu l-karatteristiċi ta' ġungla.

Ir-regolamentazzjoni tieħu ż-żmien biex trabbi l-għeruq u dan in parti minħabba li bħala poplu għandna allerġija għar-regoli.

Ir-reġistrazzjoni tal-kuntratti tal-kera kien pass tajjeb. Imma waħdu mhux biżżejjed. Hemm bżonn li jinbena l-qafas amministrattiv li hu essenzjali biex il-kuntratti jkunu eżaminati u biex ikun possibbli li jittieħdu passi fejn ikun hemm kundizzjonijiet li jduru ma dak li tipprovdi l-liġi.

Fuq kollox hu essenzjali li jkun assigurat li l-propjetà li tinkera tkun f'kundizzjoni li tista' tintuża biex tgħix fiha. Għandu jkun assigurat mhux biss li l-propjetà għall-kiri ma fihiex periklu, imma ukoll li fiha l-faċilitajiet bażiċi f'residenza. Il-propjetà trid tkun fi stat komplut (finished) b'aperturi f'kundizzjoni tajba, f'faċilitajiet sanitarji u b'servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ li jkunu installati u jiffunzjonaw. Il-kera li tintalab għandha tkun kompatibbli mal-kwalità tal-propjetà li tinkera. Għandu jkun ċar li l-propjetà għandha tinżamm f'kundizzjoni tajba.

Dan kollu jista' jkun assigurat billi r-regolatur jissorvelja b'mod regolari is-suq tal-propjetà mikrija. Il-penali għal min jabbuża għandhom ikunu kbar, biex id-deterrent ikun wieħed effettiv.

Nifhmu li l-abbużi ma jsirux min-naħa waħda. L-obbligi mhumiex biss tas-sidien tal-propjetajiet fis-suq tal-kera. Anke l-kerrejja għandhom responsabbiltajiet. Dawn jinkludu li jieħdu ħsieb il-propjetà mikrija lilhom u li jaraw li jħallsu l-kontijiet għall-konsum tal-elettriku u l-ilma. F'dan il-kuntest id-depożitu li spiss jintalbu bħala garanzija li meta kirja tispiċċa la jkun hemm ħsara u l-anqas kontijiet pendenti hemm bżonn li jkun regolat sewwa.

Huwa tajjeb f'dan il-kuntest li jkunu inkoraġġiti l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam. Dawn huma dejjem ta' għajnuna kbira biex jidentifikaw problemi u anke soluzzjonijiet. Li jkunu mgħejjuna hu investiment soċjali tajjeb.

# EKONOMIJA SOĊJALI U EKOLOĠIKA

Spiss nisimgħu bil-bżonn ta' mudell ekonomiku ġdid. Il-mudell ekonomiku ġdid huwa dak mibni fuq il-politika Ħadra ta' ekonomija soċjali u ekoloġika li tqiegħed lin-nies, lill-ħaddiema u lill-ambjent fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet.

Minkejja li l-Prodott Gross Domestiku (PGD) per capita ta' Malta huwa ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea (UE), il-pagi jibqgħu fost l-inqas. Dan juri li t-tkabbir ekonomiku mhux ġej mill-impjiegi, iżda minn sorsi oħra, primarjament l-ispekulazzjoni u l-bini. Il-pajjiż sar aktar attraenti għal min irid jixtri jew jinvesti fil-proprjetà, u f'lukandi li wkoll huma għodda spekulattiva, minflok għal min irid jibni karriera f'oqsma varji. Ammont sostanzjali ta' 'valur' ġej ukoll minn industriji li jiddependu fuq il-pagi baxxi tal-ħaddiema. L-ekonomija hija wkoll esposta żżejjed għal kapital li malajr jista' jitlaq mill-pajjiż bħas-settur finanzjarju spekulattiv, l-industrija tal-gaming u skemi ta' residenza b'investiment. Fis-settur tal-gaming diġà ċertu xogħol li kien isir minn ħaddiema b'edukazzjoni avvanzata qiegħed isir permezz ta' mezzi awtomatizzati u 'l hekk imsejħa intelliġenza artifiċjali.

Sfida oħra hija d-dipendenza tal-pajjiż fuq l-importazzjoni tal-enerġija u wkoll r-rata baxxa ta' riċerka u innovazzjoni. Il-gvern qed jinsisti fuq business-as-usual. Irid ikompli jżid it-turiżmu, u għaldaqstant l-ispekulazzjoni tal-propjetà. Irid ikompli jkabbar l-industrija tal-avjazzjoni, mingħajr ma jikkunsidra l-inevitabilità ta' regolamenti ġodda aktar onerużi dwar tniġġis. Irid ikompli jkabbar industriji bħall-gaming mingħajr ma jikkunsidra l-effetti negattivi tal-awtomatizazzjoni tax-xogħol u l-volatilità ta' setturi li jiddependu minn tassazzjoni baxxa. Dan jixhed nuqqas ta' viżjoni.

Spiss nisimgħu li hemm bżonn li niffokaw fuq setturi ekonomiċi partikolari. Ir-realtà hi li għandna bżonn firxa ta' setturi differenti, minn dawk ta' servizzi, manifattura, artiġġjanat, agrikoltura, servizzi kreattivi, kulturali u diġitali. Għandna nimmiraw għal firxa ta' setturi, bil-kundizzjoni li jirrispettaw l-benesseri tan-nies u l-limiti ekoloġiċi ta' pajjizna.

Konsiderazzjonijiet ta' sostenibbilità jeħtieg li jkunu ukoll parti integrali mid-deċiżjonijiet finanzjarji. Għandu jkun hemm emfasi fuq ir-riċerka u l-eko-innovazzjoni. L-iżvilupp tat-teknoloġija diġitali u tat-teknoloġija li tnaqqas l-impatti ambjentali jimxu id f'id, iggwidati mill-ħtiġijiet tas-soċjetà u mill-miri tal-komunità internazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli. Ekonomija li tiddependi wisq fuq numru limitat ta' industriji hija ekonomija vulnerabbli, u għalhekk qed nipproponu ekonomija soċjali u ekoloġika.

Malta, bħal ħafna pajjiżi oħra, adottat mudell ibbażat fuq tkabbir kontinwu, konsum intensiv u sfruttament tar-riżorsi. Dan il-mudell jista' jkun li wassal għal tkabbir ekonomiku fuq medda qasira ta' żmien, iżda qed joħloq pressjoni enormi fuq l-ambjent u fuq is-soċjetà.

Il-proposti tagħna:

1. L-ekonomija trid tinbidel f'waħda ċirkulari. Dan ifisser li r-riżorsi għandhom jintużaw b'mod effiċjenti, l-iskart għandu jitnaqqas drastikament, u l-produzzjoni għandha tkun ibbażata fuq sostenibbiltà fit-tul. Din mhijiex biss proposta ambjentali, iżda wkoll strateġija ekonomika li tista' toħloq impjiegi ġodda u tnaqqas id-dipendenza fuq importazzjoni.
2. ADPD ilu jisħaq li l-ekonomija trid tkun ibbażata fuq kwalità tal-ħajja aktar milli fuq kwantità ta' produzzjoni. Dan jinvolvi bidla fundamentali fil-mod kif jitkejjel is-suċċess ekonomiku, billi jmur lil hinn mill-GDP u jinkludi indikaturi ta' benesseri, saħħa u sostenibbiltà.
3. Kull għajnuna li tingħata lill-kumpaniji għandha tkun marbuta, flimkien ma' obbligu għal bidla fl-operat biex isir operat li ma' jagħmilx ħsara lill-klima, ma' impenn ċar biex ikun protett ix-xogħol, ikun assigurat ħlas indaqs għall-istess xogħol irrispettivament mill-ġeneru, u li jiffoka fuq taħriġ mill-ġdid biex issir tranżizzjoni lejn xogħol u ekonomija ħadra u ċirkolari, kif ukoll biex jinqered ix-xogħol prekarju.
4. Kumpaniji li jaħbu flushom u l-profitti offshore, biex jevitaw li jagħtu sehemhom permezz tat-taxxi, bħal ma' jerfgħu sehemhom il-ħaddiema, l-impjegati, u l-kumpaniji żgħar u medji ibbażati fl-ekonomiji lokali u nazzjonali, m'għandhomx igawdu minn għajnuna pubblika. Hemm bżonn sforz Ewropew biex tiġi miġġielda wkoll l-evażjoni tat-taxxa.

5. Malta m'għandhiex tibqa' tibbaża parti mill-Prodott Gross Nazzjonali fuq l-evażjoni tat-taxxi minn pajjiżi oħra: dan ukoll hu attakk kontra l-prinċipju bażiku ta' solidarjetà. F'dan il-każ Malta qed timmina is-solidarjetà soċjali u dan billi tinkoraġixxi l-evażjoni tat-taxxi f'pajjiżi oħra biex imbagħad iddaħħal taxxi ridotti fil-kaxxa ta' Malta.
6. L-iżvilupp ta' l-ekonomija teħtieġ konsiderazzjoni serja dwar liema investimenti għandhom jiġu inkoraġġiti, dawk skoraġġiti u dawk li għandhom jiġu kompletament skartati.
7. Hemm bżonn diskussjoni nazzjonali fil-fond dwar tassazzjoni li ssaħħaħ il-benesseri soċjali u ekoloġiku. Dwar dak li għandu jiġi ntaxxat, dak li jiġi ntaxxat inqas u dak li ma jiġi ntaxxat xejn. Id-dħul mix-xogħol għandu jiġi ntaxxat inqas, u l-ġid u l-assi inattivi għandhom jiġu ntaxxati aktar.
8. Għandu, bi pjan serju u fit-tul naslu biex ikun hemm piż tat-taxxa aktar baxx fuq il-pagi, jiġifieri fuq l-introjtu derivat mill-impjiegi, u bidla għat-tassazzjoni fuq l-użu tar-riżorsi. Din tiffavorixxi lill-impjegati u lil min iħaddem, tinċentiva l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u xorta tista' tipprovdi d-dħul meħtieġ biex tappoġġa s-servizzi pubbliċi. Il-piż tat-taxxa fuq id-dħul li ġej mill-impjiegi jitnaqqas, minflok jiġi trasferit għall-użu tar-riżorsi, il-ġid estrem u l-akkumulazzjoni tal-kapital, biex jitħeġġeġ l-investiment f'setturi soċjalment u ekoloġikament utli.
9. Għandu jiġi introdott dħul bażiku universali li jkopri n-neċessitajiet bażiċi ffinanzjat minn taxxa fuq l-użu tar-riżorsi u fuq l-attivitajiet spekulattivi, u fuq taxxa Ewropea fuq multinazzjonali diġitali u t-tniġġis. Malta jaqbillha.
10. Il-finanzjament spekulattiv għal żmien qasir, bl-effetti soċjali u ekoloġiċi negattivi tiegħu għandu jiġi ntaxxat permezz ta' taxxa Tobin.
11. Ekonomija ta' benesseri ekoloġiku u soċjali tindirizza s-settur finanzjarju li jinkoraġġixxi mġiba spekulattiva. Il-kapital finanzjarju mhux produttiv huwa piż fuq l-investiment reali f' setturi li jaqdu l-ħtiġijiet soċjali u ekoloġiċi tagħna. Viżjoni Ħadra alternattiva tħeġġeġ forom ta' attività ekonomika iżgħar, soċjali u organizzati b'mod koperattiv. Il-kooperattivi huma meqjusa bħala forma aktar demokratika u soċjalment responsabbli ta' organizzazzjoni ekonomika, li tgħaqqad il-profitt mal-benesseri tal-komunità.
12. ADPD jagħti importanza kbira lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u mudelli alternattivi ta' negozju. Il-politika ekonomika għandha tara li jkun hemm protezzjoni tal-SMEs minn prattiċi monopolistiċi ta' korporazzjonijiet kbar, appoġġ tekniku u finanzjarju għal kooperattivi u intrapriżi soċjali u inkoraġġiment tal-produzzjoni lokali u inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari.

L-għażla hija bejn ekonomija li taqdina lkoll, hija soċjalment ġusta, ekoloġikament soda u sostenibbli u ekonomija bbażata fuq sfruttament ta' nies u riżorsi, lokalment u barra, waħda li timplika l-prosperità ta' wħud a skapitu ta' ħaddieħor. Il-Viżjoni 2050 tal-gvern tonqos milli tindirizza dawn il-kwistjonijiet. Konvenjentement tinjorahom daqslikieku ma jeżistux.

## KOPERATTIVI

Iċ-ċifri dejjem jogħlew tal-Prodott Gross Domestiku (GDP) ma jagħtux stampa sħiħa tal-livell tal-għajxien u l-benesseri tas-soċjetà. Faċli wisq li nħarsu lejn dawn iċ-ċifri u nserrħu rasna li kollox miexi sew; iżda dawn iċ-ċifri waħdehom spiss jagħtu stampa mhix kompluta jekk mhux saħansitra qarrieqa.

Hemm bżonn li nħarsu lilhinn mill-GDP sabiex nifhmu jekk il-ġid li qegħdin niġġeneraw hux imqassam b'mod ġust u ekwu, u jekk hux isaħħaħ tassew 'il-komunità.

X'jiswa l-valur tal-GDP jekk huma biss il-ftit li qegħdin jistagħnew? X'jiswew dawn il-figuri meta riżorzi li jappartjenu lilna lkoll, bħal ma hija art pubblika, tingħata biex isservi l-ispekulazzjoni? Hemm bżonn li nersqu lilhinn minn mudelli ta' ekonomija li jiffavorixxu lill-ftit, filwaqt li dejjem infittxu li nsaħħu l-benesseri u d-dinjità tal-persuna. ADPD jemmen li assoċjazzjonijiet koperattivi, imsejsin fuq il-valuri tar-rispett u s-solidarjetà, ipoġġu lill-individwu u d-dinjità tiegħu qabel il-kilba għall-profitti bla tmiem.

# INSAĦĦU L-WELFARE STATE PERMEZZ TAL-KOPERATTIVI

L-aċċess għall-kapital huwa essenzjali għall-ġustizzja soċjali għaliex jelimina d-dipendenza fuq benefiċċji li jingħataw skont il-qagħda ekonomika tal-individwu. B'hekk, noħolqu l-opportunità ta' ħidma xierqa li twassal għal dinjità. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, ADPD - The Green Party jipproponi dan li ġej:

1. Emenda tal-Banking Act (Kap. 371) li tagħti lill-koperattivi ukoll d-dritt għal liċenzja bankarja. Banek koperattivi madwar l-UE jipprovdu 30% tas-self għal intrapriżi zgħar u ta' daqs medju (SME). Dawn il-banek ma jappartjenux lil azzjonisti iżda lill-membri tal-koperattiva stess. Dan iwassal għal alternattiva demokratika għall-oligopolju tal-banek kummerċjali sabiex inwieżnu intrapriżi soċjali, koperattivi għall-*housing* u intrapriżi ħodor.

2. Noħolqu Malta Co-operatives Futures Fund, li jibda b'valur ta' €5 miljun, immexxija bi sħubija bejn il-Malta Enterprise, il-Malta Development Bank u s-Central Co-operative Fund. Din tipprovdi kapital, garanziji u self b'interessi baxxi lill-koperattivi li jħaddnu ekonomija ħadra, li jipprovdu kura fil-komunità u innovazzjoni diġitali.

Setturi tal-popolazzjoni, bħal ma huma immigranti, nisa, persuni b'diżabilità u membri tal-komunità LGBTQ+ spiss iħabbtu wiċċhom ma' ostakli ikbar biex jaċċessaw il-kapital, biex jisselfu u biex iwaqqfu n-negozji tagħhom. Is-sistema tal-koperattivi tgħin sabiex din l-inġustizzja tingħeleb, għax il-koperattivi huma fihom infushom inklussivi: kull membru għandu vot indaqs.  Għalhekk:

3. Għandu jingħata d-dritt bil-liġi lill-koperattivi, għaqdiet volontarji u gruppi komunitarji sabiex ikunu huma li jipprovdu servizzi pubbliċi bħall-kura tal-anzjani, kliniċi fil-komunità u enerġija rinovabbli, qabel ma jitnieda proċess ta' tendering kummerċjali. Dan jgħin sabiex titnaqqas id-diskriminazzjoni, għax b'hekk tingħata l-opportunità lil komunitajiet marġinalizzati sabiex jipproduċu s-servizzi li jiħtieġu, minflok jibqgħu konsumaturi passivi.
4. Għandhom jiġu stabbiliti regoli ċari li jippermettu lill-organizzazjonijiet volontarji u fondazzjonijiet sabiex mingħajr xkiel, joħolqu l-intrapriżi tagħhom. B'hekk ngħidu aħna, għaqda volontarja mmexxija minn immigranti tkun tista' toħloq koperativa ta' servizzi tat-tindif mingħajr ambigwità legali.

L-użu tal-art u propjetà privata għal skopijiet ta' spekulazzjoni huwa fost l-aktar prattiċi ta' ħsara għall-ambjent lokali. Għalhekk, ADPD jipproponi li:

5. Koperattivi tal-housing, mingħajr skop ta' qligħ, jibbenefikaw minn ċens bi prezz baxx għal tul ta' żmien. B'hekk l-art ma tibqax aċċessibbli għal skopijiet ta' spekulazzjoni.
6. Nikkonvertu u nsaħħu bini eżistenti minflok inħottuh. Bini tal-gvern li mhux jintuża għandna nikkonvertuh f'residenzi koperattivi u ġonna għall-komunità. B'hekk, innaqqsu l-ħsara urbana kif ukoll l-iskart tal-kostruzzjoni.
7. Noħolqu Community Land Trusts, li jieħdu ħsieb li kull proġett ta' housing u ta' enerġija rinovabbli jibqa' affordabbli u li ma jkunx ta' ħsara ambjentali.

Il-koperattivi huma mod ideali sabiex inwettqu l-Green New Deal, għaliex jagħtu prijorità lir-reżiljenza fit-tul minflok esplojtazzjoni mgħaġġla. Għalhekk:

8. ADPD jirrakkomanda li niffaċilitaw ix-xiri ta' SMEs f'setturi ħodor mill-ħaddiema stess, sabiex niżguraw li l-operat ikompli wara li s-sidien jirtiraw. B'hekk, il-ħidma ta' operati siewja bħall-immaniġġjar tal-iskart, biedja organika u l-enerġija rinovabbli ma tintilifx, iżda titmexxa mill-ħaddiema bħala koperattiva.
9. Koperattivi li jmexxu operati ta' energija rinovabbli, ekonomija ċirkolari  u l-produzzjoni ta' ikel b'mod sostenibbli għandu jkollhom aċċess prijoritarju għall-fond ta' €5 miljun Euro fil-Malta Co-operatives Futures Fund.
10. Inħeġġu li tenders pubbliċi għal proġetti ta' siwi ambjentali bħal ma huma tħawwil ta' siġar u l-immaniġjar ta' riżervi naturali, ikunu aċċessibbli għall-koperattivi u intrapriżi soċjali, skont id-Direttiva 2014/24/EU.

Il-koperattivi huma xempju tad-demokrazija għaliex jirrikjedu laqgħat u koperazzjoni mal-imseħbin, governanza trasparenti u kontijiet awditjati. Għalhekk tajjeb li nrawmu l-istudenti fil-livelli kollha fi prattici koperattivi u demokratiċi; u ninċentivaw lill-istudenti sabiex jissiebu f'għaqdiet koperattivi u li jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod kollettiv u demokratiku.

# DIĠITALIZZAZZJONI GĦALL-ĠID KOMUNI U SOVRANITÀ EWROPEA

Id-diġitalizzazzjoni mhix biss kwistjoni teknika jew ekonomika. Hija kwistjoni politika, demokratika u soċjali. Is-sistemi diġitali li nużaw kuljum, minn search engines sa social media u cloud services, mhumiex newtrali. Dawn huma mibnija fuq mudelli ekonomiċi li jiffavorixxu l-kontroll, l-estrazzjoni tad-data u l-konċentrazzjoni tal-poter f'idejn ftit kumpaniji multinazzjonali.

Illum, parti kbira mill-komunikazzjoni pubblika, mill-aċċess għall-informazzjoni u mill-ekonomija diġitali hija kkontrollata minn monopolji globali. Dawn il-pjattaformi jiffavorixxu kontenut virali, ħafna drabi bla responsabbiltà, filwaqt li jiddeterminaw x'naraw u x'ma narawx permezz ta' algoritmi li ħadd ma jifhimhom u li m'hemmx kontroll demokratiku fuqhom. Dan mhux kompatibbli ma' soċjetà demokratika.

Għalhekk, ADPD -The Green Party jemmen li wasal iż-żmien li d-diġitalizzazzjoni titpoġġa fuq bażi ġdida: waħda li tpoġġi l-bniedem, il-privatezza u d-demokrazija qabel il-profitt.

# EKOSISTEMA DIĠITALI EWROPEA

Malta għandha tkun fuq quddiem nett biex timbotta għal ekosistema diġitali Ewropea sovrana, miftuħa u interoperabbli. Dan ifisser koperazzjoni bejn stati membri tal-Unjoni Ewropea biex jinbnew infrastrutturi diġitali komuni, bħal cloud pubbliku Ewropew, sistemi ta' data governati demokratikament u pjattaformi diġitali interoperabbli li ma jillimitawx lill-utenti.

Dan huwa konformi mal-viżjoni tal-European Greens u tal-Grupp Greens/EFA fil-Parlament Ewropew, li ilhom jisħqu fuq 'sovranità diġitali Ewropea', kontroll demokratiku u tnaqqis tad-dipendenza fuq Big Tech.

Ekosistema diġitali bħal din mhux biss issaħħaħ id-demokrazija, iżda wkoll toħloq opportunitajiet ekonomiċi ġodda, partikolarment għal pajjiżi żgħar bħal Malta li jistgħu jikkontribwixxu b'mod speċjalizzat.

# SOFTWARE OPEN SOURCE U AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Il-Gvern Malti għandu jadotta politika ċara fejn is-software open source isir l-għażla preferuta fl-amministrazzjoni pubblika.

Dan għandu diversi vantaġġi, fosthom trasparenza akbar fis-sistemi użati mill-istat, sigurtà mtejba permezz ta' verifika pubblika tas-source code, tnaqqis fid-dipendenza fuq fornitur wieħed (vendor lock-in) u anke iffrankar ta' finanzi pubbliċi.

Barra minn hekk, l-użu u l-iżvilupp ta' software open source joħloq ekosistema lokali ta' innovazzjoni, fejn kumpaniji żgħar u żviluppaturi jistgħu jikkontribwixxu u jibbenefikaw direttament anke ekonomikament, mingħajr il-kontroll ta' kumpaniji multinazzjonali.

# INTERNET MIFTUĦ U DEĊENTRALIZZAT

L-internet oriġinali kien mibni fuq prinċipji ta' miftuħ u deċentralizzat. Illum, dan ġie sostitwit minn sistemi magħluqa u ċentralizzati li jikkontrollaw l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

ADPD jappoġġja:

1. Żvilupp u finanzjament ta' pjattaformi "deċentralizzati u federati" (bħal dawk ibbażati fuq protokolli miftuħa).
2. Interoperabbiltà bejn servizzi diġitali.
3. Id-dritt għall-portabbiltà tad-data.
4. Standards miftuħa li jippermettu lill-utenti jiċċaqalqu bejn il-pjattaformi differenti.

Dan inaqqas il-poter tal-korporazzjonijiet u jtieh lura lill-komunitajiet u lill-utenti.

# PRIVATEZZA, DRITTIJIET U KONTROLL DEMOKRATIKU

Mudelli ekonomiċi bbażati fuq sorveljanza u reklamar immirat huma inkompatibbli ma' soċjetà ħielsa.

Għalhekk, hemm bżonn limitazzjonijiet qawwija fuq ġbir u użu ta' data personali, trasparenza fl-algoritmi li jaffettwaw il-ħajja tan-nies, drittijiet ċari għall-utenti dwar kif tintuża d-data tagħhom u kontroll demokratiku fuq infrastrutturi diġitali essenzjali.

Id-diġitalizzazzjoni għandha ssaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini, mhux tnaqqashom.

# IMPJIEGI, LINGWI U OPPORTUNITAJIET ĠODDA

Ekosistema diġitali Ewropea miftuħa toħloq opportunitajiet ġodda ta' xogħol f'Malta bħal żvilupp ta' software u servizzi diġitali, manutenzjoni u amministrazzjoni ta' sistemi open source, xogħol tekniku relatat ma' cybersecurity u data management u servizzi ta' moderazzjoni u governanza ta' pjattaformi.

Toħloq ukoll domanda għal ħaddiema fil-qasam tal-lingwi, inkluż il-Malti, traduzzjoni, lokalizzazzjoni u adattament ta' servizzi diġitali għal lingwi Ewropej differenti, u komunikazzjoni u kontenut multilingwi.

Dan jagħti valur ġdid lill-istudji tal-lingwi u joħloq rabta bejn it-teknoloġija u l-kultura.

Id-diġitalizzazzjoni m'għandhiex tkun proġett immexxi minn kumpaniji multinazzjonali li jimmassimizzaw il-profitt. Għandha tkun proġett demokratiku, Ewropew u mmexxi għall-ġid komuni. Malta għandha tkun parti attiva minn din it-trasformazzjoni, mhux biss bħala konsumatur tat-teknoloġija, iżda bħala pajjiż li jikkontribwixxi, joħloq u jipparteċipa fl-ekosistema diġitali Ewropea.

It-teknoloġija għandha sservi lill-bniedem, mhux tikkontrollah.

# L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI U L-KREATTIVITÀ

Nirrikonoxxu li l-użu dejjem jikber tal-intelliġenza artifiċjali fl-industriji kreattivi, b'mod partikolari l-iskannjar u r-replikazzjoni diġitali ta' individwi għall-użu fil-films, televiżjoni, reklamar u mezzi oħra. Dan joħloq riskji serji għad-drittijiet, id-dinjità u l-għajxien tan-nies. Dan japplika kemm għal professjonisti kif ukoll għal persuni mhux professjonali, inklużi extras u parteċipanti oħra.

Dan għandu jkun regolat bl-introduzzjoni ta' protezzjonijiet legali ċari li jirregolaw l-użu ta' xbiehat diġitali ġġenerati bl-intelliġenza artifiċjali, jinkluż:

1. Kunsens Infurmat u Mogħti Liberament - L-ebda persuna ma tista' tiġi skannjata jew riprodotta diġitalment mingħajr kunsens ċar, espliċitu u bil-miktub minn qabel. Dan il-kunsens għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni sħiħa dwar kif, fejn u għal kemm żmien se tintuża x-xbieha diġitali.
2. Perjodu ta' Riflessjoni (Cooling-Off Period) - Kull kuntratt relatat mal-użu ta' xbieha għal skopijiet ta' intelliġenza artifiċjali għandu jinkludi perjodu obbligatorju ta' riflessjoni, sabiex ikun assigurat li l-persuni ma jkunux imġiegħla jiffirmaw ftehim immedjatament jew taħt pressjoni.
3. Projbizzjoni ta' Klawsoli 'Għal Dejjem' jew Bla Limitu - Klawsoli li jagħtu drittijiet 'għal dejjem' jew mingħajr limitu ta' żmien jew spazju ma għandhomx ikunu infurzabbli. Kull ftehim għandu jkun limitat fiż-żmien, fl-iskop u fl-użu, u jista' jiġġedded biss bi kunsens ġdid.
4. Dritt li jkun irtirat il-kunsens - Il-persuni għandhom iżommu d-dritt li jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-użu futur tax-xbieha diġitali tagħhom, speċjalment jekk l-użu jmur lil hinn minn dak li kien miftiehem oriġinarjament jew jikkawża ħsara. Dan japplika għal użi ġodda u futuri, filwaqt li jirrispetta xogħlijiet li diġà ġew rilaxxati legalment.
5. Kumpens Ġust u Kontinwu - Kull użu ta' xbieha diġitali għandu jkun akkumpanjat minn kumpens ġust. Meta x-xbieha diġitali tintuża mill-ġdid, il-persuna għandha tirċievi ħlas adegwat, inkluż ħlas għal kull użu jew sistema ta' residuals.
6. Trasparenza u Dritt għall-Informazzjoni - Il-persuni għandhom id-dritt li jkunu jafu meta, fejn u kif qed tintuża x-xbieha diġitali tagħhom. Il-kumpaniji u l-produtturi għandhom iżommu rekords ċari u jipprovdu aċċess għal dawn l-informazzjonijiet fuq talba.
7. Infurzar u Responsabbiltà Legali - L-użu ħażin jew mhux awtorizzat ta' xbieha għandu jkun suġġett għal pieni legali effettivi, inkluż kumpens għal danni. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li dawn ir-regoli jiġu rispettati.

# TURIŻMU: NINDIRIZZAW IL-ĦSARA LI SARET U LI QED TIKBER

It-turiżmu tħalla jikber b'mod esaġerat. L-impatti ta' dan inħossuhom u narawhom kontinwament.

Kien hemm żmien meta t-turiżmu kien ta' ġid kbir għall-pajjiż. Ipprovda x-xogħol, kien strument tajjeb biex inħoloq il-ġid u fuq kollox kien essenzjali biex il-pajjiż jibda jinfatam minn ekonomija ta' bażi militari.

Għadu joħloq il-ġid. Imma, bħal kollox, hemm il-limiti, li, meta nqabżu, mhux qed isir ġid, iżda qed issir ukoll il-ħsara. It-turiżmu esaġerat (over-tourism) illum qiegħed jagħmel il-ħsara lill-pajjiż.

Nafu, minn studju ikkummissjonat mill-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u r-Restoranti (MHRA) li n-numri tal-lum iridu jkomplu jiżdiedu minħabba n-numru ta' permessi li ħarġu għall-lukandi ġodda jew estensjoni ta' lukandi esistenti.

Il-pajjiż ma' jiflaħx għall-piż ta' turiżmu esaġerat (over-tourism). Dan qed ikollu impatt negattiv fuq in-nies, fuq ir-residenzi u fuq iz-zoni residenzjali, fuq l-infrastruttura, fuq il-konsum tal-ilma u l-elettriku, fuq l-iskart iġġenerat kif ukoll fuq l-effiċjenza tas-servizzi tal-Kunsilli Lokali.

Għandu impatt konsiderevoli ukoll fuq l-attività ta' kostruzzjoni. Mhux biss fuq il-kostruzzjoni tal-lukandi infushom imma ukoll fuq l-attività ta' spekulazzjoni fl-iżviluppi residenzjali li qed jispiċċaw jintużaw għal skop turistiku billi jingħataw għall-kiri fuq perjodu qasir (short-term lets).

Dan il-fenominu li hu mifrux b'mod ġenerali mal-pajjiż kollu jeffettwa xi lokalitajiet iktar minn oħrajn. Riżultat ta' hekk uħud mil-lokalitajiet effettivament ġew ikkonvertiti f'villaġġi turistiċi. Għal dan jaħtu kemm l-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll l-Awtorità tat-Turiżmu li mhux jieħdu l-passi meħtieġa biex jipproteġu lir-residenti u liż-żoni residenzjali.

Naħdmu biex din il-ħsara tkun indirizzata. Dan jeħtieġ li jsir billi jibdew jonqsu n-numri ta' turisti li jżuruna u nibdew niffukaw fuq turiżmu ta' kwalità. Hu meħtieġ ukoll li l-attività turistika issir b'rispett sħiħ lejn ir-residenti. Qed nipproponu tlett miżuri partikolari li dwarhom tista' tittieħed azzjoni immedjata.

It-turiżmu ma għandux jinbqax jingħata trattament preferenzjali mill-Awtorità tal-Ippjanar. In partikolari l-policy tal-ippjanar li tippermetti li l-bini ta' lukandi jkun jista' jsir fuq numru ta' sulari addizzjonali minn l-inħawi għandha tieqaf immedjatament.

M'għandhomx jibqgħu jiġu ingumbrati il-bankini bl-imwejjed u s-siġġijiet, biex restoranti u barijiet jestendu għal fuq spazji pubbliċi. Dan qed joħloq diffikultajiet kemm biex in-nies tagħmel użu mill-bankini kif ukoll f'numru ta' każi qed jinħolqu diffikultajiet fl-aċċess għar-residenzi.

Il-Kunsilli Lokali għandhom ikunu involuti direttament fir-reġistrazzjoni ta' appartamenti li jintużaw għall-kiri fuq perjodu qasir (short-let rentals) u mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali propjetà residenzjali ma tkunx tista' tintuża bħala short-let rental.

Ir-rwol ċentrali tal-Kunsilli Lokali fir-regolamentazzjoni tat-turiżmu għandu jkun rikonixxut bil-fatti. Fost oħrajn l-eko-kontribuzzjoni li titħallas mit-turiżmu għandha tiżdied regolarment għal ammont raġjonevoli. L-ammont li jinġabar għandu jgħaddi kollu għand il-Kunsilli Lokali biex ikun farka żgħira mir-riżorsi li l-Kunsill Lokali jkollu għad dispożizzjoni tiegħu fil-ħidma tiegħu.

Filwaqt li ninnotaw b'sodisfazzjoni li l-ecotax fuq it-turisti li jżuru pajjiżna żdiedet mill-ammont redikolu li kienet, l-ammont li jinġabar għandu jgħaddi kollu għand il-kunsilli lokali biex ikun jista' jagħmel tajjeb għall-impatt tal-industrija tat-turiżmu fuq il-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

# L-INDUSTRIJA TAL-BINI

Il-frekwenza tal-inċidenti fuq is-siti ta' kostruzzjoni qed jiżdiedu. Weġġgħu n-nies. Uħud gravi. Kellna ukoll l-imwiet. Numru ta' mwiet ġew evitati b'ċikka. Dan mhux dejjem seħħ minħabba regolamentazzjoni adegwata. Bosta drabi, fortunatament, minkejja kollox, ġiet tajba.

Il-kollass tal-bini f'Paceville lejn nofs is-sena 2025 kien wieħed minn dawn il-każijiet, fejn fortunatament, minkejja l-gravità tas-sitwazzjoni la weġġa'u l-anqas miet ħadd.

Saru diversi riformi u ddaħlu diversi kontrolli fuq l-industrija tal-kostruzzjoni. Għadu kmieni iżda biex wieħed jista' jgħid li l-industrija tal-bini hi regolata sew. Għad irid jgħaddi ftit taż-żmien biex inħossu l-effett tat-tibdil li twettaq. Bla dubju għad hemm ħafna iktar li jista' jsir.

Uħud mill-problemi fis-settur, iżda, għadhom magħna. Xi persuni kompetenti ġew imwarrba, għax imxew sew u bdew jirfsu l-kallijiet. Il-pariri li taw inħassu iebsa wisq u ġew skartati.

# SERVIŻŻ ĠEOLOĠIKU MALTI

Wieħed min-nuqqasijiet li għad ma sar prattikament xejn biex ikun indirizzat huwa in-nuqqas ta' servizz ġeoloġiku Malti. Hu meħtieġ li jingħata għarfien ikbar lill-ġeoloġija tal-gżejjer Maltin. Dan hu meħtieġ mhux biss f'każi individwali fejn ikun propost li jsir l-iżvilupp.

Jeħtieġ li nkunu nafu aħjar fhiex tikkonsisti l-ġeoloġija ta' dawn il-gżejjer. Il-ftit informazzjoni li ħallew warajhom il-militar Ingliż mhiex aġġornata. Hemm ukoll xi żbalji fid-dokumentazzjoni li ħallew, li, wara iktar minn 60 sena għad ma ġietx korretta.

Hemm il-ħtieġa urġenti li jitwaqqaf Servizz Ġeoloġiku Malti. Malta hija l-uniku pajjiz fl-Ewropa mingħajr awtorità ġeoloġika ċentralizzata. Dan qed iħalli l-industrija tal-kostruzzjoni, l-ippjanar urban, u l-ħarsien tal-ambjent b'nuqqasijiet professjonali. Is-Servizz Ġeoloġiku, meta jitwaqqaf għandu jservi bħala l-awtorità ġeoloġika definittiva tal-pajjiż. Is-Servizz Ġeoloġiku jipprovdi informazzjoni ġeoloġika tant essenzjali għall-industrija tal-kostruzzjoni. B'hekk ikun assigurat li l-iskavar jista' jkun ippjanat u issorveljat aħjar. Riżultat ta' hekk ikun iktar possibbli li nserrħu rasna fuq l-integrità tas-settur tal-kostruzzjoni.

Is-Servizz Ġeoloġiku ikun għodda indispensabbli biex ikun assigurat l-immaniġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pajjiż, ewlenin fosthom l-ilma, il-franka u ż-żonqor fil-barrieri. Hu essenzjali ukoll fl-immaniġjar tal-kosta u fl-ippjanar tant meħtieġ biex nilqgħu għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

Biex dan ikun jista' jsir sewwa għandna bżonn ġeoloġi imħarrġin u rispettati mill-awtoritajiet regolatorji. Il-ġeologu imħarreġ għandu jingħata l-għarfien b'warrant. Għandu jkun il-ġeologu imħarreġ li jassigura li l-valutazzjoni ġeoloġika, meta din tkun meħtieġa, issir skont l-għola prattika rikonoxxuta fuq livell internazzjonali.

# PASSAPORT GĦALL-BINI

Is-sigurta tal-bini hi meħtieġa ukoll waqt li l-bini ikun qed jintuża. Dan il-fatt ma nagħtux kaz tiegħu biżżejjed. L-awtoritajiet pubbliċi donnhom jistenbħu biss meta jinqala' inċident. Huwa meħtieġ li nipprevjenu u dan billi regolarment isiru verifiki li l-bini eżistenti hu fi stat tajjeb.

Nafu li saru proposti f'dan is-sens, li imma sfortunatament ġew imwarrba.
Għodda importanti biex jintlaħaq dan l-iskop ikun il-ħolqien ta' passaport għal kull binja.

Dan il-passaport għandu jkun f'idejn u amministrat mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u jkun jiġbor fih d-dokumenti kollha dwar kull binja. Ibda mill-pjanti approvati biex ikun żviluppat, żid miegħu ir-rapporti kollha li jitħejjew dwaru in konnessjoni mal-proċess biex jinħareġ il-permess u biex eventwalment jinbena. Għandek imbagħad iċ- Ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (l-Energy Performance Certificate) li dwaru hemm obbligu legali u li jkun imġeddded kull għaxar snin.

Din l-informazzjoni kollha, illum il-ġurnata diġà teżisti. Kull ma hu meħtieġ hu li din tinġabar kollha f'post wieħed, għand l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA). Perjodikament ma' din l-informazzjoni wieħed għandu jżid informazzjoni addizzjonali dwar l-istat tal-binja biex b'hekk ikun assigurat li din tkun f'kundizzjoni tajba dejjem.

Dan hu process li jieħu ż-żmien. Imma jista' jsir mingħajr diffikultà għax l-informazzjoni kollha dwaru hi diġà f'idejn l-awtoritajiet. Nistgħu nagħmlu użu minnha ħafna aħjar milli qegħdin nagħmlu illum. Nibdew bil-bini l-ġdid u bil-mod il-mod ninkludu l-bini kollu.

Hekk nistgħu fuq perjodu ta' żmien nassiguraw li kull binja f'Malta u Għawdex qegħda fi stat tajjeb. Dan mhux biss meta binja tkun ser tinxtara. Għax l-informazzjoni dwarha tkun diġà teżisti kollha miġbura f'post wieħed. Jonqos il-qerq ukoll, għax l-informazzjoni kollha tista' tkun awtentika.

Hekk ikun servizz tajjeb. X'qed nistennew? Kemm il-mewt irridu niffaċċjaw fis-settur tal-kostruzzjoni biex nibdew naġixxu? Dan kollu jkun ta' għajnuna għall-komunità kollha.

# GVERN LOKALI U REĠJONALI

Għandna ħtieġa ta' Gvern Lokali u Gvern Reġjonali b'saħħtu. Irridu npoġġu fil-prattika is-sussidjarjetà. Fi ftit kliem id-deċiżjonijiet li jolqtu l-ħajja ta'kuljum għandhom ikun l-iktar viċin possibbli tan-nies.

Il-Kunsilli Lokali bħalissa huma dgħajfa iktar minn qatt qabel. Gradwalment ġew trasformati minn gvern lokali għal front office tal-customer care tal-gvern. Il-gvern jindaħlilhom kontinwament. U dan apparti li f'diversi każi għanda kunsilli li huma mimlija b'kunsilliera li huma persuni ta' fiduċja ta' Ministri fil-kariga, u fil-fatt jaħdmu fil-Ministeri. Din mhix xi ħaġa ġdida, imma żdiedet konsiderevolment f'dawn is-snin u qed tagħmel ħsara kbira lill-Kunsilli infushom.

Ir-responsabbiltà għat-tmexxija tal-lokalitajiet għandha tkun f'idejn il-Kunsilli u mhux f'idejn Ministeri jew Dipartimenti tal-Gvern. Dan jgħodd għall-ħidma kollha mill-knis sal-manteniment tat-toroq.

Is-sitwazzjoni preżenti hi tali li diversi ministeri qed jiddeċiedu huma lil min jagħtu l-flus u għal-liema attivitajiet, għal-liema proġetti ta' pedestrijanizazzjoni li jridu huma, għal-liema ġnien iridu huma. Saru photo-ops għall-ministri li jikkompetu bejniethom għall-viżibilità. Saħansitra s-servizz tal-iskart fuq livell reġjonali huwa kkontrollat mid-dipartiment.

Transport Malta u aġenziji oħra kontinwament qed jieħdu d-deċiżjonijiet minflok il-kunsilli lokali, ħafna drabi wara ndħil mill-ministeri direttament favur xi resident meqjus ta' ġewwa.

Il-kapaċità għall-infurzar ta' affarijiet sempliċi hija non-eżistenti. Il-wardens spiċċaw 'pulizija tat-traffiku' tal-gvern ċentrali, il-pulizija tal-komunita' spiċċaw ta' xi 6 jew 7 lokalitajiet f'daqqa, u jridu jmorru minn post għal ieħor bil-mixi.

Fejn ikun hemm proposti għal żvilupp fil-lokalitajiet, ħafna drabi l-fehma tal-Kunsilli Lokali hi injorata. Mhux aċċettabbli li d-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar b'rappreżentant wieħed tal-Kunsill Lokali effettwat.

Il-proposti ta' ADPD għall-Kunsilli Lokali huma s-segwenti:

1. Il-prinċipju tas-sussidjarjetá għandu jingħata għarfien kostituzzjonali bħala linja gwida għall-amministrazzjoni pubblika ta' pajjiżna.
2. Hemm bżonn impenn ikbar mill-Gvern biex permezz tad-dipartimenti, aġenziji u awtoritajiet imwaqqfa b'liġi l-Kunsilli Lokali jkunu kkonsultati u involuti minn kmieni f'dak kollu li jikkonċerna lill-lokalitajiet.
3. Tkun inkoraġġita l-kolleġjalità u dan billi ir-rwol ta' kull kunsillier ikun apprezzat iktar mhux biss bl-assenjazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltajiet lil kull Kunsillier imma ukoll billi l-għoti ta' onorarja raġjonevoli ma jsirx biss lis-Sindku imma ukoll kemm lill-Viċi Sindku kif ukoll lill-kunsilliera kollha.
4. Kull fejn hu possibbli għandha tkun diċentralizzata l-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż u dan a bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, dan għandu jsir b'mod gradwali.
5. It-tmexxija kollha tal-Kunsill Reġjonali għandha tkun waħda demokratika u dan billi kemm il-President kif ukoll il-membri tal-Kunsill Reġjonali jkunu soġġetti għall-vot popolari. L-ebda wieħed u waħda mill-politiċi reġjonali jew lokali ma għandu jkun full-time. F'kull każ huwa s-Segretarju Eżekuttiv, uffiċjal pubbliku li għandu jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum.
6. Il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw rwol deċiżiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar proġetti maġġuri fil-lokalità tagħhom.
7. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jkun applikat għall-ħarsien tal-ambjent (inkluż l-ippjanar għall-użu tal-art). L-awtoritajiet ċentrali jżommu r-rwol ta' regolatur u l-funzjoni operativa tgħaddi f'idejn il-Gvernijiet Reġjonali.

## GĦAWDEX

L-iżvilupp reġjonali jfittex li jtejjeb il-qagħda tar-reġjuni. Fl-Unjoni Ewropea l-politika dwar l-iżvilupp reġjonali jirreferu għaliha ukoll bħala l-politika ta' koeżjoni. Permezz tal-politika reġjonali nfittxu li nnaqqsu d-differenzi bejn ir-reġjuni u dan billi jkunu identifikati inizjattivi li jiffaċilitaw t-trasformazzjoni meħtieġa.

Dwar Għawdex il-gvern ikkonkluda strateġija dwar l-iżvilupp reġjonali ta' Għawdex li fiha innifisha tikkonfliġġi mal-mod kif ilu jaħdem il-Ministeru għal Għawdex.

L-istrateġija tiddeskrivi lil Għawdex bħala l-gżira tal-irħula. Tipprova, fuq il-karta, toħloq kuntrast bejn iċ-ċokon tar-raħal u l-kobor relattiv taż-żoni urbani.

Dan jikkuntrasta mill-iżvilupp bl-addoċċ li għaddej fil-gżira Għawdxija. Dan ma bediex illum, imma tul din il-leġiżlatura kompla jirranka. Flok ma sar eżerċizzju biex jintużaw il-karatteritiċi rurali tal-gżira Għawdxija biex tkun żviuppata politika dwar agrituriżmu baqgħet għaddejja l-ħerba. Ħerba li ma tirrispetta xejn u lil ħadd.

L-aħħar eżempji huma d-deċiżjoni tat-twaqqiegħ tal-barracks f'Chambray u l-iżvilupp viċin wisq tat-tempji tal-Ġgantija. L-ippjanar għall-iżvilupp tal-art mhux jaħdem sew biex dawn il-ħniżrijiet għadhom qed isiru.

Dan hu l-assedju li Għawdex, il-gżira tal-irħula, għadha qed tiffaċċja. L-aħħar ċensiment li sar fl-2021, fir-rapport dwar il-propjetà residenzjali il-problema kienet ikkwantifkata: 45 fil-mija tal-propjetà residenzjali f'Għawdex dakinnhar kienet vojta jew ftit li xejn użata u dan in vista tal-użu staġjonali. Dan jikkuntrasta mal-istatistika għal reġjuni oħra tal-pajjiż. F'livell nazzjonali huma 27.5 fil-mija l-propjetajiet residenzjali li ċ-ċensiment tal-2021 qies vojta jew ftit li xejn użati.

Dan jidentifika t-theddida li trid tiffaċċja Għawdex, il-ġzira tal-irħula. Għalfejn jitħalla dan l-iżvilupp għaddej jekk daqstant mill-propjetà li qed tinbena tibqa' vojta inkella ftit li xejn tkun użata? Dan mhux biss qed jeqred iktar art agrikola imma bil-mod il-mod qed iġib fix-xejn l-irħula, l-karatteristika ta' Għawdex li issa ftit ftit qed dejjem joqorbu iktar lejn xulxin. Dan hu ta' xkiel għall-kwalità tal-ħajja ġewwa Għawdex.

Filwaqt li l-medja f'Għawdex hi ta' 45 fil-mija propjetà vojta, skont iċ-ċensiment tal-2021, f'Marsalforn dan il-persentaġġ jitla' għal 66.8 fil-mija. Dan huwa ir-riżultat tal-iżvilupp sfrenat li seħħ anke f'Għawdex.

Hu meħtieg moratorju immedjat fuq żvilupp massiċċ, jiġifieri proġetti kbar. Kif jingħad f'partijiet oħra ta' dan il-manifest hemm ħtieġa urġenti li nwaqqfu darba għall-dejjem it-teħid ta' iktar raba' għall-iżvilupp. L-eżerċiżżju ta' razzjonalizzazzjoni li permezz tiegħu kwantità kbira ta' art barra miż-żona tal-iżvilupp saret tajba għall-bini jinġieb fi tmiem.
L-industrija tal-kostruzzjoni jeħtieġ li tnaqqas l-attività tagħha, għax issa ħlief ħsara mhix tagħmel.

Ninnotaw li l-mina proġettata taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex ilha ma tissemma'. Bħal donnu intesiet. Dan hu tajjeb. Ikun aħjar jekk il-preparazzjonijiet li saru jkunu kanċellati darba għal dejjem.

Flok din il-ħerba, ADPD jipproponi:

1. Moratorju immedjat fuq proposti ta' żvilupp massiċċ.
2. Tmiem tal-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni u protezzjoni bis-serjetà tal-art agrikola u l-art barra miż-żona tal-iżvilupp.
3. Tingħata prijorità lir-riġenerazzjoni tal-irħula b'għajnuna finanzjarja fejn hemm bżonn u bl-inkoraġġiment tas-snajja' tradizzjonali fl-industrija tal-kostruzzjoni.
4. Emfasi dwar Għawdex bħala zona ta' turiżmu sostenibbli b'emfasi fuq agrituriżmu u ekoturiżmu; dan għandu jwassal għal turiżmu ta' kwalità, bi tnaqqis fin-numri u żieda fl-infieq.
5. L-art u r-raba' bejn l-irħula tibqa' miftuħa u produttiva, l-agrikoltura u l-pajsaġġ isiru parti mill-ekonomija,
6. Jiġi rtirat l-proġett tal-airstrip inutli f'Tax-Xħajma.
7. Prijorità lil proġetti ta' enerġija nadifa, micro-grids u sistemi ta' ħażna ta' enerġija nadifa fil-komunitajiet. Mira ta' zero-emissjonijiet mill-elettriku kkonsmat sal-2035.
8. Prijorità għal sistemi ta' trasport sostenibbli, inkluż rotot sikuri għar-roti u scooter u roti elettriċi.

## SAĦĦA SESSWALI U RIPRODUTTIVA

Ilha iktar minn sena li saret konsultazzjoni pubblika[4] fuq Strateġija Nazzjonali dwar is-saħħa sesswali. Sa issa għad ma hemm ebda konklużjoni. Huwa essenzjali li d-dibattitu jkun konkluż u li strateġija finali tkun ippubblikata u implimentatat.

Huwa essenzjali li l-istrateġija, meta konkluża tkun implimentata bi trasparenza, b'miri ċari u li d-Dipartment tas-Saħħa jinforma regolarment dwar kif ikunu qed jintlaħqu l-miri stabiliti.

L-istrateġija għandha tassigura li l-edukazzjoni sesswali tkun mandatorja fl-iskejjel kollha bla ebda eċċezzjoni. Din għandha tinkludi ukoll informazzjoni dwar relazzjonijiet LGBTIQ+.

Il-GU clinic[5] jeħtieġlu żieda sostanzjali fil-finanzjament tiegħu biex ikun jista' jkun effettiv u jilħaq mal-ħtiġijiet mediċi tal-komunitajiet kollha. B'mod partikolari jinħtieġu iktar tobba imħarrġa fuq il-prevenzjoni u l-kura ta' mard trażmess sesswalment. Ir-rata ta' dijanjożi ta' każijiet HIV hi għolja meta mqabbla mal-medja fl-Unjoni Ewropea. Hemm bżonn naġġornaw u ntejbu is-servizzi mediċi f'dan il-qasam.

B'mod urġenti, kemm il-MAP[6] u l-PEP[7], għandhom ikunu disponibbli bla ħlas fiċ-ċentri tas-saħħa u l-isptarijiet għal kull min ikun fil-bżonn, u mhux biss f'każijiet ta' stupru.

4 National Sexual Health Strategy 2025-2030

5 Genitourinary clinic

6 Morning After Pill

7 Post Exposure Prophylaxis, mediċina li tindirizza l-HIV

# KONTRAĊETTIVI

Għad hawn spiżeriji, li, għadhom qed jirreżistu l-bejgħ tal-kontraċettivi ta' emerġenza (Morning After Pill). Fid-dawl tal-fatt forsi aħjar li l-kontraċettivi ta' emerġenza jitqassmu b'xejn mis-servizz nazzjonali tas saħħa.

Hu meħtieġ li jkun hemm għarfien aħjar fost it-tobba u l-paramediċi kollha tal-ħtiġijiet mediċi tal-komunità LGBTIQ+. Dan m'għandux ikun limitat għal dawk li joperaw fil-klinika għall-benesseri tal-ġeneru.

Il-klinika għall-benesseri tal-ġeneru (Gender Wellbeing Clinic) hija essenzjali biex ikunu indirizzati l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-komunità transgender u fejn meħtieġ s-servizzi mogħtija għandhom jiżdiedu.

# L-ABORT: DIKRIMINALIZZAZZJONI

Matul din il-leġiżlatura l-gvern wara diskussjoni inkrepattiva illeġiżla biex għamilha ċara li l-abort hu permissibli fil-pajjiż meta l-ħajja tal-mara tqila tkun fil-periklu. Kien pass 'il quddiem li kkjarifika dak li tgħid il-liġi. Hu meħtieġ li l-pajjiż jimxi pass ieħor 'il quddiem.

Tul dawn l-aħħar xhur kellna każijiet ta' nisa li għamlu użu minn pinnoli kontra t-tqala u żviluppaw kumplikazzjonijiet li minħabba fihom spiċċaw l-isptar. Minħabba li t-tobba li kkurawhom rrappurtaw dwar il-kaz lill-pulizija, dawn kellhom jiffaċċjaw passi kriminali u l-eventwali sentenza ta' ħabs liema sentenza kienet waħda sospiża.

Din hi sitwazzjoni inaċċettabbli u inevitabilment tista' twassal biex nisa li jkunu jeħtieġu l-kura joqgħodu lura u dan b'detriment għal saħħithom. Is-soluzzjoni mhix, kif ġie issuġġerit mit-tmexxija tal-Partit Laburista, li tingħata l-maħfra Presidenzjali f'każi bħal dawn, wara rakkomandazzjoni tal-Kabinett. Is-soluzzjoni għandha tkun waħda li tappplika għal kulħadd u m'għandiex tkun waħda dipendenti fuq deċiżjoni politika tal-Kabinett.

Mara f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha bżonn l-għajnuna u mhux li tkun ippersegwitata. Is-soluzzjoni għaldaqstant mhix maħfra Presidenzjali iżda dikriminalizzazzjoni.

Fil-pajjiż illum il-ġurnata hawn il-pluraliżmu etiku: valuri differenti li jikkuntrastaw. Hu għaldaqstant essenzjali li t-tobba jitħallew, skont il-kuxjenza tagħhom, li jiggwidaw lill-pazjenti tagħhom f'dawn il-materji mingħajr ma jġorru piena kriminali. Ikollna ferm inqas problemi kieku iktar nisa jħossuhom komdi li jfittxu parir mediku qabel jaġixxu. Id-dikriminalizzazzjoni tgħin biex dan iseħħ.

Sfortunatament id-dibattitu fuq dan is-suġġett għadu emottiv iktar milli razzjonali. Sal-lum dan żammna milli nindirizzaw il-problemi li ilhom jakkumulaw is-snin. Huwa essenzjali li l-professjoni medika tkun iktar involuta fid-dibattitu. Kemm dik il-parti tal-professjoni li taqbel kif ukoll dik il-parti li ma taqbilx. Irridu nirrealiżżaw li l-opinjonijiet differenti iridu jikkoeżistu għax kull mara li teħtieġ is-servizz għandha d-dritt li tingħata parir onest biex hi tkun tista' tagħmel l-għażliet tagħha mingħajr biża' li tista' tpoġġi ħajjitha fil-periklu.

Il-pajjiż ma jimxix il-quddiem bl-intolleranza iżda billi niddiskutu b'mod ċar l-għażliet li għandna quddiemna.

# ILKOLL UGWALI

L-ugwaljanza fis-soċjetà hi għan li naħdmu għaliha bħala partit b'politika Ħadra. L-ugwaljanza għandha tirrifletti l-identitajiet kollha tal-persuna, u kif dawn jirrelataw ma' xulxin b'mod intersezzjonali.

Fl-2014 Malta għamlet pass kbir il-quddiem meta b'emenda kostituzzjonali ħarset l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali. Dan għandu jkun estiż biex jinkludi d-diżabilità, u l-karatteristiċi tas-sess, li għandhom ikunu protetti f'kull qasam tal-ħajja.

Jeħtieġ koordinazzjoni bejn il-kummissjonijiet tal-ugwaljanza u dik tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, sabiex dawn is-suġġetti ma jiġux indirizzati għalihom waħedhom b'mod iżolat, imma f'relazzjoni ma xulxin.

Il-politika u s-servizzi kollha mogħtija kemm mill-istat kif ukoll mis-settur privat għandhom jirrikonoxxu id-diversità u għandhom jindirizzaw u jipprevjenu kontra kull xorta ta' vjolenza u diskriminazzjoni. Inkluż kontra persuni b'diżabilità viżibbli jew mhux, u persuni LGBTIQ+, fost oħrajn. Dan għandu jinkludi aċċess bla diskriminazzjoni għax-xiri ta' oġġetti u servizzi, inkluż fil-qasam tas-saħħa.

Ir-razziżmu u x-xenofobija jinħass li qed jiżdied hawn Malta. Diskors ta' mibgħeda (hate speech) indirizzat lejn min mhux Malti ma jiġix biss minn politiċi tal-lemin estrem, imma wkoll minn uħud li qegħdin qrib iċ-ċentru tal-ispettru politiku. Hemm bżonn li jiġu mħarsa d-drittijiet ta' kull min jgħix Malta, irrispettivament mill-mod li bih ikun wasal fi xtutna.

Inkomplu ninsistu għal pagi ugwali għal xogħol ta' valur identiku. Hu meħtieġ li tkun indirizzata l-gender pay gap, u li l-istrutturi tal-poter ikunu jirrispettaw bilanċ bejn il-ġeneri. Dan għandu jkun rifless ukoll fil-kompożizzjoni tal-bordijiet tad-diretturi tal-kumpaniji kollha, inkuż dawk fis-settur privat.

Hi meħtieġa garanzija ta' aċċess għal servizz u edukazzjoni li tindirizza s-saħħa sesswali, relazzjonali, u riproduttiva ta' kulħadd.

Jeħtieġ li nkomplu nikkumbattu l-vjolenza a bażi tal-ġeneru, l-vjolenza domestika, u l-vjolenza bejn koppja (intimate partner violence).

L-edukazzjoni relazzjonali u sesswali għandha tkun mandatorja fl-iskejjel kollha bla distinzjoni. Din għandha tinkludi ukoll taħriġ dwar l-ogħtja ta' kunsens, informazzjoni dwar relazzjonijiet LGBTIQ+, kif ukoll rispett lejn persuni li ma jesperjenzawx attrazzjonijiet sesswali (asexuality).

# ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI U L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA

Malta ttieklet minn ġewwa minħabba l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

Membri Parlamentari eletti f'isem l-ADPD jaħdmu sabiex f'Malta tibda tissaħħah il-kultura tas-saltna tad-dritt u tinbidel il-kultura li tippremja l-Mafja.

Jippromwovu inizjattivi sabiex:

1. Jiġu implementati bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-kummissjoni ta' inkjesta pubblika dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
2. Titwaqqaf inkjesta b'esperti lokali u internazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi 'long term' li daħal fihom il-Gvern wara l-2013, fosthom dawk ta' l-Electrogas u l-Vitals;
3. Sakemm jitlestew l-inkjesti, fejn dovut, jiġu sospiżi pagamenti lill-kumpaniji privati involuti billi dawn il-pagamenti jiġu depożitati fil-Qorti. Il-pagi tal-ħaddiema ta' dawn il-kumpaniji u suppliers lokali affetwati jitħallsu mill-gvern minflok, jekk ikun hemm bżonn, sakemm jitlestew l-inkjesti. Flus imħallsa mill-gvern f'pagi jitnaqqsu minn ammonti mħallsa mill-gvern fil-qrati;
4. Tieqaf l-iskema ta' bejgħ tal-passaporti li dwarha ma naqblux fil-prinċipju;
5. Titwaqqaf National Crime Agency b'esperti lokali u internazzjonali sabiex tinvestiga l-kriminalita organizzata, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni fil-politika fost l-oħrajn. Din l-aġenzija tieħu l-ordnijiet mill-magistrat specjali anti-Mafja. L-FIAU ssir divizjoni ta' din l-aġenzija
6. Titwaqqaf kummissjoni internazzjonali li tinvestiga l-kuntrabandu speċjalment il-kuntrabandu fuq Hurd's Bank – ir-reponsabbilità Maltija ghal din l-inkjesta taqa' taħt in-National Crime Agency;
7. Titwaqqaf skema ta' whistleblower protection fil-Planning Authority sabiex jiġu investigati każijiet ta' korruzzjoni politika u/jew abbuż ta' poter fl-għoti tal-permessi ta' żvilupp;
8. Jiġu multiplikati r-riżorsi mogħtija għal investigazzjonijiet eżistenti fi ħdan il-Pulizija dwar korruzzjoni politika u ħasil ta' flus;

# NEWTRALITÀ

Malta fl-2004 issieħbet fl-Unjoni Ewropea għal diversi raġunijiet. Fuq quddiem fost dawn ir-raġunijiet hemm il-ħsieb bażiku li l-Unjoni Ewropea bdiet tinbena u ġiet żviluppata bħala proġett ta' paċi. Dan kien ħsieb ewlieni tal-fundaturi li wara żewġ ġwerer fi spazju ta' ftit iktar minn tletin sena raw qerda liema bħala.

Malta mhux biss daqet il-qilla tal-gwerra imma kellha ekonomija marbuta mal-magna tal-gwerra. Ekonomija li rrendiet il-qgħad u l-għaks fi żmien il-paċi, bejn iż-żewġ gwerer.

L-għażliet ta' pajjiżna dejjem kienu ċari. Mill-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919, il-kisba tal-Indipendenza, l-għeluq tal-bażi militari u s-sħubija fl-Unjoni Ewropea, dawn huma kollha passi ċari u determinati, il-mixja ta' poplu favur il-paċi u kontra l-gwerra. Huma għażliet ta' poplu mġarrab li tgħallem mhux biss li ma jridx jiġġieled il-gwerer ta' ħaddieħor imma fuq kollox li fehem li l-akbar u l-aħjar futur jista' jitnissel f'ambjent ta' sliem.

Malta Indipendenti, ħielsa minn bażi militari setgħet tiżviluppa ekonomija li ma tiddependix mill-gwerrer.

Fid-dawl ta' dawn l-esperjenzi Malta illum tħaddan obbligu kostituzzjonali li taħdem dejjem favur il-paċi.

Il-politika ta' newtralità kif miktuba fil-kostituzzjoni hi iktar newtralità militari. Mhiex ċertament newtralità politika, għalkemm ir-rabta tal-kliem fl-artiklu 1 tal-kostituzzjoni mhux dejjem ċar. Forsi xi darba dan nindirizzawh.

Huwa f'dan il-kuntest ta' newtralità militari miktuba fil-kostituzzjoni li ma jagħmilx sens illi l-Parlament Malti, bis-serqa,

fi ftit sekondi, matul il-leġislatura li għadha kif spiċċat, għażel li jissieħeb bħala membru assoċjat tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO. Deċiżjoni li tmur kemm kontra l-kelma kif ukoll kontra l-ispirtu tal-artiklu 1 tal-Kostituzzjoni li jiċħad kull assoċjazzjoni militari għal Malta tagħna.

ADPD fil-Parlament jinsisti li din id-deċiżjoni titħassar bla dewmien.

Din id-deċiżjoni tal-Parlament Malti dwar l-Assemblea Parlamentari tan-NATO hi sfortunatament riflessa ukoll fir-rwol li Malta addottat fid-dibattitu Ewropew fuq il-politika ta' difiża. Nissottolinjaw li fl-2004 Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea, ma issieħbitx fin-NATO. Sfortunatament, iżda, ir-retorika tal-gwerra, bħalissa qegħda tiddomina d-dibattitu dwar il-politka tad-difiża u riżultat ta' hekk fondi Ewropej qed jispiċċaw bħala għalf utli għall-industrija tal-armamenti, primarjament dik Ġermaniża.

Malta ma semmgħetx leħinha biżżejjed dwar dan. Lanqas ma kien hemm resistenza diċenti għall-ħolqien ta' Kummissarjat tad-Difiża, għażla ikkundizzjonata mir-retorika tal-gwerra li qed dejjem tidwi fil-kontinent.

Nifhmu li Lvant tal-Ewropa li għandu togħma morra tal-gwerra, hu mwerwer. Imma anke f'sitwazzjoni daqstant diffiċli l-biża' m'għandhiex titħalla tostakola kull attentat għall-paċi. Paċi riżultat tad-djalogu ġenwin, mhux paċi sfurzat riżultat ta' sottomssjoni.

Fl-Unjoni Ewropea hemm veduti kuntrastanti dwar dan. L-espansjoni tan-NATO lejn il-Lvant b'mod li ġew inkorporati prattikament dawk il-pajjiżi kollha li kienu fil-Patt ta' Varsavja, xejn ma jiffaċilità l-affarijiet. Bl-eċċezzjoni ta' Malta, l-Awstrija, l-Irlanda u Ċipru, l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma membri tan-NATO. Riżultat ta' hekk id-distinzjoni bejn Unjoni Ewropea u n-NATO, diversi drabi ftit li xejn tidher. Dan hu problematiku għax Malta ma isseħbitx fin-NATO imma fl-Unjoni Ewropea.

In-newtralità kostituzzjonali ta' Malta mhiex kompatibbli ma' dan l-ambjent li jigglorifika l-infieq sfrenat fl-armamenti. Malta għandha l-obbligu li tagħti kontribut qawwi biex il-proġett ta' paċi Ewropew jerġa' jiġi fuq saqajh. Bla dubju irridu niffaċċjaw għażliet diffiċli fil-futur qarib. Għalhekk hemm bżonn ta' diskussjoni serja fil-pajjiż fuq is-sigurtà nazzjonali, id-difiża u t-tifsira tan-newtralità fil-kuntest tat-taqlib ġeopolitiku bla preċedent li qed niffaċċjaw.

# IMMIGRAZZJONI

Il-politika dwar l-immigrazzjoni hi ibbażata fuq il-prinċipji bażiċi ta' solidarjetà. Il-ħidma tagħna f'dan il-qasam hi kontinwament ispirata minn prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll mill-obbligi internazzjonali ta' pajjiżna.

L-immigrazzjoni irregolari fis-Central Mediterranean Route qed iwassal għall-iktar imwiet meta ikumparat ma' rotot migratorji oħra. Dan huwa riżultat dirett tal-politika ta' push backs tal-Unjoni Ewropea li magħha aħna ma naqblux. Jeżistu rapporti li l-Forzi Armati ta' Malta, fil-passat, ġieli injora telefonati ta' emerġenza għal assistenza. Dan mhux aċċettabbli. Kull talba għall-għajnuna ġejja mill-ibħra li għalihom Malta għandha responsabbiltà għas-salvataġġ, għandha tkun imwieġba.

Ma nistgħux naħarbu mir-realtà ta' madwarna u nkunu indifferenti għad-diffikultajiet li jiffaċċjaw dawk maħruba mill-persekuzzjoni, ifittxu futur ġdid għalihom u għall-għeżież tagħhom. Għandna l-obbligu li nagħtu kenn u għajnuna lil kull min jeħtieġha, mingħajr eċċezzjoni.

Il-ftehim mal-coastguard tal-Libja għandu jkun riveduta minnufih. Dan il-ftehim ta' kollaborazzjoni ta' Malta mal-Libja f'dan il-qasam ħafna drabi hu tradiment tal-obbligu li nsalvaw in-nies li jkunu jeħtieġu l-għajnuna tagħna u dan għax fil-Libja hu fatt li ma hemm l-ebda rispett lejn id-drittijiet umani.

Il-każ kontra l-hekk imsejħa El Hiblu 3 issa ilu għaddej 7 snin. Iż-żgħażagħ ikkonċernati f'dan il-kaz mhumiex terroristi u għandhom jingħataw il-ħelsien immedjatament biex jgħixu ħajjithom fil-kwiet.

Avukati u social workers għandhom ikollhom aċċess għaċ-ċentri ta' detenzjoni ġewwa Malta sabiex jassistu f'każijiet ta' persuni li qed jfittxu l-ażil. B'mod ġenerali aħna naqblu mal-ħidma tal-NGOs Maltin li jaħdmu f'dan il-qasam. Il-Gvern

għandu jfittex li jaħdem id f'id ma' dawn l-NGOs u in partikolari għandu jevita dejjem li jipprova jikkriminalizza l-ħidma tagħhom.

Hu meħtieġ ukoll li nagħmlu dak li nistgħu biex ikunu riunifikati familji ta' refuġjati. B'mod partikolari għandu jkun emfasizzat li bosta mill-refuġjati ġejjin minn pajjiżi fejn ir-relazzjonijiet LGBTIQ+ mhux rikonoxxuti.

Għandha tingħata għajnuna kull fejn possibbli biex anke f'dawn il-każijiet tkun mgħejuna r-riunifikazzjoni.

Aħna ma naqblux mal-politika l-ġdida tal-esternalizazzjoni tal-fruntiera tal-UE. Bħala pajjiż fil-fruntiera tal-UE nistennew li nkunu mgħejuna fir-riallokazzjoni ta' refuġjati li jaslu Malta. Malta għanda bżonn iktar għajnuna, inkluża dik finanzjarja, biex tkun tista' tipproċessa l-każijiet ta' persuni li qed jfittxu l-ażil (asylum seekers). Il-pajjiżi fuq il-fruntiera tal-UE m'għandhomx jibqgħu jerfgħu r-responsabbiltà għall-migrazzjoni irregolari prattikament waħedhom.

## IS-SETTUR TAL-ARTI, TAL-FILMS U L-INDUSTRIJI KREATTIVI

Fost il-bosta problemi li jaffaċċjaw l-artisti f'pajjiżna, inkluż in-narrattiva li artist qed jagħmel "hobby" u mhux xogħol. Il-pagi huma baxxi. Il-fondi ta' għajnuna huma limitati, meta jeżistu. L-indħil hu eċċessiv: dan joħnoq lill-artist u jillimita sostanzjalment l-awtonomija tiegħu. Dan iseħħ b'mod partikolari fejn jidħlu suġġetti li min jipprovdi l-fondi jqishom kontroversjali jew sensittivi wisq għall-pubbliku in ġenerali.

Id-deċiżjonijiet kreattivi għandhom jibqgħu f'idejn l-artisti Maltin. Aħna kapaċi noffru aktar minn servizzi bażiċi fis-settur tal-films. Minkejja li s-settur tal-films ħafna drabi jiġi ċċelebrat, hemm nuqqas ta' spazju għal artisti Maltin u lokali. Fil-fatt, is-settur spiss jiġi trattat biss bħala wieħed ta' servizz bħal huwa l-catering, it-trasport, ħsieb ix-xagħar u l-irtokk.

L-artisti li jaħdmu f'dan is-settur jisthoqqilhom aħjar. Għandhom jingħataw opportunitajiet bħala kapijiet ta' dipartimenti kreattivi (fotografija, kitba ta' scripts, eċċ.), u kull produzzjoni barranija li ssir f'Malta għandha tinkludi persentaġġ ta' ħaddiema lokali f'dawn ir-rwoli, jew tal-inqas tipprovdi mentoring.

Peress li r-rebate tat-taxxa ta' 40% japplika biss għal films b'baġit ta' aktar minn €200,000, qed jikkwalifikaw prinċipalment produzzjonijiet barranin. Huwa ta' għajb li films indiġeni Maltin, kemm dokumentarji, fizzjoni jew animazzjoni, ma jibbenefikawx mill-istess inċentivi u opportunitajiet. Parti mid-dħul minn produzzjonijiet barranin għandha tiġi ri-investita fis-settur tal-films indiġeni.

L-artisti għandhom jibbenefikaw minn rata ta' VAT aktar baxxa. Għandna nintroduċu sistema simili għal dik Franċiża li tirrikonoxxi n-natura instabbli u temporanja tax-xogħol artistiku, u li tipprovdi fondi adattati kif ukoll aktar investiment fit-taħriġ speċjalizzat.

Hemm bżonn niffaċilitaw l-aċċess għal studjows ta' kwalità għall-artisti lokali.

# IS-SETTUR VOLONTARJU U L-NGOS

L-ispazju għall-għaqdiet volontarji qed, sfortunatament, jonqos dejjem aktar. Il-voluntiera—minn dawk taż-żgħażagħ sa dawk ambjentali—jagħtu servizz ta' valur kbir lis-soċjetà Maltija.

Madankollu, qed jiffaċċjaw burokrazija eċċessiva, speċjalment mal-banek, kif ukoll diffikultajiet kontinwi biex isibu spazji u faċilitajiet adegwati minn fejn joperaw.

Għaqdiet volontarji li għandhom il-bini tagħhom għandhom jingħataw sostenn biex l-enerġija li jużaw tkun kompletament rinovabbli, permezz ta' fondi ddedikati.

Il-Work Release għal impjegati tas-settur pubbliku għandu jiżdied, sabiex impjegat ikun jista' jaħdem ma' għaqda volontarja għal ġurnata fil-ġimgħa mingħajr ma jitlef ix-xogħol regolari tiegħu.

Għandu jiġi introdott ukoll il-Work Release fis-settur privat, b'inċentivi speċifiċi għan-negozji.

ahdar.green